# IL-MALTI

RIVISTA TA'
L-AKKADEMJA TAL-MALTI
(GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI)

**IT-TIELET U R-RABA' KTIEB**
**TAS-SENA 1986**

**IT-62 SENA**

## DUN KARM



**– EGĦLUQ il-**
**25 sena mill-mewt tiegħu**

*Ħarġa Speċjali*

11 372

UNIVERSITY OF MALTA LIBRARY MELITENSIA

# IL-MALTI

IMWAQQAF F'MARZU 1925
MILL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI
illum imsejħa
AKKADEMJA TAL-MALTI

**BORD EDITORJALI**

*Editur:* Joseph M. Ghigo S.J.
c/o 'Xavier House',
226 Triq S. Pawl,
Il-Belt.
Tel: 623681.

*Membri:*
P. Alfred M. Previ
Joseph J. Camilleri
Dr. Wallace Ph. Guilia
Joe Zammit Ciantar

Kull korrispondenza għandha tintbagħat lill-Editur.
All communications should be addressed to the Editor.
Ogni corrispondenza da spedirsi al Direttore
Toute correspondance doit être envoyée au Dirècteur

**© Il-Jedd ta' riproduzzjoni ta' artikli/poeżiji pubblikati f'*Il-Malti* huwa miżmum mill-awturi rispettivi tagħhom u mill-Akkademija tal-Malti u xejn ma' jista' jiġi pubblikat mingħajr il-permess meħtieġ bil-miktub tagħhom.**

## MATERJAL GĦALL-PUBBLIKAZZJONI

*Mhux bilfors li kull xogħol li jintbagħat lill-Bord Editorjali jiġi pubblikat f'*Il-Malti*. Il-Bord għandu d-dritt ma jip-pubblikax artiklu/i u/jew poeżija/i mingħajr ma' jagħti ebda raġuni.*

Il-Bord Editorjali

Ritratt tal-Qoxra: DUN FRANS CAMILLERI

Disinn u Produzzjoni tal-pubblikazzjoni **Joe Zammit Ciantar**
Issettjat għand il-**Promotion Services Ltd.**, Sliema
Mitbugħ fl-istamperija **Gutenberg** – Żabbar

**WERREJ**


Lil Dun Karm Jixraqlu Tassew (Editorjal) 1
*Patri J. M. Ghigo S.J.*
Pellegrinaġġ . . . Kulturali 3
Min hu Dun Karm? 5
*Joe Zammit Ciantar B.A., M.A.*
Tifkira ta' Dun Karm 17
*Mons. Law. Cachia*
Il-Versi ta' Dun Karm Għalija 21
*Dr. Daniel Micallef, Ministru ta' l-Edukazzjoni u l-Ambjent*
Monument lil Dun Karm 25
*Dr. Anton Buttigieg*
Sensibilità u Kontroll fil-Karattru ta' Dun Karm 31
*Ġorġ Pisani*
Xi Jfisser Dun Karm Għalija 39
*Victor Fenech B.A.*
Dun Karm – kif Narah Jien 41
*Achille Mizzi*
X'Impressjonani f'Dun Karm 43
"To my Friend Dun Karm" 47
"To my Canary" 49
*Prof. Ġużè Aquilina*
Nota Dwar il-Poeżija ta' Dun Karm 53
*Dr. Wallace Ph. Gulia*
L-Impressjonijiet Tiegħi Dwar Dun Karm u l-Poeżija Tiegħu 59
*Ġużè Chetcuti*
Ħassejtni Miblugħ u Mriegħed ħdejn Dun Karm 63
"Lil Dun Karm" 76
*Dun Frans Camilleri*
Dun Karm Għalija 77
*Alfred Massa*
"Quis Ut Deus?" 83
*Pawlu Mifsud*
Meta Dun Karm ta l-Pinna Tiegħu b'Rigal 87
"Defunctus Adhuc Loquitur" 90
*Patri Alfred M. Previ B.A. (Hons.), A.I.L.*
"Monsinjur Dun Karm Psaila" 92
*Karmenu Vassallo*
Meta Dun Karm Tilifha għal Vot 93
*Joe Camilleri B.A., M.A.*
Diwi ta' l-Innu Malti . . . 95
*Ġużè Cardona B.A. (Hons.), M.A.*
"Il-Ġerrejja u Jien" ta' Dun Karm – Nota Stilistika 97
*Charles Briffa B.A. (Hons.), M.A.*
'Pro Memoria – Ħsibijiet Żgħar' – Manuskritt ta' Dun Karm 103
*Dr. Oliver Friggieri*
Kif Fakkru 'l Dun Karm 117
Reċensjoni 125

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ
L-AKKADEMJA TAL-MALTI
(Għaqda tal-Kittieba tal-Malti)

IT-TIELET U R-RABA' KTIEB 1986 IT-62 SENA

*EDITORJAL*

# LIL DUN KARM JIXRAQLU TASSEW

Il-Kunsill ta' l-Akkademja tal-Malti kien ilu jaf li dis-sena hija l-25 waħda mill-mewt tal-Poeta Nazzjonali tagħna, Dun Karm, kif jafu kulħadd. Għalhekk kien jixraqlu tassew li jitfakkar aktar minn f'kull sena oħra, kif tħobb tagħmel b'għożża kbira Karmen Mikallef Buħaġar li b'dan il-għan tiġi fostna minn Londra fejn tgħix. U biex il-ħsieb jissarraf f'fatti, il-Kunsill ried jagħmel ħwejjeġ kif jissemmew fil-qosor f'paġni oħra ta' dan in-Numru Speċjali li kien maħsub biex jitfa' dawl ġdid fuq Dun Karm f'din it-tifkira.

Fit-tħejjija ta' dan-Numru Spċjali qamet, bir-raġun kollu, il-kwistjoni tad-daqs tan-nefqa . . . Il-Kunsill deherlu madankollu illi ma għandux jixxaħħaħ ma' Dun Karm għax hu, matul ħajtu kollha, qatt ma xxaħħaħ ma' din l-art ħelwa li tatna isimna u lsienna. U mbierek Alla, instab ukoll min igħinna sabiex dan in-numru-tifkira joħroġ sabiħ u kbir kif qegħdin tarawh imma fl-istess ħin moderat fil-prezz! Għal għajnuna kbira u f'waqtha bħal din niżżuħajr minn qalbna lill-korp parastatali ENEMALTA għax bis-saħħa tagħha nistgħu nilħqu għadd akbar ta' qarrejja f'Malta u Għawdex u 'l bogħod minnhom ukoll.

Lil Dun Karm jixraqlu tassew dan in-Numru Speċjali għax il-Poeta Nazzjonali kien ukoll fost il-pijunieri illi tħabtu u ħabbtu wiċċhom ma' xkiel kbir sa ma Lsienna ngħata libsa xjentifika li tixraqlu u b'dik il-libsa kiseb għarfien uffiċjali mill-awtoritajiet nazzjonali. Tajjeb li niftakru li Dun Karm kien fost il-membri ewlenin tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum l-Akkademja tal-Malti, fis-snin għoxrin, immexxija b'ħilá kbira minn Ġużè Muscat Azzopardi bħala l-ewwel President tagħha sa ma miet fl-1927. kważi 60 sena ilu. Warajh

inħatar Dun Karm bħala t-tieni President li mexxa l-Għaqda tagħna għal snin twal u diffiċli li raw sa fl-aħħar l-għarfien uffiċjali ta' Lsienna f'artu.

It-tħejjija ta' dan-Numru Speċjali swiet ħafna ħsieb u ħidma, kemm minn dawk li jidher isimhom bħala kittieba, kif ukoll minn dawk li isimhom ma jidhirx imma tawna ideat, għamlulna l-qalb, sabulna għajnuna, eċċ., fil-Bord Editorjali, fil-Kunsill u barra minnhom ukoll. Ġie li jkun hemm dawk li jwegħduk kitba jew ritratt li ma jaslu qatt, jew li jdewmuk iżjed milli tixtieq. Imma mbagħad hemm ukoll dawk li jħaffulek ix-xogħol biex dan in-Numru Speċjali sa fl-aħħar jara d-dawl u jasal f'idejk! Lil dawn kollha niżżuhom ħajr, lil min anqas u lil min aktar, kif jixraq.

Dun Karm ħalliena 25 sena ilu. Imma t-tifkira tiegħu għadha ħajja, magħna, fil-poeżija tiegħu, għax il-poeta ma jmutx! Kien hawn min ħasel idgħajjef, biex ma ngħidux iwaqqa', it-tifkira tal-Poeta Nazzjonali, iżda l-effett ta' dik ix-xejra jafha kulħadd. Min igħożż tassew lil Dun Karm bħala poeta u, f'sens aktar wiesa', bħala letterat Malti, ikollu joqgħod attent biex iqisu fiċ-ċirkostanzi ta' żmienu, u mhux iqisu b'xiber barrani għalih għax b'hekk jingħata servizz ħażin lil-letteratura u lill-istorja ta' artna.

Jixraq li niftakru u nfakkru li kmieni f'ħajtu Dun Karm ħass is-sejħa ta' poeta u għall-ewwel kienet ħaġa naturali għalih f'dawk is-snin imbiegħda li jfisser ruħu bil-lingwa ta' Dante. Hekk kien ilu jsir f'Malta sal-bidu tas-seklu għoxrin. Imma ma għaddewx ħafna snin meta, bl-inkoraġġiment ta' ħbieb tal-qalb, Dun Karm qatagħha li jsemma' leħnu bil-Malti, bla ma ċaħad it-Taljan. Dan ġara fi żmien meta l-Malti la kien meqjus ilsien tal-kultura u wisq inqas nazzjonali, meta Dun Karm kien qassis fi Knisja li l-Papa Ġwanni XXIII kien għadu ma ħolomx li jbexxqilha t-twieqi għaż-żiffa ħelwa ta' Vatikan II. Fil-għalqa tal-Malti, Dun Karm kien ħaddiem tas-sigħat bikrija u għall-għarfien tiegħu ta sehmu bil-kbir f'ħinu u f'waqtu, kif ġa semmejna. Biss li kieku Dun Karm għadu fostna llum, żgur li kien jitnikket jara u jisma' lil ħutu jħarbtu lsienhom minkejja l-progress fl-edukazzjoni għal kulħadd: ħafna Maltin għadhom ma fehmux kif Malta tista' tkun tassew Maltija, fil-lsien u l-qalb, bla ma tinfatam mid-dinja ta' madwarha.

Fiż-żmien meta Dun Karm kien laħaq il-maturità umana u poetika tiegħu, kienet qiegħda tissejjes Malta ta' żmienna. Il-Bandiera Maltija kienet ilha li twieldet, imma l-Innu Nazzjonali tahulna hu. Fih Dun Karm jesprimi sentimenti mill-isbaħ minsuġa fuq skala ta' valuri

umani li ma għandhom qatt jinqalbu mill-ebda progress mifhum tassew tajjeb għall-ġid ta' kulħadd. Mogħni b'dak ir-realiżmu tal-ħajja madwaru fl-ibliet u fl-irħula, imżejjen b'sejħa doppja li qarrbitu dejjem aktar lejn dak li hu Tajjeb u Sabiħ, Dun Karm għaraf iħallilna messaġġ li jidwi siewi għal dejjem: "Seddaq, (Mulej) il-għaqda fil-Maltin u s-sliem." Il-pika u l-firda kienu jeżistu fi żmien Dun Karm ukoll, imma hu żamm ruħu 'l bogħod minnhom – għalhekk il-messaġġ tiegħu jinħass ħiereġ minn qalb sinċiera u minn moħħ ta' profeta li jilmaħ fil-bogħod, għall-ġid tagħna lkoll u mhux għal xi interess ieħor. Anzi nistgħu nżidu li Dun Karm, bħala qassis-poeta li ma ħalliex lilu nnifsu jmil u jxaqleb lejn interessi sezzjonali u partiġjani, sar simbolu sieket ta' għaqda fi ħdan poplu żgħir fejn in-nuqqas ta' għaqda jinħass wisq iżjed milli f'popli oħra f'artijiet akbar.

# PELLEGRINAĠĠ . . . KULTURALI!

F'dan in-Numru Speċjali f'egħluq il-25 sena mill-mewt tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm ridna ndaħħlu din in-nota qasira: mingħajr-ha kien ikollna xi ħaġa nieqsa. Din is-sena bosta nies u korpi fakkru lil Dun Karm b'diversi modi: hekk jixraqlu tassew! Imma hawn irridu niġbdu l-attenzjoni għas-snin ordinarji, meta Dun Karm jiftakkar minn ċirku idjeq ta' ammiraturi; minn ta' quddiem fosthom insibu lil Karmen Mikallef Buħaġar. Din il-mara kull sena toqgħod tinqala' minn darha f'Londra biex tiġi fostna għax-xahar ta' Dun Karm u tfakkru fl-Università u f'postijiet oħra b'xi taħdita studjata fuq xi aspett tal-Poeta Nazzjonali.

Sabiex it-tifkira ta' Dun Karm issir aktar dejjiema kienet Karmen Mikallef Buħaġar ukoll li tħabtet u stinkat biex fil-Mużew tal-Kattidral fl-Imdina jkun hemm is-sala Dun Karm li nfetħet is-sena l-oħra.

Ftit taż-żmien ilu, meta l-Kunsill ta' l-Akkademja tal-Malti għarraf lil Karmen Mikallef Buħaġar bil-ħsieb li joħroġ dan in-Numru Speċjali fuq Dun Karm, fost l-oħrajn kitbitilna hekk:

"Nifraħ li x-xahar id-dieħel, f'egħluq il-XXV sena mill-mewt ta' DUN KARM PSAJLA l-Poeta Nazzjonali tagħna, l-Akkademja biħsiebha toħroġ għadd ta' *IL-MALTI* maħtur f'ġiehu. Ħsieb dinjituż li jfakkar dan il-MALTI Kbir, l-ikbar fost il-Maltin. Hu għolla isem MALTA mas-smewwiet billi laħħaq ilsienna fil-quċċata qrib oħrajn wisq iżjed setgħana minnu."

Imma l-għożża ta' Karmen Mikallef Buħaġar, xempju tassew għall-

Maltin kollha f'arthom u 'l bogħod minnha, ma ddurx lejn Dun Karm biss. Tiftakar ukoll f'ħafna kittieba Maltin u Għawdxin oħra . . . Xhieda tal-pellegrinaġġ kulturali tagħha mġedded fostna kull sena huma l-ħafna rħamiet minquxa bl-ismijiet ta' ħutna u mxerrda mar-rħula u l-bliet fejn għexu u ħadmu biex sebbħu l-Letteratura Maltija u kabbru l-identità Maltija.

Karmen ukoll għenet minn butha biex din il-ħarġa ta' *Il-Malti* setgħet issir daqshekk voluminuża.

**J.M.G.**

*(Bil-ġentilezza ta' The Times). Karmen Mikallef Buħaġar, wara li għal snin twal kienet Membru Korrispondent ta' l-Akkademja tal-Malti, fl-1984 inħatret Membru Akkademiku ta' l-istess Akkademja. Fir-ritratt jidher Patri J. M. Ghigo S.J., President ta' l-Akkademja, jagħti d-diploma lil Karmen Mikallef Buħaġar f'Jum Dun Karm nhar it-18 ta' Ottubru 1984, fl-Università l-Qadima tal-Belt Valletta.*



**Joe Zammit Ciantar**



# Min hu Dun Karm?

Ħafna minna, miġbura hawn ġo din il-Knisja ta' Ħaż-Żebbuġ, għalkemm mimlija bil-għomor u ilu li miet ħamsa u għoxrin sena, lil Dun Karm qatt ma rawh. Imma nemmnu, li għad li wħud wisq u oħrajn ftit, kollha kemm aħna nafu li l-isem Dun Karm, mingħajr il-kunjom tal-familja – PSAILA, m'huwa ta' ħadd għajr tal-poeta Malti li wkoll meta kien għadu ħaj, permezz tal-poeżija tiegħu bil-Malti kien diġà magħruf sew kemm minn bosta Maltin kif ukoll minn għadd ta' barranin.

Min hu dan Dun Karm li, għalkemm ilu li ħalliena 25 sena għadna nisimgħu dwaru, naqraw fuqu (kultant ukoll forsi b'ċertu disprezz minn min x'aktarx le fehmu sewwa jew le jaqbel mal-fehmiet tiegħu) fil-ġurnali, rivisti u l-mezzi tax-xandir? Min hu dan il-poeta li l-istudenti tagħna għadhom jistudjaw il-kitbiet tiegħu u aħna llum qegħdin miġbura hawn ġew nagħtuh qima f'egħluq il-ħamsa u għoxrin

(Taħdita għal-Lejla Mużiko-Letterarja, it-Tlieta, 14 ta' Ottubru, 1986. fil-Knisja ta' Ħaż-Żebbuġ għall-okkażjoni ta' egħluq il-ħamsa u għoxrin sena mill-mewt ta' Dun Karm)



*Ritratt ta' Dun Karm f'Tas-Sliema – meħud minn Dun Frans Camilleri nhar il-15 ta' April, 1952. Fuq wara tidher fi nkwadru żgħir santa ta' San Ġwann Bosco: qaddis li kien għażiż għall-poeta.*

sena minn mewtu? Kif ingħata l-laqam ta' Poeta Nazzjonali?

F'dawn il-ftit ħsibijiet nixtieq neħodkom miegħi bl-immaġinazzjoni tagħkom, lura fiż-żmien biex inkunu nistgħu nifhmu aħjar u napprezzaw aħjar il-figura ta' Dun Karm il-Poeta.

Imma qabel xejn nixtieq nistqarr li jien f'ħajti, lil Dun Karm rajtu darba biss.

Kien fl-1960, jew il-bidu tal-61. Kont ma' ħabib tiegħi Tas-Sliema, għand is-Salesjani. Konna qegħdin nistennew li niltaqgħu ma' xi ħadd fid-dar tagħhom quddiem l-Iskola ta' St. Patrick. Jien kont dħalt fis-sala fejn dak iż-żmien kellhom il-*billiard* – inqatta' l-ħin nara 'l min kien qiegħed medhi fil-logħob. Fil-waqt, wieħed li kien jaf li jien kont "dilettant tal-Malti" resaq fuqi u qalli: "Hux int dilettant tal-Malti? Qatt rajtu 'l Dun Karm?" U mingħajr ma ħallieni nagħtih tweġiba . . . "Dak hu, hemm ara . . ." u bil-werrej urieni figura ta' qassis, mgħobbi bis-snin, bil-qiegħda f'kantuniera, b'rasu baxxuta jaqra l-brevjarju fid-dawl tal-lampi ta' fuq il-mejda tal-*billiard*.

U għaldaqstant irrid ngħarraf li dawn il-ħsibijiet li bihom se nittanta nibni l-figura ta' Dun Karm – bniedem-qassis-poeta – sawwarthom mill-qari ta' studji li għamlu studjużi Maltin bħal Ġużè Aquilina, Ġużè Cardona, Ġużè Cassar Pullicino u Oliver Friggieri; imma forsi l-aktar, mill-qari ta' l-istess poeżiji li ħallielna l-poeta nnifsu, Dun Karm.

Dun Karm twieled f'dan ir-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ, nhar it-18 ta' Ottubru, 1871 (mija u ħmistax-il sena ilu) minn Filippu Psaila u Lunzjata nè Pisani, it-tnejn Żebbuġin, fid-dar numru 18 fi Triq il-Parroċċa. Barra oħrajn li twieldu u mietu meta kien għadhom trabi, Karmenu – kif issemma fil-magħmudija li saritlu dak in-nhar li twieled stess – kellu qablu lil Ġużeppa (1854), Nikol (1858), Toni (1860) u Tereż (1867) u lil Grezz (1875) warajh. Nafu li meta twieled ommu kellha ħanut tal-merċa u missieru kien jinnegozja l-kpiepel tat-tiben u ħwejjeġ tas-sogħda. Nafu wkoll li ftit taż-żmien wara l-familja marret toqgħod f'numru 40, Triq San Ġużepp, dejjem hawn stess fl-istess raħal.

Minn kliem Dun Karm stess nafu li fi tfulitu kien tifel "*imqareb ħafna u ħadd ma kien isib tarfu*," u ta' erba' snin, waqt li kien qiegħed jilgħab, qabeż kelb fuqu u bil-qatgħa nqatagħlu nerv minn għajnu x-xellugija li minnha baqa' mmankat.

Ta' seba' snin, bħal ħafna tfal oħra, Dun Karm beda jmur l-iskola tal-gvern. "*U hawn*", jirrakkonta l-poeta nnifsu, "*bdiet ħajja ġdida għalija, li damet madwar tmien snin; ħajja mimlija ġrajjiet żgħar issa*

*sbieħ, issa koroh, issa ta' ferħ issa ta' biki, issa għaqlin, issa boloh, li bihom aktarx tintiseġ il-ħajja ta' bosta bejn is-seba' u l-erbatax-il sena . . . tifel mibrum . . . sħabi laqmuni l-"oħxon" . . . fuq ruħi, qalbieni . . . l-iskola kont inħobbha għaliex kont irrid nitgħallem . . . kont imqareb . . . ma kellix mistrieħ; naqbeż, niġri, nitbahrad; iżda ma kontx qalil . . . qalbi ma kinitx ħażina . . . kont naqbeż għax-xjuħ . . . lejn ommi kelli qima bla tarf . . . lil ommi qatt ma għedtilha 'le'."*

Dan kien żmien li l-poeta qatt ma nesa u tkellem fuqu fl-awtobijografija li ħalla, f'xi ittri li kiteb lil ħbieb u f'uħud mill-poeżiji bi kliem bħal: "*hena tfuliti*", "*ħajja bla ħsieb*", "*jien nittarraf, nixxabat, niġġerra bla ma naħseb fil-bogħod x'jista' jsir*", "*ngħolli xi tajriet*", "*għar-raba' mid-dar naħrab xi ħarba.*"

Fl-iskola tgħallem materji li aktar 'il quddiem f'ħajtu kellu saħansitra jgħallimhom.

Fiż-żmien li qegħdin insemmu, tliet kwarti tal-poplu Malti la kienu jafu jaqraw u anqas jiktbu. Ftit kienu dawk li kienu jemmnu li l-Malti jista' jitħaddem bħala lsien ta' kultura. L-Ingliż u t-Taljan kienu mgħallma sew u Dun Karm, li ta' 14-il sena daħal is-seminarju, kellu diġà bażi sewwa tat-Taljan.

Aktar 'il quddiem, Dun Karm jistqarr li "*minn tfuliti ħassejt u fhimt li fija kien hemm ruħ ta' poeta,*" "*kont bejn żagħżugħ u tifel . . . ħassejtni dieħel f'ħolma . . . niżel anġlu mis-sema – l-anġlu tal-Poeżija . . . u qalli 'Sehmek il-għana'.*" Imma għall-ewwel, Dun Karm beda jikteb bit-Taljan u meta miet missieru fl-1892, meta Dun Karm kellu biss 21 sena, is-sunett li kitiblu kien bit-Taljan "A mio padre morto".

Il-fatt li missier il-poeta kien ta' spiss ibaħħar bejn Malta u Korfù ħalla ċerta influwenza fuqu.

Qabel xejn, fid-dar l-omm kellha tkun ħanina bħala omm u tad-dixxiplina flok il-missier. Imma fuq kollox, il-baħar, li għalina l-Maltin diġà huwa dehra komuni madwarna, sar bħal protagonist fil-ħajja tal-poeta. Versi sbieħ imnebbha minn dan l-ispunt insibuhom f'uħud mill-poeżiji bħal:

*waħda f'waħda l-mewġ tasal u tmut.*
*Kien il-baħar jitbewwes max-xtajta . . .* ("Waħdi")

*Int biss ma titħarrikx kewkba sabiħa,*
*biex it-triqat tal-baħar lill-qalbiena*
*turi fix-xorti tajba, fil-ħażina.* ("Kewkbet is-Safar")

Silta mill-isbaħ insibuha fil-poeżija "Żgħażugħ ta' Dejjem" fejn iż-żagħżugħ ta' dejjem huwa proprju "il-baħar".

Wara ftit snin fl-iskola primarja, fil-21 ta' Settembru 1885 Dun Karm daħal is-seminarju. Tliet snin wara beda l-kors għal qassis fis-seminarju maġġuri. Hawnhekk studja l-filosofija u t-teoloġija u għalkemm għamel żmien ħabat jaqta' qalbu mill-vokazzjoni, forsi l-aktar wara l-mewt ta' missieru (1892), siefer għall-ewwel darba f'ħajtu fl-1893 u sena wara, ta' 23 sena, ħa l-quddiesa.[1] Imbagħad beda jgħallem fis-seminarju tal-Furjana u aktar tard f'dak ta' l-Imdina.

Fil-ħajja ġos-seminarju kien jieħu sehem fil-logħob tal-ballun. Fil-ħin tal-mistrieħ kien joqgħod idoqq il-mandolina u jieħu sehem f'reċti fuq il-palk. Il-karattru ferrieħi tiegħu kien jagħmlu ħabib ta' kulħadd. Hekk ukoll baqa' wara li qaddes.

*"Taħt il-bixra serja li kienet tiżdiedlu mħabba t-tul tas-suttana, kien hemm bniedem li baqa' tifel, ċajtier u ferrieħi . . . raġel ġentili ħafna ma' kull tip u daqs ta' nies."*

Imma forsi l-ġrajja li ħalliet l-akbar effett fuq Dun Karm kienet il-mewt t'ommu fi Frar, 1909 – u hi midfuna fil-qabar nru. 31 hawn ġew, f'din il-knisja. Il-fatt li trabba l-aktar ma' ommu, il-fatt li sar qassis u baqa' ma' ommu, kienu elementi li ħallew fuq Dun Karm sentimenti ta' mħabba kbira għaliha. F'daqqa waħda ħassu waħdu u f'din is-solitudni, biex aktar tiżdiedlu, sena wara, minħabba xi taqlib fir-regoli tas-seminarju, kellu jitlaq il-ħbieb li kien għamel u jmur joqgħod waħdu f'dar nru. 51, Triq l-Ifran, il-Belt.

Imma l-imħabba tagħha u t-tagħlim tagħha baqgħu fih u fil-poeżiji tiegħu niltaqgħu ma' versi li altru li juruna dawn is-sentimenti. Naturalment, fl-1909, Dun Karm għadu jikteb bit-Taljan u l-ewwel versi għal ommu joħorġu b'din il-lingwa.

Imbagħad, f'dan iż-żmien ta' ħajja solitarja, fl-1912, ġrat il-bidla l-aktar importanti fil-ħajja ta' Dun Karm.

Għodwa waħda, ħabib ta' Dun Karm, Mons. Pawlu Galea u Ġużè Muscat Azzopardi ltaqgħu miegħu u ħajruh jiktbilhom xi poeżija "sabiħa" għall-ewwel ħarġa ta' perjodiku ġdid li kienu se jibdew jippubblikaw bil-Malti – *Il-Ħabib*. U Dun Karm – mar id-dar, fl-għaxija u quddiem xbiha tal-Madonna talab:

*"Għażiża ommi għidli inti x'għandi nikteb; jiena nixtieq nibda b'poeżija miktuba għalik."* Il-poeta nnifsu stqarr li dak il-ħin stess qam bil-ħeffa niżżel dak li ħass fil-poeżija "Quddiem Xbiha tal-Madonna".

U fil-poeżija bil-Malti, Dun Karm, imbagħad, lil ommu jsemmiha

ħafna drabi b'versi mqanqla.

*Għax ommi – tkun imbierka! –*
*Kienet tifla tar-raba'*
*Li ġarrbet xemx u xita.*
*Ġarrbet nuqqas u xaba'.*

*Oh dejjem nibqa' nħobbha*
*Il-kelma t'ommi rżina!*
*Lil ommi ma ħqarthiex xi ħsiebi*
*Għax ommi kienet safja u deh'nha qawwi*
*U jien ħabbejtha kif iħobb poeta.*

*U jien ħabbejtha lil din ix-xwejħa*
*fil-hena ta' tfuliti, fil-milja tar-rġulija*
*u għadni nħobbha bil-qawwa kollha*
*li tagħtini qalbi.*

*Għidli j'ommi*
*li għadek tħobbni kif ħabbejtni dejjem,*
*li għad iżernaq jum ta' ferħ, ta' dija.*

*Għidli j'ommi*
*tmut l-imħabba bil-mewt?*

Dun Karm ħass il-polz tal-poplu li kien jagħmel parti minnu: poplu Malti, il-biċċa l-kbira nies tar-raba' jew ħaddiema ta' l-id, Maltin ~~kattoliċi, li qegħdin igħixu fi żminijiet ta' taqlib, gwerer dinjija, tibdil~~ politiku, soċjali u kulturali, imma fuq kollox Maltin Kattoliċi.

Bejn l-1912 – minn meta Dun Karm kiteb l-ewwel poeżija tiegħu bil-Malti li dehret f'*Il-Ħabib*, sal-mewt tiegħu fit-13 ta' Ottubru, 1961 – f'medda ta' ħamsin sena, bejn Dun Karm ta' 41 sena u Dun Karm ta' armajn 90 sena, il-Maltin ġarrbu żewġ gwerer dinjija (it-Tieni agħar ħafna minn ta' l-ewwel), tibdil politiku – Malta ingħatat is-Self Government fl-1921, semgħu bl-Integration (1958) u bl-Indipendenza (1961); il-Malti ngħata għarfien uffiċjali bħala t-tieni Lsien Uffiċjali fil-pajjiż ma' l-Ingliż (1934); daħlu sewwa d-dawl tal-luċelettrika, it-Telefon, ir-Radju u t-T.V.; l-Ajruplan sar dehra komuni . . . U ma' dawn ġraw festi reliġjużi kbar fosthom il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali fl-1913 u d-domma ta' "Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem (1950). Kien hemm ukoll "taqtigħat oħra" li kienu jifirdu lill-Maltin. Dun Karm ħass bħal kull Malti ieħor imma ddeċieda li jkun Malti tassew mingħajr partiġjaniżmu u la ma' naħa u la ma' oħra.

Bħala poeta-profeta, forsi aktar minn ħaddieħor fil-qasam politiku,

Dun Karm għaraf li jekk hemm xi ħaġa li tassew tista' tgħaqqad u tagħti dinjità nazzjonali din kienet l-Ilsien Malti, l-Ilsien li kien traskurat u mitluq ħafna drabi minn min trabba u trawwem f'ilsna oħra. U għalhekk Dun Karm ittratta fil-poeżija bil-Malti tiegħu dak kollu li jagħmilna Maltin – tradizzjoni, u dinja ta' żmienu, ħajja, ħidma u twemmin u fl-istess ħin għolla l-użu tal-lingwa Maltija u rabtu ma' kultura għolja – il-Malti ma baqax jintuża biss bħala mezz ta' komunikazzjoni imma beda jitħaddem ukoll b'mod artistiku, fil-letteratura. Dun Karm kiteb fuq dak kollu li jagħmilna Maltin b'poeżiji bil-Malti li jagħtu dinjità lil-Lingwa.

Hekk biss jifthiemu meta naqraw il-poeżiji li kiteb lil Malta, u lil nies li jissemmew fl-istorja tagħna bħal Dun Mikiel Xerri u Mikiel Anton Vassalli. Hekk ukoll iridu jifthiemu l-poeżiji li fihom jissemma l-ħaddiem Malti. U hekk ukoll jifthiemu l-poeżiji li fihom kontenut reliġjuż, twemmin nisrani, minn poeta-qassis-kattoliku fost poplu, ta' l-inqas fi żmienu miżmum kważi mija fil-mija Kattoliku.

Fl-1913 hawn Malta sar Kungress Internazzjonali Ewkaristiku. Kien avveniment li ġab hawn Malta nies mid-dinja kattolka u Ġużè Ellul Mercer isemmih b'ċerta devozzjoni fir-Rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir*.

F'din is-sena, Dun Karm kien ilu jikteb bil-Malti SENA. B'dana kollu, għal dan il-kungress kiteb innu bit-Taljan – T'Adoriam Ostia Divina. Fi ftit snin l-innu xtered u beda jitkanta f'ħafna pajjiżi barra minn Malta. Meta qalbu għall-Malti, dan l-innu sar wieħed fost ħafna popolari li kiteb Dun Karm – Nadurawk ja Ħobż tas-Sema.

F'dan l-innu, diġà naraw it-twemmin qawwi ta' nisrani fl-Ewkaristija – "l-hena tal-bnedmin, . . . il-ħlewwa tal-qawwija . . . is-saħħa tal-fqajrin . . . il-qawwa ta' min raqad . . . l-għaxqa tal-ħajjin . . . fik il-qlub huma henjin," ideat li jerġgħu jidhru, kultant b'aktar qawwa, f'poeżiji oħra ta' Dun Karm, aktar 'il quddiem.

Hekk kif qabad din it-triq lil Dun Karm nibdew insibuh jaħdem, jikteb u jippubblika l-poeżiji tiegħu. U din il-kitba malajr bdiet tibnilu għarfien ta' bniedem ta' ħila fil-qasam letterarju.

Fil-fatt fl-1920 lil Dun Karm għażluh biex ikun f'Kummissjoni li kellha tistudja l-ortografija tal-Malti, u sena wara laħaq assistent biblijotekarju.

Fl-1923, nhar is-Sibt, 3 ta' Frar, waqt programm ta' Kunċert Malti organizzat mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum l-Akkademja tal-Malti, il-Malta Union of Teachers u s-Soċjetà Mandolinistika Maltija tal-Birgu, fit-Teatru Manoel, fil-Belt, indaqq għall-ewwel darba l-Innu Malti – kitba ta' Dun Karm (mużika tas-surmast Robert



*L-Eċċelenza Tiegħu Rev. Mons. G. Mercieca, Arċisqof ta' Malta, ħdejn l-Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ, Dun Charles Attard (fuq il-lemin). Fuq in-naħa l-oħra, l-Onorevoli Dr. D. Micallef, Ministru ta' l-Edukazzjoni u Ambjent, Mons. L. Cachia u s-sur Joe Zammit Ciantar mas-sinjura tiegħu.*

Sammut). Il-poeta tkellem kemm-il darba dwar dan l-innu – "Dak innu talba" – kien ta' spiss jisħaq, ukoll ma' ħbieb. U kemm hu hekk, u kemm hu miktub minn nisrani Malti sinċier naraw mill-kliem:

*agħti Mulej, id-dehen lil min jaħkimha . . .*
*seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-Sliem.*

– it-tama għall-għaqda u għas-Sliem fost il-Maltin għal Dun Karm hija biss f'Alla.

Anki t-tama ta' l-aħħar, f'Dun Karm, hija f'Alla. U minn din kien altru li konvint.

Wara l-mewt ta' ommu Dun Karm kien sab l-għajnuna minn mara twajba li kienet tiġi minnu, Ġannina Pisani. Wara marda qalila, Ġannina, ħalliet "dan il-wied tad-dmugħ" u l-poeta ma tnikkitx bi ftit Dun Karm wera x'ħass għat-telfa ta' din it-tieni omm għalih, f'żewġ sunetti "Lil Ġannina Pisani". F'wieħed minn dawn is-sunetti jidher il-qofol tat-twemmin tal-poeta – li wara din il-ħajja hemm oħra isbaħ, fejn kull min jemmen jiltaqa' flimkien ma' qraba u ħbieb;

*Ġannina, il-qabar mhux għal dejjem: sħiħa*
*qiegħda ġo sidri din it-tama kbira;*
*għad terġa' tixgħel ħarstek is-sabiħa,*
*terġa' tal-hena tħeġġek it-tferfira.*

*Il-ġebla li tgħattik għalxejn tkun xħiħa,*
*għax il-wegħda ta' Kristu m'hix qasira:*
*Jekk miegħi tħaddan is-salib, ħafifa*
*tkunlek il-qawma u ruħek ma tkunx fqira.*

*Għad nerġgħu bħalma konna ġewwa darna,*
*henjin f'Dar il-Missier li jħobb 'l uliedu,*
*mal-Ħbieb li fit-tiġrib kienu madwarna;*

*u qatt iżjed ma tgħid tal-ħajja d-dija*
*fejn ġid u ferħ la jonqsu u la jiżdiedu,*
*Ħajja bħal baħar kbir dejjem mimlija.*

Jistax ikun hemm twemmin qawwi iktar minn dan?

Xi poeżiji ta' Dun Karm kienu diġà bdew jinqalbu f'lingwi oħra fosthom Taljan, Ingliż, Franċiż u, saħansitra Spanjol. Fl-istess żmien, l-Għawdxi Laurent Ropa, li kien igħix f'Pariġi, f'artiklu li ppubblika wara li qara poeżiji ta' Dun Karm qal: "Dun Karm *fait figure de poete national*" – Dun Karm jaqta' figura ta' poeta nazzjonali – dan kien fl-1935 meta Dun Karm kellu diġà 64 sena.

Ħames snin wara, mill-Belt mar joqgħod Tas-Sliema u mat-tfaqqigħ tal-gwerra fl-1940 reġa' nġabar ma' niesu hawn, Ħaż-Żebbuġ.

Kien ukoll f'din is-şena li Dun Karm beda jikkorrispondi ma' Karmen Mikallef Buħaġar, mara li dejjem għenet bi flusha fi proġetti f'ġieh Dun Karm.

Ir-rispett lejn Dun Karm minn Maltin li issa aċċettaw kemm il-Malti kif ukoll lilu bħala l-poeta li għanna l-polz ta' pajjiżu, ta' art twelidu, beda, aktar ma jgħaddi ż-żmien, joktor.

1928 – laħaq president ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u editur ta' *Il-Malti*;
1932 – stampawlu xi poeżiji f'*Poeti Maltesi d'Oggi*;
1936 – il-gvern stampa l-poeżija "L-Oqbra", it-traduzzjoni ta' "I Sepolchi" ta' Ugo Foscolo;
1939 – '40 – It-Tabib Ġużè Bonnici ħariġlu tliet kotba ta' poeżiji *Il-Għana ta' Dun Karm*;
1941 – L-Innu Malti ġie aċċettat uffiċjalment bħala l-Innu Malti mill-Kunsill tal-Gvern;
1944 – saret Akkademja Mużiko-letterarja fl-okkażjoni ta' egħluq il-ħamsin sena tas-saċerdozju tiegħu;
1945 – ingħata l-grad ta' D. Litt. (Honoris Gausa) mill-Università ta' Malta;
1946 – ingħata l-Medalja Ġużè Muscat Azzopardi għall-ħidma tiegħu b'riżq il-Malti;
1947 – ingħata responsibbiltà fil-kumpilazzjoni tad-dizzjunarju *Ingliż – Malti* li ħareġ il-gvern fi tliet volumi A – G (1947), H – R (1951) u S – Z (1955);
1954 – Dr. Giovanni Curmi ħariġlu l-ktieb *Liriche* bi 80 poeżija bit-Taljan;
1956 – ir-Reġina Elizabetta II tatu t-titlu ta' C.B.E.
1957 – fuq talba ta' l-Akkademja tal-Malti, il-gvern ħariġlu penzjoni straordinarja;
il-Prof. A.J. Arbery, mill-Università ta' Cambridge, ħareġ il-ktieb *Dun Karm, Poet of Malta*, b'37 poeżija ta' Dun Karm maqluba għall-Ingliż;
1959 – sar bust ta' Dun Karm bil-ħidma tas-Soċjetà Cristus Rex u nġibed film fuq il-ħajja u l-ħidma tal-poeta.

Imbagħad, fl-1961, nhar is-17 ta' Lulju, Dun Karm daħal fl-Isptar

tal-Blue Sisters, Tas-Sliema fejn miet ftit jiem biss qabel egħluq id-90 sena . . . fl-10.00 p.m.

Kif diġà semmejna, Dun Karm darba kiteb:

*"Il-poeta . . ." kelmtu mis-sema, u min fis-sema tnissel*
*la jixjieħ u la jmut.*

*Il-bust ta' Dun Karm fid-daħla tal-Bibljoteka, il-Belt, imżejjen bil-ward aħmar u abjad minn Karmen Mikallef Buħaġar f'Jum mewtu. (ritratt: Dun Frans Camilleri)*



*Il-qabar ta' Dun Karm fiċ-ċimiteru ta' Ħaż-Żebbuġ.*





*Ritratt ta' Dun Karm miġbud minn Dun Frans Camilleri nhar it-12 ta' Ottubru, 1961, xahar qabel il-mewt tal-poeta.*

**Mons. Law. Cachia**



# Tifkira ta' Dun Karm

Niftakar lil Dun Karm bil-qiegħda fl-intrata tad-dar tagħna jitkellem fuq il-Legion of Mary, fuq il-Madonna u, inevitabbilment, fuq l-Ilsien Malti u l-poeżija tiegħu. Kif ġie Ħaż-Żebbuġ xtaq jiftaħ fergħa tal-Legion of Mary u dan irnexxielu jagħmlu bl-għajnuna ta' oħti l-kbira li saret l-ewwel Presidenta. Din kienet ir-raġuni għaliex Dun Karm kien jiġi għandna ħafna drabi. Id-diskorsi tiegħu u l-preżenza tiegħu xegħlu bl-imħabba għall-Malti u għall-poeżija lill-familja kollha.

Bieb ma' bieb mad-dar tagħna kien hemm fabbrika tal-għaġin. U niftakar ukoll li darba rajt lil Dun Karm ħiereġ ferħan, b'nitfa ta' bagalja, li fiha qalb twajba kienet tefgħetlu ftit għaġin li ma kienx isib jixtri bil-fidda meta kien jispiċċa l-bukkun żgħir tar-razzjoni tal-gwerra. U dak inhar ħassejt li dan il-bniedem kbir, bħali u bħal ħafna tfal oħra kien qiegħed ibati l-ġuħ u l-biċċa' tal-gwerra.

Nifakarni ma' grupp ta' tfal oħra tal-Mużew ġejjin minn dawra żgħira, u Dun Karm jiltaqa' magħna, iwaqqafna u jibda jitkellem magħna biex jagħtina tagħlima, anke żgħira, u jieħu gost jara li konna mexjin tajjeb fit-tagħlim tar-reliġjon fil-għaqda tagħna.



*Mons. Lawrenz Cachia waqt li kien qiegħed jagħmel id-diskors tiegħu fil-knisja arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ.* *(Ara p. 113 infra)* *(ritratt: Knisja ta' Ħaż-Żebbuġ)*

Imma l-aktar li niftakru lil Dun Karm huwa fuq l-artal tal-Knisja tad-Duluri f'Ħaż-Żebbuġ. Dun Karm aktarx twil, dritt, serju, imma kalm u hieni, qed iqaddes – jikkonsagra – jitqarben. U meta aktar tard tgħallimt ngħin il-quddiesa kont mhux biss nisma' l-quddiesa tiegħu imma ngħinu wkoll.

Tgħid il-quddiesa ta' Dun Karm, li jiena għent ħafna drabi jum wara jum, kellha xi effett fuq il-vokazzjoni tiegħi? Ma nistax ngħid fiż-żgur. Iżda jiena ċert, u aktar minn ċert, li Dun Karm kellu influwenza fuqi u fuq il-vokazzjoni tiegħi meta, żagħżugħ ta' ħmistax, sittax-il sena kont bdejt naqra aktar u nifhem aħjar il-poeżiji reliġjużi tiegħu miġbura fil-kiteb *X'emmen il-Poeta* li kien it-tieni volum tal-Għana ta' Dun Karm. Emmnuni. Il-kotba nibża' ħafna għalihom u nipprova nżommhom qishom ġodda. Iżda dak il-ktieb tal-poeżiji ta' Dun Karm kien l-uniku wieħed li spiċċa fidi folja folja daqskemm qrajtu u erġajt qrajtu.

Kont bdejt nieħu interess serju fit-tagħlim tar-reliġjon, kont bdejt naqra l-Bibbja wkoll, li soċju tal-Mużew kien jislifni maqluba minn Saydon li kient għadha ħierġa bil-mod, u aktar ma kont nidħol 'il ġewwa fit-tagħlim tal-fidi, aktar kont insib f'Dun Karm espressjoni eżatta u profonda ta' dak li nemmnu fih. U kull meta kont naqra waħdi jew inkanta ma' sħabi l-innijiet tal-ewkaristija, speċjalment dik l-istrofa li tispiċċa:

*Fit-tagħniqa ta' qalbi ma' qalbek*
*Ruħi togħxa fil-mewġ tal-ħlewwiet,*

kont nerġa' nġib quddiem għajnejja lil Dun Karm wieqaf, dritt u hieni fuq l-artal tad-Duluri, idejh marbuta fuq sidru, sewwasew wara li jkun tqarben fil-quddiesa.

U meta qaddist l-ewwel quddiesa – mhux dik solenni li saret fil-knisja l-kbira tliet ġimgħat wara – imma l-ewwel quddiesa wara li l-Isqof qiegħed idejh fuq rasna, u li kont qaddist fil-privat għal ommi u għal ħuti, għażilt il-Knisja tad-Duluri u l-artal fejn kont ngħin lil Dun Karm meta kont għadni tifel.

Umberto Saba darba qal li l-poeżiji huma bżieżaq tas-sapun. Iżda għalija, il-poeżiji ta' Dun Karm kienu ilsna ħajjin ta' nar iħeġġeġ bl-imħabba għal Ġesù Ewkaristija.

Ma hemmx bżonn ngħid li lil Dun Karm bqajt u għadni nħobbu u nżommu b'qassis kbir u b'poeta kbir. Xu wħud qalu: "Imma l-fatt li Dun Karm kien qassis ma kienx limitazzjoni għal-lehma, għall-poeżija tiegħu?" U jiena nistaqsi: "Liema poeta ma kellux il-limitazzjonijiet

tiegħu?" Barra l-limitazzjonijiet li jiġu miż-żmien li fih ngħixu, u mill-ispazju li fih nimirħu, ilkoll għandna ħafna limitazzjonijiet oħra, xi wħud ġejjin mill-istess personalità tagħna. Il-poeta jkun poeta tajjeb mhux jekk ma jkollux limitazzjonijiet – ħaġa impossibbli – iżda jekk, għallinqas f'mumenti speċjali, jittajjar 'il fuq minn kull irbit u xkiel u jgħid kelma li ma tmutx miegħu. Il-kelma ta' Dun Karm ma mititx miegħu. Għadha ħajja u tibqa' ħajja.

Imbagħad ukoll, il-fatt li Dun Karm kien qassis, tah dimensjoni ġdida li mhux kulħadd jifhimha. M'hux tort ta' Einstein jekk ħafna ma jifhmux li, barra t-tliet dimensjonijiet tas-soltu hemm ukoll ir-raba' dimensjoni, u l-ħames u s-sitta. U skond l-aħħar żviluppi tal-matematika, anki dimensjoni frazzjonali. Hekk ukoll mhux tort ta' Dun Karm jekk mhux kulħadd jifhem id-dimensjoni mistika ta' xi wħud mill-poeżiji tiegħu. Kull poeta huwa limitat. Iżda limitati wkoll huma dawk li jiktbu l-kritika. Għalhekk kritiku kbir ta' żmienna, Roland Barthes qalilna: "il-kritiku ma għandux l-aħħar kelma, għax il-kritiku wkoll huwa kittieb limitat." L-aħħar kelma m'hix tal-kritiku, imma ta' l-istorja. U dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena huma xhieda biżżejjed li l-Istorja lil Dun Karm qiegħda titbissimlu. U jiena nemmen li l-Istorja, lill-poeta tagħna se tibqa' titbissimlu u żżommu bħala wieħed mill-kbar, sakemm din l-art ħelwa, l-omm li tatna isimha, tibqa' fi lsien u l-qalb, Malta, Maltija.

Daniel Micallef



# Il-Versi ta' Dun Karm Għalija

Għaliex inħossni daqshekk miġbud lejn il-vrus ta' Dun Karm? L-ewwelnett għax Dun Karm kiteb l-aqwa poeżiji tiegħu bl-Ilsien Malti, bl-ilsien li jagħmilna Maltin, aħwa, nieħdu ħajjitna u saħħitna minn Omm Waħda, l-għażiża Malta tagħna.

L-ambjent ta' Malta mingħajr l-Ilsien Malti kien ikun nieqes. Kien iġarrab nuqqas mhux żgħir. Għax l-ilsien Malti ma jiswiex biss biex aħna, bħala bnedmin nikkomunikaw ma' xulxin, iżda għandu s-siwi li jagħtina identità li biha aħna nħossuna ġens, bħall-ġnus l-oħra. Qabel ma stajna nissieħbu ma' ġnus oħra fil-fraternità umana, ridna nkunu ġens. Inkella konna nibqgħu barra mill-familja internazzjonali, matura u adulta. Min ried iżommna qisna tfal, ma' djulu u niddependu minnu, ried ukoll iċaħħadna mis-sehem li għandna b'*jedd*, mal-bqija tal-ġnus ġirien tagħna. Dan Dun Karm għarfu, u stqarru fil-poeżija "Il-Bandiera Maltija", li smajnieha fil-bidu ta' dis-serata. F'poeżija oħra Dun Karm igħidilna li huwa jħobb lill-ġnus l-oħrajn, l-iktar lill-ġara tagħna, il-Ġnien ta' l-Ewropa, il-mixtla ta' l-arti, u lill-oħra, li magħha kellna rabtiet ta' xorta oħra.

Araw il-maturità kbira ta' Dun Karm. Il-poeta m'hux il-fanatiku li jridna nibqgħu maqtugħa. Lanqas ma hu l-imkabbar li ma jagħrafx is-

siwi ta' l-oħrajn. Xejn minn dan. Dun Karm japprezza l-ġid u r-riżq ta' ħaddieħor, iżda fuq kollox iħobb lil Art Twelidu. La jrid jaraha mkasbra mill-oħrajn, u lanqas titmiegħek ma' l-art tittallab għall-għejxien tagħha. Maturità politika. Maturità nazzjonali. Dik hi l-maturità ta' Dun Karm.

Meta ħaddieħor kien irewwaħ il-firda fost il-Maltin, min favur ġens, min favur ieħor, Dun Karm kien donnu kolonna, plier, paladin waħdu, qawwi daqs sur, igħolli l-ġieħ ta' Malta u jħajjar lill-Maltin jingħaqdu u jsiru ġens sħiħ u adult bħall-ġnus l-oħra. Din is-sejħa ta' Dun Karm hija valida llum, u tibqa' tiswa kull meta l-barrani jirnexxilu b'xi mod jiżra' ż-żerriegħa tal-firda u tal-mibegħda bejnietna l-Maltin.

Diġà smajna dwar id-diwi ta' l-Innu Malti fil-bqija tal-vrus tal-Poeta. Jiena nemmen li l-qofol ta' l-ispirazzjoni kollha ta' Dun Karm jinsab fl-aħħar vers ta' l-Innu Malti: "Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-Sliem." Ma taħsbux bħali li hawnhekk ukoll hawn diwi ieħor, ta' l-ikbar poeżija li ngħadet għall-ewwel darba elfejn sena ilu, li vers minna jgħid: "Aħfrilna dnubietna kif aħna naħfru lil min hu ħati għalina"?

Dan il-vers meħud mit-talba li għallimna nitolbu Sidna Ġesù. Il-vers l-ieħor jiġbor is-siwi kollu tat-talba li għallimna nitolbu l-għannej nazzjonali tagħna. X'differenza hemm bejn talba u poeżija, meta poeżija tkun tassew poeżija bħalma hi fil-każ ta' Dun Karm? Xi wħud, jilmħu differenza bejn l-ispiritwalità tal-poeta u dik tal-qaddis. Min sama' l-poeżija ta' San Franġisk t'Assisi, din id-differenza ma jarahiex, u ma jaqbilx li teżisti.

San Franġisk jinseġ il-poeżija tiegħu b'tifħir lil Alla u radd il-ħajr lill-Ħallieq għall-ħlejjaq tiegħU. Iroddlu ħajr tal-bhejjem u tal-agħsafar, tal-ħut, u tax-xtieli, u tas-siġar, u tax-xmajjar, u tan-nixxigħat, fi ftit kliem, ta' *l-ambjent kollu* li għoġbu jaħlaq bħala ġmiel li kellu u għandu jitgawda mill-bniedem.

Dun Karm, ukoll, ifassal il-versi tiegħu fuq dan is-suġġett hekk nobbli, hekk sabiħ, li hu tant għal qalbi, u nittama li hu wkoll għal qalbkom. Poeżiji bħal "Wied Qirda", "It-Tifla tar-Raba'", "In-Nissieġa", "Lid-Dielja", "Xenqet ir-Raba'" huma, biex insejħilhom hekk, innijiet sagri lil Ommna n-Natura kif fassalha Alla qabel ma sfat imtiefsa mill-idejn kiefra ta' min m'għandux qalb li tħoss, u lanqas moħħ li jifhem, jew għajnejn li jaraw x'qabża hemm bejn il-ġmiel u t-tħarbit, bejn is-sbuħija u l-ħerba, bejn it-tkattir u l-qirda.

Ġmiel ieħor li jitħaddet dwaru Dun Karm, u li jiena rrid niġbed l-

attenzjoni tagħkom għalih, huwa l-ġmiel tal-qlubija safja li ma tafx tibża' mill-qilla tal-ħażen. Aħna li ngħixu f'dawn l-inħawi ta' l-Imdina u r-Rabat, x'aktarx li għandna sensibbiltà akbar minn dik ta' nies ta' nħawi u mkejjen oħra, ta' l-imgħoddi ta' Art. Twelidna. Jiena u nisma' l-poeżija "Fil-Katakombi" bħal ħassejt mill-ġdid il-ferħ li kont ġarrabt sa minn tfuliti kull meta għarrixt u tgħaxxaqt bil-fdalijiet u l-qdumijiet ta' pajjiżna.

Aħna ta' dawn l-inħawi, għadna ngħixu sal-lum ma' dan il-ġawhar, ma' dawn ir-relikwji ta' ġensna, ma' dawn it-tifkiriet ta' missirijietna l-ewlenin. U bħall-"Musbieħ tal-Mużew" li Karmen Mikallef Buħaġar qratilna b'tant imħaba l-lejla, aħna ngħożżu dan il-wirt li għadda minn ġenerazzjoni għall-oħra, minn seklu għall-ieħor, bħal katina li torbotna ma' l-ewlenin li għammru fuq il-Gżira. Ngħożżuh. Inqimuh. U rridu nagħmlu ħilitna kollha, biex inżommuh sħiħ, u *sabiħ*, għal dawk li ġejjin warajna, għal uliedna, u għal ulied uliedna.

Fost dan il-wirt għażiż hemm ukoll il-wirt li ħallielna Dun Karm innifsu. Kien għalhekk, li bdejt dan id-diskors qasir tiegħi billi stqarrejt li kienet waħda mill-ħolmiet tiegħi li nrodd ġieħ lill-Poeta flimkien ma' tant Maltin ħuti li bħali jqimu l-poeżiji tiegħu, kemm dawk li jfaħħru ġmiel Artna, kif ukoll dawk li Dun Karm kitibhom bil-għan li jgħallem.

Jiena ninsab kuntent, li bħala Ministru tat-Tagħlim, għandi iktar ħila u setgħa li ngħin fit-twassil tat-tagħlim bnin ta' Dun Karm. U l-okkażjoni tal-lejla, barra mill-għan li tfakkar il-ħamsa u għoxrin anniversarju mill-mewt tal-Poeta, għandha l-għan ukoll li tgħallem dwaru. Tgħin lil min ma kienx jafu, *jitħajjar isir midħla tiegħu* u ta' kitbietu.

Huwa għalhekk li għażilna li nagħmlu din it-tifkira f'dan il-Kattidral sabiħ, marbut b'rabta hekk sħiħa u għażiża mal-ġrajja ta' ġensna. Għaliex fih Dun Karm tħabbeb mal-poeżija fis-snin li kien jistudja għal qassis fis-Seminarju tal-qrib, li llum huwa l-Mużew tal-Kattidral.

F'dan is-Seminarju Dun Karm kien daħal f'Settembru 1885, sewwasew mija u sena ilu, u dam hemm sakemm qaddes fl-1894 barra xi żmien li fih studja l-Furjana. Fit-tagħrif awtobijografiku li jagħtina, Dun Karm igħarrafna li kien jorqod fis-sala ta' fuq li l-kantuniera tiegħu tħares lejn il-kampnar tal-Kattidral. Wara li ħa l-quddiesa, Dun Karm, f'dan l-istess bini għallem lis-Seminaristi Maġġuri. Illum nieħdu pjaċir naraw li fil-bini li issa huwa l-Mużew tal-Kattidral hemm kamra ddedikata lil Dun Karm u lit-tifkira tiegħu li ma tintemm qatt minn fostna. Nistedinkom, meta tistgħu, iżżuruha.

"*Il-poeta jintemm u l-għanja tibqa'*", qalilna Dun Karm fil-poeżija "Non Omnis Moriar". Din il-profezija tibqa' sseħħ tabilħaqq sakemm jibqa' jkun hemm nies li bħalna jinġabru biex jisimgħuha u jieħdu pjaċir biha. Sakemm ikun hemm nies li jħobbu l-poeta u li jfakkruh bil-qima.



*Id-dar fejn twielet Dun Karm*

Anton Buttiġieġ



# Monument lill-Poeta Nazzjonali

**Id-Deputat Prim Ministru, l-Onor Dott. Anton Buttigieg, nhar il-Ħadd 31 ta' Ottubru, 1971, kixef bust tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm. Dan il-monument, li sar mitt sena mit-twelid ta' Dun Karm, tbierek mill-Isqof Koadjutur, Mons. E. Gerada. Wara sar diskors minn Dr. A. Buttigieg. Dawn li ġejja huma siltiet minn dan id-diskors meħud minn *Ir-Review* 10.XI.71.**

Emmnuni ma nistax infisser il-ferħ li qed inħoss f'qalbi bħal issa kif qed nara liż-Żebbuġin jistennewni biex bħala d-Deputat Prim Ministru ta' Malta nikxef dan il-monument li huma waqqfu bħala ġieħ lill-akbar ċittadin li r-raħal tagħhom qatt ta lill-Malta: il-Monsinjur Dun Karm Psaila, jew kif aħna nafuh ilkoll Dun Karm.

U għaliex insejħu lil Dun Karm poeta nazzjonali?

Biex nifhmu r-raġuni rridu mmorru għall-istorja ta' ħamsin, sittin sena ilu.

Dak iż-żmien il-kotra tal-poplu Malti kienet fqira żżejjed, ħafja, injuranta u bla skola, u fuq kollox ħadd ma kien irid jgħallimha. L-intelliġenzja Maltija li kienet tħossha superjuri kienet tipprova żżomm is-superjorità tagħha fost ħwejjeġ oħra billi tuża l-ilsien Taljan bħala l-

ilsien tagħha fid-dokumenti uffiċjali u f'kull kitba letterarja. Din il-klassi kienet tobgħod 'l-ilsien Malti u tqisu bħala l-lingwa tal-kċina, l-ilsien tas-sefturi.

L-ilsien Malti kienu jiktbuh, meta xi darba jiktbuh, mingħajr ir-regoli tiegħu u kif ġie ġie.

Barra minn hekk, il-politika ta' dak iż-żmien kienet jew ta' xejra favur l-Ingliżi u l-ħakma kolonjali, jew ta' xejra favur it-Taljani u għaqda ma' l-Italja. Min igħajjat favur l-Ingilterra, min favur l-Italja, iżda ftit u xejn kienu dawk li jgħajtu favur Malta Maltija.

Iżda fost il-kotra kbira ta' l-intelliġenzja, kien hemm għadd żgħir ta' nies li riedu jifdu lill-poplu mill-injoranza, u l-mezz tal-fidwa kien l-ilsien Malti li kien l-ilsien waħdani li l-poplu jifhem u li għalhekk biss bih seta' jitgħallem.

Fost dawn in-nies kien hemm il-Qormi Ġużè Muscat Azzopardi li kien beda joħroġ rivista bil-Malti *Il-Ħabib*.

Dun Karm li tgħallem fis-Seminarju fejn l-influwenza tal-lingwa Taljana kienet assoluta u fejn huwa daħal ukoll, wara li ordna qassis, bħala għalliem tat-Taljan, ma setax ma jħossx dik l-influwenza qawwija u għalhekk skond il-moda ta' dak in-nhar beda jikteb l-ewwel poeżiji tiegħu bil-lingwa ta' Dante.

Iżda l-Qormi Ġużè Muscat Azzopardi irnexxielu jikkonvertih u jġagħlu jaqleb għall-kitba Maltija. Dun Karm fl-1912 ippubblika l-ewwel poeżija tiegħu bil-Malti f'*Il-Ħabib* u baqa' sejjer jikteb bil-Malti sa ma miet.

Qabel u fi żmien Dun Karm kien hemm oħrajn li kitbu poeżija bil-Malti. X'inhu li jagħżel lil Dun Karm fosthom u jgħollih 'il fuq 'il fuq bħala l-poeta nazzjonali ta' Malta?

L-ewwel mertu ta' Dun Karm huwa l-ħakma tiegħu ta' l-ilsien Malti. Minn djalett tas-sefturi, Dun Karm għamel lill-Malti lingwa letterarja ta' l-aqwa poeti. Ħadd qabel ma kien laħaq il-livell tas-sengħa ta' Dun Karm fil-versi tiegħu u ħadd għadu ma laħqu sal-lum, u għalhekk għall-Malti Dun Karm huwa dak li huwa Dante għal-lingwa Taljana.

It-tieni mertu li jagħmel lil Dun Karm poeta nazzjonali huwa l-imħabba li wera u li pprova jxerred fost il-Maltin għall-ilsien għażiż tagħhom. Meta l-mibegħda lejn l-ilsien Malti fost l-intelliġenzja Maltija kienet fl-eħrex tagħha. Dun Karm b'leħen u kuraġġ ta' profeta qal lil kull Malti:

*Għaliex tarmih il-lsien li tatek ommok,*
*u titlef għaqlek wara lsien barrani?*



*(Fuq) Uħud min-nies li attendew għall-kxif tal-monument fir-roundabout ta' Ħaż-Żebbuġ nhar il-31 ta' Ottubru, 1971.*

*(Taħt) Dr. Anton Buttigieg (flimkien ma' żewġ persuni oħra) qiegħed isellem lill-monument ta' Dun Karm ftit wara li hu stess (fin-nofs) kixef dan il-monmument. (ritratti: Sebio Photo Studio, Żebbuġ)*



It-tieni konsolazzjoni ta' Dun Karm kienet li, għalkemm hu kien sejjer imut, il-għanja tiegħu kif ħass hu kienet ser tibqa' tgħix: "Non Omnis Moriar – M'jiniex ser immut kollni kemm jien" igħajjat Dun Karm:

*Iżda l-għanja ma tmutx;*
*minn taħt il-għatu*
*tal-qabar waħdu tibqa' ħierġa safja*
*il-mewġa ddoqq li ġewwa qalbi ssawret*
*fil-ħolma ta' żgħużiti*
*u f'taqsim ġdid intisġet*
*mal-għanja li għannejt fl-aħjar ta' żmieni.*
*Diwi tal-għanja tal-ħolqien il-għanja*
*tal-poeta; minn jeddu*
*ma jgħannix dan l-imsaħħar.*
*Kif iddoqq arpa meta swaba' mħarrġa*
*jiġru bis-sengħa fuq il-ħjut annuna,*
*hekk il-poeta jgħanni,*
*meta tmissu l-id t'Alla:*
*Ħabbâr tas-Sewwa, mera tas-Sbuħija,*
*kelmtu mis-sema, u minn fis-sema tnissel*
*la jixjieh u la jmut.*
*Il-poeta jintemm u l-għanja tibqa'.*

Hekk qal Dun Karm għall-għanja tiegħu. Għalih innifsu huwa beża' li ma jkun hemm ħadd li jxerred demgħa f'mewtu, li kulħadd se jinsieh u qabru jkun abbandunat. Isimgħu l-kelma mnikkta tal-poeta:

*U t-tmiem riesaq kuljum.*
*Dik il-qawwa moħbija*
*li tħott u ġġarraf kulma tibni l-Ħajja*
*u tkidd u tiekol dak li trodd is-Sengħa,*
*taħdem dejjem ma' dwari,*
*taħdem, għalkemm bla ħoss, u kollox tbiddel.*
*Meta mbagħ'd minn għajnejja*
*jaħrab id-dawl u f'dalma sewda, kiesħa,*
*tmut id-dehra sabiħa*
*tal-ħolqien li jgħaxxaqni,*
*għandu mnejn fuq il-qabar*
*li jingħalaq fuq ġismi*
*l-ebda demgħa ma taqa', u l-ebda warda*
*ma tixxerred minn id li taf il-ħlewwa*
*ta' min ħabb u jiftakar;*
*u b'qalbu bierda, niesi,*
*jgħaddi l-warrani bla ma jħares ħarsa*
*fuq il-għamajra tal-poeta sieket.*

*Maltija kient l-ewwel kelma f'fommok*
*u bil-Malti tkellimt tifel daħkani.*

*U kiber miegħe dak il-lsien ewlieni,*
*u ġmielu ntiseġ mal-ġrajjiet ta' ħajtek:*
*bih fissirt qalbek meta sfajtli hieni,*
*bih fissirt għommtok meta mbikki rajtek.*

*Għaliex immela tiċħad, Malti ħija,*
*lil dan il-lsien li bih int Malti sewwa?*
*Ħobb, jekk jiswewlek, l-ilsna barranija,*
*iżda le tbarri lil min hu ta' ġewwa.*

It-tielet mertu li jagħmel lil Dun Karm poeta nazzjonali huwa li meta ħafna riedu Malta Ingliża jew Malta Taljana, huwa ried Malta Maltija Indipendenti. Isimgħu lil Dan Karm igħanni lill-Bandiera Maltija:

*Hekk, bajda u ħamra biss, irridek jiena,*
*Bandiera ħelwa ta' din l-art ħanina.*

Ir-raba' mertu li jagħmel lil Dun Karm poeta nazzjonali huwa li għanna dak kollu li jagħmel lil Malta Maltija, il-Fidi nisranija, l-ilsien Malti, il-bandiera Maltija, il-ġrajjiet Maltija, id-drawwiet Maltin, il-bżulija u l-għaqal tal-Maltin u l-kampanja Maltija.

Biex ikompli jseddaq lilu nnifsu bħala poeta nazzjonali, Dun Karm kiteb ukoll l-Innu Malti, l-innu nazzjonali tal-Maltin illum magħruf fil-Kostituzzjoni.

F'xi żmien ta' ħajtu, Dun Karm beda jħoss it-toqol tax-xjuħija u beda jara t-tmiem joqrob: ma setax ma jħossx sens ta' niket għax kull bniedem huwa marbut ma' l-eżistenza tiegħu. Iżda f'ħinijiet bħal dawn huwa ħass żewġ konsolazzjonijiet:-

Waħda kienet li warajh kien sejjer iħalli kotra ta' żgħażagħ lesti biex jieħdu minn idejh it-torċa tal-poeżija Maltija. Isimgħuh ikellem lill-Muża:

*Issa ma nitnikketx, jekk fuq xofftejja*
*ma nħossx iżjed in-nifs tal-bewsa tiegħek*
*ja Muża ħelwa: nżilt biżżejjed ħdejja*
*u bosta jien ġarrabt kif igħannaq driegħek:*

*warajja tielgħa kotra qalbenija*
*ta' żgħażagħ ferreħin, u fit-triq tagħhom*
*ifuħ . . . ifuħ il-ward tal-poeżija;*
*u kelmthom, safja, dik li tahom Alla;*
*l-għanja, mirquma, dik li tnisslet magħhom;*
*fuq ħsiebhom, wiċċ is-sliem, tiddi qawsalla.*

Le, Dun Karm, ma nsejniekx. Kieku dak il-borġ għadam tiegħek li hemm fil-qabar ftit qasab bogħod minna kellu jqum bħal issa jara din il-kotra miġbura ħerqana biex tara l-monument tiegħek! U permezz ta' dan il-monument aħna rridu mhux biss niftakru fik personalment bħala l-akbar bniedem li Ħaż-Żebbuġ qatt ta lil Malta, imma ngħidulek li aħna konvinti li kif għedt int il-għanja tiegħek ma tmut qatt sakemm jibqgħu Maltin fid-dinja u fuq kollox nemmnu dak li emmint u għallimt int li aħna l-Maltin ġens għalina, u ngħożżu mhux biss l-ilsien li tatna ommna imma dak kollu li jagħmel lil Malta Maltija.

Prosit ja Żebbuġin li kontu l-ewwel nies f'Malta li waqqaftu monument fir-raħal minn uliedkom. Nittama li l-ispirtu ċiviku li intom urejtu jservi ta' eżempju biex uħud oħra jwaqqfu monumenti oħra lin-nies kbar li huma taw lil pajjiżna.

Nerġa' ngħid prosit, u b'ferħ li ma nistax infissru, nikxef il-monument u nsellem lill-poeta nazzjonali tagħna Dun Karm li bħall-għanja tiegħu twieled biex ma "jmut qatt".

Ġorġ Pisani



# Sensibilità u Kontroll fil-Karattru ta' Dun Karm

Wieħed mill-aspetti interessanti tal-persunalità ta' Dun Karm huwa, mingħajr dubju ta' xejn, is-sensibbiltà tiegħu bħala bniedem, fuq kollox meta kien iġarrab, mingħajr ħtija u mingħajr provokazzjoni, xi azzjoni ħażina mingħand xi ħadd, għalkemm hu kien jibqa' jsejjaħlu 'ħabib'. Fiż-żjajjar li kont nagħmillu ta' spiss fl-uffiċċju ċkejken tiegħu fil-Bibljoteka tal-Belt u, aktar tard, f'"Dar is-Sliem" ġewwa tas-Sliema, wara li konna niddiskutu xi suġġett letterarju, huwa kien jieħu gost iferra' miegħi l-għomma ta' qalbu dwar xi tort li kien irċieva matul ħajtu mingħand nies li hu qatt ma kien naqashom f'xejn.

Jiena kont noqgħod nisimgħu bis-sabar u, fl-istess ħin, nammira s-sinċerità li biha kien jirrakkonta ġrajjietu. Kienet tolqotni l-mogħdrija li kellu lejn min ma setax jifhmu u jiżen sewwa egħmilu kif ukoll l-intenzjonijiet tajba tiegħu. L-ispirtu Nisrani kien iliġġmu u jrażżnu b'mod tassew eżemplari meta kien jasal biex jagħti ġudizzju dwar l-imġiba ta' dawk li kienu jaħqruh u jumiljawh. Mir-rakkonti tiegħu sirt naf li nies bħal dawn ippruvaw jimbarrawlu t-triq tas-suċċess,

tista' tgħid, f'kull taqsima tal-karriera tiegħu bħala ċittadin u bħala saċerdot. Kont inħossni niskanta kif bniedem bħal dan li qatt ma għamel deni lil ħadd kellu jiltaqa' ma' dan it-tfixkil u ma' dawn l-intoppi kollha. Ta' żagħżugħ li kont, dawn ir-rakkonti tal-Poeta kienu jhejjuni, qajl qajl, għal dawk il-battalji li magħhom kelli nħabbat wiċċi fil-ħajja.

Din is-sensibbiltà umana fir-rapporti li kellu ma' sħabu l-bnedmin kienet ixxenxel egħruqha fil-qiegħ tal-karattru li kellu u kienet tifforma parti importanti mill-persunalità tiegħu. Dan jidher wisq ċar mill-fatt illi qrarat bħal dawn kien iħobb jagħmilhom mhux miegħi biss, iżda ma' xi nies oħra wkoll li kienu midħla sewwa tiegħu, fosthom il-ħabib tagħna t-tnejn Godfrey Zarb Adami. Fin-Numru Speċjali dwar Dun Karm, Għadd 4 tas-sena 1962, li kienet ħarġet l-Għaqda tal-Malti (Università) fl-okkażjoni tal-mewt tiegħu, Godfrey Zarb Adami, Alla jaħfirlu, kiteb artiklu bit-tifkiriet li kellu tal-Poeta Nazzjonali. Fost id-diversi artikli dwar Dun Karm li fih dan in-Numru dan huwa wieħed mill-aktar interessanti u informattivi.

Fost affarijiet oħra, l-artikolista jikteb hekk: "u hekk, ta' sikwit, kont niftaħ qalbi miegħu, hu wkoll ġie li wrieni l-għomma ta' qalbu, u mhux darba u tnejn kellimni fuq ħajtu u l-imrar li ġegħlitu jixrob; fost l-oħrajn semmieli l-inċident tas-Seminarju u qalli ħafna rqaqat x'aktarx mhux magħrufa mill-kotra, iżda rabatni b'kelma ta' raġel li ma ngħid xejn tul ħajtu. Billi għadhom ħajja xi nies li kellhom sehem f'dan l-inċident u kienu forsi l-kawża innoċenti ta' xi passi bla għaqal li ttieħdu, inħoss li għadni marbut bil-kelma li kont tajtu u ser inżomm ħalqi magħluq. Imbagħad x'ġid hemm li wieħed jarġa' jqanqal il-ħama?"

L-artiklu jkompli hekk: "Iżda mhux dak l-inċident biss weġġagħlu qalbu lil Dun Karm. Hu wrieni artiklu li fl-1934 kien deher f'gazzetta stampata Malta; dan l-artiklu kien iddedikat lilu u mimli tagħjir kontrieh, fost l-oħrajn li hu – forsi bla ma jaf – kien qed iwitti t-triq għall-Protestantiżmu billi kien jikteb bil-Malti, u b'hekk kien qed joftom il-Maltin mit-Taljan li minnu kienu jixorbu l-Kattoliċiżmu tagħhom!" L-artikolista jistqarr ukoll illi meta kien ikun jakkumpanja lill-Poeta ġie li kien jersaq fuqu xi ħadd u b'ton ta' wieħed li jrid igħaddih biż-żmien isaqsih kif għandek tgħid it-tali ħaġa bil-Malti. Meta mbagħad darba Zarb Adami ġibidlu l-attenzjoni għal dan u qallu li xi nies kienu qegħdin isibuh twajjeb wisq għal snienhom hu wieġeb bi tbissima u qal li bil-ħlewwa l-egħdewwa jintebhu u mhux bil-ħerra.

Din is-sensibbiltà qawwija tal-Poeta Nazzjonali kultant kienet issib ir-rifless tagħha f'xi sunett jew inkella f'xi poeżija oħra magħrufa minn tiegħu. Hekk, ngħidu aħna, is-sunett "Lill-Ħabib Tiegħi Pi... Di..." li jinsab f'paġna 281 tal-ktieb li jismu: *Dun Karm, Il-Poeżiji Miġbura* ma hux ħaġa oħra ħlief ir-reazzjoni psikoloġika ta' kritika ħarxa li għamillu wieħed kittieb u li hu sejjaħlu "ħabib" għas-sempliċi raġuni għaliex, f'xi kitba minn tiegħu, kien inqeda b'kelma ta' nisel semitiku u mhux ta' nisel rumanz kif kienet użata mill-biċċa l-kbira tal-Maltin dik il-ħabta. Dan l-attakk aħrax, mingħajr provokazzjoni ta' xejn fuq il-persunalità tiegħu nikket bis-sħiħ lill-Poeta tant li ġagħlu jaqbad il-pinna biex iwieġbu, iżda wieġbu bi kliem ħelu u raġunat mimli rażna, qies u mogħdrija. Sejjer inġib l-aħħar terzini ta' dan is-sunett Dunkarmjan li bih jixraq nagħlaq, din il-kitba qasira tiegħi dwar il-Poeta Nazzjonali f'egħluq il-ħamsa u għoxrin sena mill-mewt tiegħu:

*Iżda xejn tibża'; jekk int ismi rfistu*
*jien naħfirlek hawn quddiem kulħadd*
*kif għandu jagħmel saċerdot ta' Kristu.*



*Dun Karm, fin-nofs fuq quddiem, b'berè f'rasu, qiegħed jirranġa l-kullar, ma' ħbieb żgħar u kbar, meta kellu madwar 30 sena.*

**Trevor Żahra**



# Dun Karm . . .
# kif iltqajt miegħu

Lil Dun Karm qatt ma rajtu wiċċ imb'wiċċ. Qatt ma kellimtu. Meta jien kont tfajjel hu kien diġà xiħ u meta miet kelli sittax-il sena. Kont mort biss għall-funeral tiegħu f'Ħaż-Żebbuġ. Niftakar li kienet ġurnata kerha bi sħab tqil u biċ-ċaflis. Jekk irridu nkunu xi ftit melodrammatiċi nistgħu ngħidu li l-ajru kien jaqbel sew mal-burdata ta' dak il-jum! Kont stennejt li se nsib xi funeral kważi statali, b'folol ta' nies u ħafna rjus kbar. Mort imqarraq. Kien funeral ċkejken. Naf li kien hemm xi brigata ddoqq (x'aktarx tas-Salesjani), kittieba, ħbieb tal-Malti u xi membri ta' Għaqdiet. Ta' żagħażugħ li kont, ħriġt diżappuntat.

Ma niftakarx meta sirt naf b'Dun Karm. X'aktarx li sa minn ċkuniti drajt nisma' dwaru, peress li missieri kien membru ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u lil Dun Karm kien jafu personalment. Kont għadni fl-iskola Primarja meta niftakarni nħobb ninżel fl-istudju tal-papà u hemm noqgħod waħdi nqalleb il-kotba tal-Malti. Kellna l-ġabra ta' poeżiji ta' Dun Karm miġbura mit-tabib Ġużè Bonnici u

kont nogħxa nqallibhom. Ippruvajt naqra "Il-Jien u lilhinn Minnu" meta kelli xi ħdax-il sena . . . u kważi kont ħadt għalija meta l-papà kien wissieni li dik kienet tqila wisq għalija u li ma kont se nifhem xejn minnha. Meta qrajtha sibt li kellu raġun.

Il-versi ta' Dun Karm kienu jħalluli togħma tassew ħelwa. Għadni sal-lum, meta mmur xi lejla letterarja (bħal dik li torganizza Karmen Mikallef Buħaġar kull Ottubru) u nisma' jinqraw ċerti poeżiji ta' Dun Karm, minnufih jitqanqlu fija dawk it-tifkiriet sbieħ ta' tfuliti, meta fil-ħemda ta' l-istudju tal-papà kont bdejt ninnamra ma' Dun Karm, mal-kelma Maltija u ma' dak kollu li jagħmilni Malti.

Meta mbagħad dħalt fl-iskola Sekondarja u beda jkollna lezzjoni formali tal-Malti, bdejt aktar nifhem u napprezza "min kien" dan il-poeta speċjali li għaraf iħaddem il-kelma Maltija b'sengħa mhux komuni. Nistqarr li dak iż-żmien kont aktar nitqanqal mill-*ħoss* ta' kelma fiha nnifisha milli mill-ħsieb li tiġbor ġo fiha.

Lil Dun Karm qatt ma rajtu . . . iżda nħossni nafu ħafna. L-istess bħalma tifel iltim iħoss li jaf sew lill-missier li qatt ma ra. Meta fil-ġurnali ġie li naqra xi ittra li tipprova tixħet id-dubji dwar il-valur ta' Dun Karm, bħal inħoss weġgħa x'imkien. Nitnikket jekk nisma' 'l min imaqdarli 'l missieri . . . Dun Karm hu marbut sħiħ ma' ħajti u għandi post għalih li jfisser ħafna.

Mhux darba jew tnejn tħassibt: Tgħid fejn kienet tasal il-poeżija tal-lum li ma kienx għal Dun Karm tal-bieraħ? U kemm ġmiel kienet titlef tfuliti!



*L-irħama li tqiegħdet mad-dar ta' Tas-Sliema fejn kien joqgħod Dun Karm. (ritratt: Dun Frans Camilleri)*

*Iċ-ċerimonja tat-tqegħid ta' rħama mal-ħajt tad-dar f'Tas-Sliema fejn kien joqgħod Dun Karm. Ġużè Cardona M.A., jidher qiegħed ikellem lill-mistidnin u lit-tfal ta' l-iskola li attendew għaċ-ċerimonja. (ritratt: Dun Frans Camilleri)*






*L-irħama li tqiegħdet mal-ħajt tas-Seminarju tal-Furjana fejn Dun Karm għallem għal ħafna snin sas-sena 1921. (ritratt: Dun Frans Camilleri)*

**Victor Fenech**



# X'ifisser Dun Karm għalija

Lil Dun Karm inqisu fl-istess livell li l-Ingliżi jqisu lil Milton u t-Taljani lil Dante. U persważ li ħadd daqsu u ħliefu ma jistħoqqlu jissejjaħ il-Poeta Nazzjonali ta' Malta. Dan ma jfissirx li Dun Karm huwa l-poeta favorit tiegħi, jew li fil-poeżija tiegħi tinħass l-influwenza tiegħu. Jekk jeżistu xi tixbih, dan hu biss il-fatt li jien il-kitba neħodha bis-serjetà bħalma kien jeħodha Dun Karm.

Dun Karm kellu l-kumpless li jsejħulu *exegi monumentum*; kien konxju tal-kobor ta' vrusu u ta' l-effett li ħallew fuq il-kontemporanji tiegħu. Dawn bla ma riedu tant waqgħu taħt l-influwenza tiegħu li għal żmien twil f'Malta kellna biss poeti ta' l-iskola ta' Dun Karm – uħud minnhom tassew tajbin u ħafna oħrajn sempliċiment kopisti. Jien wieħed li mill-bidunett inqtajt mill-influwenza ta' Dun Karm. Dan ma kienx xi pjan premeditat. Ifisser biss li kont maqtugħ xort'oħra, u ktibt poeżija għal kollox differenti waqt li bqajt napprezza s-serjetà tal-poeżija Dunkarmjana.

Għadni sa llum napprezza l-perfezzjoni tal-prosodija tradizzjonali li kien iħaddem, is-sbuħija tal-ħsieb u t-ton romantiku tiegħu, il-preċiżjoni tal-kwadri Maltin, anki t-taħrik ta' kultant fil-periferija tal-politika (li jew kien inċert fiha jew kien iżommha taħt kontroll assolut). Fil-

Moviment Qawmien Letterarju kien hemm min ħass li biex ngħixu aħna rridu "noqtlu" lil Ċesri. Jien qatt m'għaddieli ħsieb bħal dan.

Sakemm miet Dun Karm fl-1961 kont għadni nikteb bl-Ingliż biss, ħlief poeżija waħda "Lil Ommi" (li, niftakar, ħabibi Richard Matrenza kien mar juriha lil Karmenu Vassallo u qalli li kien bidilli xi kelmiet imma kienet għoġbitu, inċident li baqagħli fis-subkonxju meta snin wara ddeċidejt li naqleb għall-Malti). L-għada li miet Dun Karm ktibtlu tislima u poeżija, bl-Ingliż, li dehru fil-paġna kulturali tiegħi f'*The Bulletin* ("The Passing away of a Poet", 17.10.61). Fix-xhur ta' wara kienet qamet polemika dwar min kien se jkun is-suċċessur ta' Dun Karm u ktibt għal darb'oħra f'*The Bulletin* (25.7.62) fejn għedt bla tlaqliq li pajjiż, poeta nazzjonali wieħed jista' jkollu, u dan m'għandux jitħallat ma' l-idea ta' *poet laureate*. Il-polemika waqfet hemm.

Ħjut oħra li juru xi affinità tiegħi ma' Dun Karm (lilu personalment ma kontx nafu) huma: il-poeżija "L-Allat u l-Poeta" li ktibt bil-vers tradizzjonali u li dehret fl-ewwel ġabra tiegħi *Kwartett* (1965), u pjan ta' biċċa kitba msejħa "Monologu ma' Poeta Mejjet", li kont ktibt inħares fuq il-qabar tiegħu minn tieqa fl-iskola ta' Ħaż-Żebbuġ (fejn għamilt sena Assistant Kap) u li baqgħet bla mitmuma fil-kexxun. Dak kollox. Mill-bqija, minkejja sens ta' qima li l-poeżiji tiegħu dejjem iħallu fija, ma nħoss ebda ġibda oħra. Id-direzzjoni tagħna hi għal kollox differenti.

**Achille Mizzi**



# Dun Karm – Kif Narah Jiena

Għalija, jekk kien hemm min ipprova jwaqqa' lil Dun Karm mill-pedestall, dan nattribwixxih mhux tant għall-fatt li Dun Karm innifsu ma kienx tabilħaqq kbir iżda aktar imħabba l-fatt li jeżisti f'xi wħud il-kumpless ta' l-'imħabba – mibegħda' lejn Malta u dak kollu li hu Malti – tendenza psikoloġika li tidher saħansitra f'ċerti kitbiet a' wħud mill-kittieba moderni.

Li Dun Karm kien koloss fi żmienu naħseb li ħadd ma jista' jiċħdu. Imma meta tħares lura bil-lenti taż-żmien tkun qiegħed tivvaluta lil Dun Karm billi toħorġu 'l barra minn żmienu, bi żvantaġġ kbir għalih u tiġġudikah fil-kuntest preżenti ta' x'sata' kien u ma kienx.

Ħaġa waħda hi ċerta. Li anke meta Dun Karm għanna ħwejjeġ periferiċi għall-ħajja u l-mewt u l-problemi eżistenzjali ta' Alla u l-Jien tiegħu, Dun Karm kważi dejjem irnexxielu jilħaq livell artistiku li ftit Maltin irnexxielhom jilħqu.

Xi jfisser Dun Karm għalija? Meta naqra u nixtarr il-kobor tal-poeżija tiegħu f'"Il-Jien u lilhinn Minnu","Non Omnis Moriar", "Il-Monument" eċċ., eċċ. nispiċċa biex nieqaf u nistrieħ fuq il-poeżiji ż-

żgħar tiegħu bħal "Innu ta' filgħodu" "Innu ta' fil-għaxija", "Innu lill-Madonna" (li noffrih bħala "Fil-ħlewwa ta' Mejju") u oħrajn. Huwa paradossali kif jien li ktibt poeżija tant komplessa nogħxa u nistagħġeb kif taħt il-libsa ta' poeżija tant sempliċi Dun Karm ħeba tant seħer u ħlewwa li jħallu mewġ ta' tqanqil fir-ruħ. Dan il-fenomenu wieħed jista' josservah fi knisja nies meta jindaqqu dawn l-innijiet – kif in-nies tistenbah qisha galvanizzata u tkanta bil-ħerqa għaliex ġo dan il-ġawhar ta' poeżiji hemm xi ħaġa li tmiss il-qalb.

Kif influwenzani Dun Karm? Ma niċħadx li sakemm sibt saqajja kont inżomm lil Dun Karm bħala xempju tiegħi, kif naħseb li għamlu l-biċċa l-kbira tal-poeti Maltin. Il-prestiġju tiegħu fi żmienna kien tant għoli li dan ma setax jonqos. Iżda naħseb li l-influwenza ta' Dun Karm fuqi kienet mhux tant lessikali u tematika daqskemm minħabba l-fatt li ntrikibt minnu mix-xeħta tiegħu li naħkem il-Malti u nagħmel kif għamel Dun Karm fi żmienu (dejjem fil-limiti tiegħi) strument adattat għall-istil ta' poeżija kif nikteb jien.

Jekk tassew irnexxilix inħalli f'idejn il-qarrejja tax-xogħol tiegħi.

Għaliex għad jibqa' mfakkar Dun Karm? Dun Karm hu l-poeta li bil-kitba tiegħu nifed l-identità nazzjonali Maltija. Għalkemm xi wħud ikkritikawh għan-nuqqas ta' kuxjenza soċjali għall-problemi kien ta' ispirazzjoni patrijottika li swiet mhux ftit biex sawret ir-rieda kien ta' ispirazzjoni patrijottika li swiet mhux ftit biex sawwret ir-reda għall-kisba tal-ħelsien u l-emanċipazzjoni nazzjonali.

Dun Karm fehem li s-sinsla tan-Nazzjon Malti hija l-ilsien tal-poplu. Għalhekk kiteb bil-Malti u ħabbu fuq kull ilsien ieħor meta li tagħmel dan kien kontra l-kurrent speċjalment fl-ambjent li kien igħix hu.

Dun Karm għanna s-simbolu ta' Malta Maltija – il-bandiera bajda u ħamra – b'mod verament ispirat qisu bħallikieku qiegħed ileħħen is-sentiment kollettiv Malti. Għalih iddedika wieħed mill-isbaħ sunetti fil-letteratura Maltija.

*"Hekk bajda u ħamra biss irridek jiena"*

Dun Karm iċċelebra s-saga ta' l-imgħoddi ta' Malta bħala pjan tal-providenza. Il-Maltin ta' dan ġew idealizzati f'eroj (u għalhekk aħna jeħtiġilna nkunu wlied denji tagħhom). Din forsi kienet in-nebbieta ta' l-awtokuxjenza u ta' l-ambizzjonijiet kostituzzjonali li żviluppaw biż-żmien fit-twettiq ta' l-Indipendenza u tar-Repubblika.

**Ġużè Aquilina**



# X'impressjonani f'Dun Karm

Iż-żmien jaħrab bina. Għaddew ħamsa u għoxrin sena minn mewt Dun Karm, u għalija Dun Karm qisu miet ilbieraħ.

Għadni nġibu quddiem għajnejja kif kont nafu bħala Assistent Direttur tal-bibljoteka nazzjonali tagħna. Bniedem kolt, pulit, serju, il-maqlub għal kollox tal-vulgarità u l-arroganza ta' żminijietna. Kont niltaqa' miegħu ta' spiss, u dejjem kellimni fuq l-Ilsien Malti u l-poeżija li għalih kienet in-nifs ta' ħajtu. Beda bħala poeta bit-Taljan u f'mument ta' konverżjoni qaleb għall-Malti. Għedt mument ta' konveżjoni għax f'daqqa waħda qisu fehem li l-ewwel rabta tiegħu bħala poeta Malti kellha tkun mal-Maltin li dik il-ħabta ħafna minnhom ma kinux jafu sewwa la t-Taljan u anqas l-Ingliż.

F'dawk iż-żminijiet imħawda, ħafna kienu li ma fehmux lil Dun Karm. Ħasbuh li beda jikteb bil-Malti biex ifixkel il-ġlieda għall-Ilsien Taljan. Fil-waqt li Dun Karm it-Taljan kien iħobbu, baqa' jħobbu sa l-aħħar u kien jiktbu bis-sengħa, kif wieħed jista' jara mill-ktieb tal-poeżiji *Liriche* (1954) li Dr. Giovanni Curmi ġabarlu u ppublikalu, ma ried bl-ebda mod ikompli l-firda bejn il-letteratura u l-poplu. Kien Malti fis-sens ġenwin tal-kelma. Għalih Malta kienet storikament arkivju ta' tradizzjonijiet kattoliċi u Ewropej. Għalhekk meta ra



*Il-Prof. Ġużè Aquilina (fuq ix-xellug) ma' Dun Karm (fin-nofs) u l-Professur A.J. Arberry, studjuż ta' l-Ilsna Orjentali mill-Univesità ta' Oxford, f'Diċembru, 1957. (Dwar din il-laqgħa li Dun Karm u l-membri ta' l-Akkademja kellhom ma' dan il-Professur ara **Il-Malti**, Diċ. 1957, p. 121)*

jonfħu minn barra l-irjeħ tar-rivoluzzjoni sekularista u t-taqlib ta' l-ideat, ċanfar lil Malta u qalilha li ma kienx għadu jixirqilha iżjed tissejjaħ *"fior del mondo"* għax saret miżbla. Illum, ħamsa u għoxrin sena wara mewtu, naraw kemm tassew kellu għax jibża' mill-bidla li bdiet tobrox il-wiċċ ta' Malta. Fi żmienna din il-miżbla hija mburġata. Dr. Herbert Ganado "ra *Malta Tinbidel*". Aħna li għadna ħajjin ħamsa u għoxrin sena wara mewt Dun Karm, rajnieha mibdula għal kollox – art missirijietna inqas nisranija, inqas Ewropea. Dun Karm kien profeta. Kellu s-sens profetiku tal-poeta Malti ispirat, li kien iweġġa' jara lil Malta sejra għall-agħar.

Biex nifhmu lil Dun Karm ħamsa u għoxrin sena wara mewtu jeħtieġ ikollna sens ta' storja – l-istorja ta' żminijietu, il-kwistjoni tal-lingwa, il-ġlieda għall-għarfien uffiċjali ta' lsien il-poplu fl-amministrazzjoni u fil-qrati, u t-tagħlim tiegħu fl-iskejjel u fl-Università. Malta kienet maqsuma bejn partit u ieħor. Dun Karm żamm man-naħa ta' dawk li riedu 'l-Ilsien Malti jieħu l-post li jixraqlu fl-edukazzjoni tal-poplu tagħna. Kien hemm min attakkah u weġġgħu.

Niftakru jistqarr miegħi kemm kien offendieh artiklu li seta' joskurah bħala qassis. Imma ma niftakru qatt jikkundanna jew joskura l-fama ta' xi ħadd. Qatt ma tkellem miegħi favur jew kontra partiti politiċi. Tkellem dejjem dwar il-poeżija bil-Malti.

Kemm kien Malti ġenwin wieħed seta' jarah meta f'jum ta' xita, taħt l-umbrella, għamel it-taħdita tat-8 ta' Settembru fl-1958. Niftakru jaqralna l-poeżija "Warda li Tgħid Ġrajjietha" f'waħda mil-laqgħat ta' l-Għaqda tal-Malti (Università). Lili kien għamilli kumpliment billi iddedikali l-poeżija "Dell u Dija". Kien iddedikahieli bħala poeta u jien meta ltqajt miegħu fil-biblijoteka tlabtu jneħħi l-kelma poeta li ħassejtha timbarazzani, u hu sama' minni. Niftakar ukoll kemm kien ħa gost meta kont għamiltlu kritika tal-poeżiji tiegħu f'*Leħen il-Malti*, kritika ta' student imma kien apprezzaha ħafna għax dak iż-żmien il-kritika letterarja bil-Malti kienet għadha ma bdietx tinkiteb. Kienu jinkitbu apprezzamenti ta' tifħir fil-ġurnali imma mhux kritika analitika.

Minn dejjem kelli ammirazzjoni lejh sew bħala poeta u sew bħala qassis. U qatt ma niftakru mnikket daqs kemm meta mietet Ġannina Pisani li għalih kienet qisha "bintu".

"Minn dejjem qassis ta' moralità u integrità perfetta" kienet qaltli li tiftakru s-sinjura X, mara rispettabli ta' 90 sena. Meta tisma' b'għajdut li joskura l-integrità morali tal-poeta, tinkedd ħafna u tiddefendilu ġieħu.



*(Mix-xellug għal-lemin) Ivo Muscat-Azzopardi, Ġużè Chetcuti, Mons. Prof. P.P. Saydon, Prof. Ġużè Aquilina, Dun Karm, Prof. Ġużè Galea, Ġużè Cassar-Pullicino, Godfrey Zarb Adami u Ġużè Azzopardi Debono.*

Bħalissa qiegħed niftakar ukoll meta kont għamiltlu intervista għal wieħed mill-programmi għal fuq ir-*Rediffusion*. Ilħaqtu xiħ. Leħnu kien dgħajjef. Ħaġa kurjuża li waqt li Dun Karm kien qiegħed jaqra l-poeżija tiegħu "Il-Kanarin Tiegħi", il-kanarin li kellu f'gaġġa, beda jfesdaq għanja twila li tħalltet ma' leħnu.

Okkażjoni sabiħa oħra li niftakar kienet meta introduċejtu lill-Professur Arberry, wieħed mill-aqwa studjużi ta' l-Ilsna Orjentali ta' żmienu, Professur fl-università ta' Cambridge. Kellu opinjoni għolja ta' Dun Karm. Iltqajna fid-dar tiegħu Tas-Sliema. Kienet laqgħa ta' kortesija, imma lil Dun Karm ferrħitu ħafna u ferrħet xejn anqas lill-Professur Arbery.

Kont naqra l-poeżiji tiegħu meta kont għadni student. Darba waħda, ta' wieħed u għoxrin sena, ma kontx niflaħ u fis-sodda ktibtlu poeżija bl-Ingliż. Nagħlaq din il-kitba ta' tifkiriet biha.

# To My Friend, Dun Karm

To him that builds the Rhyming of our song
With interwoven music of rich sounds,
Which are the herald triumphs of our Race,
I wish that I could fashion a great hymn
Pindaric in its flight. The hard-trod globe
That feeds not grass nor wheat, unploughed, unsown,
Is not more stubborn than our ancient Tongue
In its unsoftened power still rude, untamed
By Art's refining breath. But lo! our singer
Hath hammered out from this time-sacred Tongue
The full-toned harmony of abiding joy.
For once God said, great God, the friend of singers,
Whilst Dawn was laughing, glorious of his light
And sea-borne hymns, "To My loved Isles I send
An altar-serving bard whose quiet voice
Shall gather unto faith the hope of man
In visions encompassing time and space
Linked in one whole as rhymes of the same song".
And he, the Bard, amongst us lived as they
Whose heart God fashions like a lily flower,
Unhailed, unloved. O, bitter times indeed

That have unleashed the snarling hounds of Crime
Here in our midst. For have we not denounced
As not of us the Ministrel that God gave
To our small Isle? Alas, have we not said,
"What care we for the beauty of his rhyme,
For his complaints, his dreams and high disdain,
His pictures of God's sunsets and His vine?"
And so his hair grew white and his heart sick;
While, steeped in alien spite, like brainless sheep
We clapped our hands to hail as saviours those
Whose only merit is their act to trim
A shallow phrase and to make poison taste
Like honey, though they be but stinging wasps.
So should I now, to flatter foreign pride,
Disgrace your Native Muse with mocking grin
And draw upon my head the curse of Time?
Or should I bless you with belated thanks
Or hollow praise? Stop my thanksgiving ode
Till you along the tragic steps of life
Fall flat upon your face with wounded heart
Why not allune the harp to hail you now
Before the sexton the grey slab has placed
Upon your honoured grave? O song of mine,
Upon an eagle's wing fly soon to him
To hail him thus from me: "I come from one
Who like you has loved truth for its own sake
And for the sake of Him, the Primal Source
Of all things beautiful!" Tell him too that I,
Out of a filial pity for his age,
Have asked the thyme of Malta and our skies
To blossom at his feet when he, too weary
And footsore on Life's path, will miss the light
That was for ever his, that steeped his soul
Whilst he beheld the Painter with great skill
Fix on the canvas ruby-coloured fire
That makes the glory of the setting sun
Till his soul cried: "So wonderful, indeed,
Your art, O painter, yet the hand of Time
Shall cancel the rich colours of your brush.
But God not so! He makes a hundred sunsets

Which every night He cancels from the skies
To flash them back again at His own will."
Bid him good cheer, my song. He understands
The feelings of a young heart such as mine.

1934

# To My Canary

*mill-Malti: "Lill-Kanarin Tiegħi" ta' Dun Karm*

What has brought us to this silent house
Perhaps you do not know, gold-feathered bird,
Nor do you know why when I leave for work
With every morn, I close the door behind me,
And lock it fast; no footfall then is heard,
No living thing until I am come back.
'Tis better not to know, so you 'll not share
My vexing griefs, and between day and night,
Can lead a life untouched by pain and care.
With the first scattered light, crocus-tinged bird,
I see you wake, and from beneath your wings
Bring out your gentle head where you did hide it
The night before, when slow the sun sank down
And you prepared to sleep; quick raise one leg
Beside the other one upon the perch,
Stretch well your wings, and then alight to peck
Some hempseed. Soon the sweetness of your voice
Delights my ears with ever-swelling notes.
Pouring forth songs, you shoot about and jump,
Catch at the bars that stop and halt your flight,
Hold fast to them, let off to try again.
And your swift feet, your wings, your looks, your songs,
All speak of strength and pleasure unalloyed.
When'er I come to feed you, in your eyes
I see a gentle look. You know me well;



*Għasfur li Dun Karm kien iħobb iżomm għall-kumpanija kien il-Kanarin u, l-għana ta' wieħed saħansitra twaħħad ma' dak tal-poeta meta kien qiegħed jaqra xi poeżiji biex jiġu rekordjati fuq tejp, illum miżmum fil-Laboratorju tal-Lingwi fl-Università tagħna, f'Tal-Qroqq. F'dan ir-ritratt, meħud minn Dun Frans Camilleri nhar il-15 ta' April, 1952, il-kanarin ukoll twaħħad mad-dehra sabiħa-umli ta' Dun Karm.*

We know each other well; you do not fear
When I open the cage, take out the pots
Of seed and water to fill them once again.
And with one sturdy cry, it seems as if
You would express your thanks to gladden me,
When the cage I shut again to hang it there
Where cold cannot hurt you, but where sunshine
May keep you warm. In vain I silent come
On tiptoe now and then to see you waste
Your time in idle sleep or listless pose.
The sun will rise and set, still will you feel
As strong though restless, ever singing on.
There is a loveliness in life unsored by care,
With no thought of to-day or of to-morrow,
Above the strife and errors of the world!
But I don't envy you, gold-feathered bird,
Though I admire your life. For higher still
My hope has refuge found beyond this world.
I know that oft the bread I eat is soaked
With tears, that now and then I cannot speak
But groan with pain, for where flower-seeds I spread,
Rank thorns and brambles grew, and she whose love
Might be a consolation in my distress,
Is gone – she died – but still I know that tears,
Shed in this world, shall bliss repay in heaven,
That when the dream that men call life has passed,
Shall come the resurrection unto Eternal Light.

Together thus we live, gold-feathered bird,
You happy in yourself, and in my love,
I, in the hope God planted in my heart.

1932 **Ġużè Aquilina**



*Dun Karm fost is-Salesjani fl-1954. mix-xellug – is-Sur Debattista, Dun Karm, id-Direttur Dun Farrugia u s-Sur Galea, S.D.B. (ritratt meħud minn fuq Bulettin Salesjan, Nov. –Diċ. 1986, Għadd 98, p. 17).*

**Wallace Ph. Gulia**



# Nota dwar il-Poeżija ta' Dun Karm

Meta naħseb f'Dun Karm u l-poeżija tiegħu, sar dejjem jolqotni iktar il-ħsieb taċ-ċertezza morali kbira li kellu li hu tassew poeta u li kien twieled biex ikun poeta; destinat għalhekk. Mhux talli kien poeta, imma kien fost dawk il-poeti li ma kellhom imutu qatt: "Il-poeta jintemm u l-għanja tibqa'," kien l-aħħar vers tal-poeżija tiegħu li għaliha kien iddobba l-isem tal-poeżija "*Non omnis moriar*" (Ma mmutx kollni kemm jien) tal-poeta Latin Orazju. Fl-istudji tiegħi kont iltqajt ma' dawn iż-żewġ poeżiji fl-istess sena u, għalkemm il-paraguni odjużi, il-paraguni kont għamilthom u kont iddeċidejt li l-poeżija Maltija kienet wisq iktar importanti bħala xogħol letterarju minn dik Latina, li tibda bil-versi:

*Exegi monumentum aere perennius,*
*Piramidum altius,*

(Jien bnejt għalija nnifsi monument li jiflaħ għaż-żmien iktar mill-bronż, ogħla mill-piramidi ta' l-Eġittu.) U bl-iktar mod naturali "Lil Malta" (Wara elfejn attakk mill-ajru) kellu wiċċ igħidilha:

*U jien poeta, oh kemm għannaqtek miegħi!*
*Kemm bews qigħedtlek fuq ħaddejk ħelwin!*
*Kemm ħaddimt ħsiebi u qalbi u d-dgħif ta' driegħi*
*Biex ma narakx f'idejn il-barranin!*

Għalih innifsu jirriferi mhux bħala qassis, anqas bħala bibliotekarju jew għalliem, iżda bħala *poeta.* U dan il-poeta kien jaf li kien poeta effettiv: "Lill-Muża", waqt li kien jikkontempla l-ġenerazzjoni ġdida ta' poeti li kienet tiegħa warajh, kien qalilha:

*Hawn miet f'idejja*
*min lill-barrani kien, jaħasra, jbigħek.*

U lil ommu fl-aqwa tal-maturità tiegħu, ħafna iktar minn għoxrin sena wara li kienet mietet, l-istess igħidilha: "Jien ħabbejtek kif iħobb *poeta.*" Kien jaf li hu kien "ġarrab/l-hena ta' bla tarf li hu poeta . . ."

Iżda mbagħad ma kienx arroganti u kien umli biżżejjed biex jaċċetta li l-poeta ma għandu xejn tiegħu. "Mhux minn jeddu l-poeta/jgħanni." Il-poeta huwa biss il-mezz li bih is-setgħat moħbija ta' l-univers jinqdew biex ifissru ruħhom fil-waqt ta' l-ispirazzjoni. Jidher li Dun Karm kien influwenzat ħafna mill-ħsieb tar-Rumani dwar x'inhija l-poeżija. Għar-Rumani l-poeta kien biss qisu arpa li meta r-riħ ivenven minn ġol-ħjut tagħha tibda tgħanni. F'dan is-sens il-personalità tal-poeta tispiċċa fix-xejn, tisfuma fl-univers, bħax-xemx u l-qamar, il-blat u l-baħar, il-kwiekeb żoroq u l-ilma ġieri.

Ngħid għalija mbagħad, għadni niftakar sew kemm fil-passiġġati twal li għall-ħin ta' l-Ave Marija fil-għaxija kont nagħmel miegħu u ma' Godfrey Zarb Adami fiż-żmien tal-gwerra madwar Ħaż-Żebbuġ, fejn it-tlieta konna rifuġjati, kien jinsisti bil-ħlewwa u bil-kalma kollha fuq il-massima tar-Rumani li:

*"Poeta nascitur, non fit"* (Bniedem jitwieled, mhux isir poeta).

Din il-konvinzjoni morali kienet ħaġa għal kollox Dunkarmjana u Maltija. Ma nsibu xejn bħalha, la fil-letteratura Taljana u wisq inqas f'dik Ingliża. Kienet influwenza Latina maħkuma mill-mentalità tal-qassis kattoliku li f'kollox jara l-id tal-Providenza u qatt id-destin jew l-aċċident.

La l-poeta kien biss il-mezz li bih l-Ispirazzjoni jew il-lehma tinqeda, il-poeta kellu d-dmir li jipprepara ruħu sew biex ikun strument tajjeb bħal kwalsijasi strument ieħor f'idejn bniedem imħarreġ fis-sengħa tiegħu. U jista' jkun li dan hu għaliex fil-poeżija

tiegħu tintlaqat bilfors mill-oġġettività u l-ħakma tas-suġġett tal-poeżija tiegħu b'mod li donnu jqaxxar il-filosofija tad-dielja, ta' Ġesù Sagramentat, tal-baħar "Żagħżugħ ta' Dejjem", tal-kanarin tiegħu, tal-Musbieħ tal-Mużew ta' Dun Mikiel Xerri, ta' Vassalli, tat-tifla tar-raba', ta' Ġunju, ta' xenqet ir-raba', eċċ. Bħal fil-poeti romantiċi kollha l-element suġġettiv qiegħed hemm ukoll, imma ssib li f'Dun Karm ma għandikx biss il-poeżija 'mija fil-mija poeżija jien' kif kien iddeskriva l-poeżija lirika tiegħu innfsu Karmenu Vassallo: Hemm dik ix-xi ħaġa iktar fundamentali li hija tiegħu, u tista' tgħid tiegħu biss fil-letteratura Maltija: kif ilaqqa' lill-qarrej mas-sustanza tal-ħaġa li tkun laqtitu "meta x-xrara tikbes", u li għamlitu kif sejjaħlu l-professur Arberry, "Poet of Malta", mhux fit-tifsira li donnha tajnieha lkoll, biex nitfanfru bina nfusna: "Poeta Malti"; iżda f'dik partikolari ta' "Il-poeta internazzjonali li ħareġ minn Malta."

L-għanja tibqa', iżda f'ċertu sens il-poeta jibqa' wkoll! Mhux hekk?

La ġietni l-okkażjoni u la jien Avukat, jixraq li ma nħallix l-okkażjoni taħrabli mingħajr ma nipprova nagħmel difiża tar-reputazzjoni, ta' l-isem tajjeb, tal-ġieħ tal-Poeta Nazzjonali kontra l-malafama goffa u vulgari li saritlu xi żmien ilu, u li baqgħet mhux irtirata, kif l-irġulija kienet titlob li kellha tkun irtirata, la kienet ħolqien ta' moħħ maħmuġ mingħajr l-inqas xintilla ta' prova. La Dun Karm hu dak li hu, il-malafama saret lill-moviment tal-Malti kollu, lill-Ministeru tal-Kultura tagħna, lill-poplu Malti kollu, lilkom u lili u għandna nilqgħu għal xi tattika oħra li għall-bżonn qed tistenna l-mument opportun biex toħroġ tgħajjat "*chi tace, consente!*" F'isimkom u f'ismi jien ngħajjat: "*non abbiamo consentito affatto!*" "*Non siamo mica taciuti!*" Nagħmlu kif jagħmlu l-Ingliżi: "*Let us call a spade, a spade*".

Xi ħadd ta' żmienna li jaf id-dinja sew, u li jidher li jaħseb li jaf ħafna, stqarr ruħu skandalizzat bl-ewwel nofs ta' l-aħħar vers tas-Sunett "Lil Malta – Fuq il-Fruntiera – Wara elfejn attakk mill-ajru", li diġà kkwotajt erba' versi minnha: Is-sestina ta' dak is-sunett hija din:

*Issa jaħasra l-libsa m'għadhiex sħiħa.*
*Għadu bla qalb li ma rebħekx bil-ħarta,*
*Infexx fil-libsa w ċarrathielek sewwa.*

*Iżda jien ma rajtek qatt, bħal-lum sabiħa,*
*O Malta tiegħi, għax mil-libsa mċarrta,*
*Stajt nara 'l sidrek u 'l-egħruq ta' ġewwa.*




*Dun Karm mal-membri ta' l-Ewwel Praesidium tal-Leġjun ta' Marija f'Malta, fl-1937. Dun Karm kien l-ewwel Direttur Spiritwali kif turi l-istess kitba li tinsab fuq in-naħa ta' wara ta' l-istess ritratt (inserita hawn fuq ix-xellug) bl-Ingliż, minn id Dun Karm stess. (ritratt: il-familja Carmelo u Stella Balzan li n-nanna tagħhom kienet oħt Dun Karm).*

Ikonċentra fuq it-tifsira letterali ta' l-ewwel nofs tal-vers ta' l-aħħar "*Stajt nara 'l sidrek u 'l-egħruq ta' ġewwa*". Nesa, jew ma kienx jaf, li bil-Malti l-kelma sider hija sinonimu qawwi għal "*kuraġġ qawwi*", bħal fl-espressjoni idjomatika, "taffronta sidrek". Ma ntebaħx li l-interpretazzjoni letterali tirvina l-vers, billi l-estetika ta' l-ewwel nofs tintilef għal kollox fil-kruha ta' l-"*egħruq ta' ġewwa*" tat-tieni nofs li jfakkruk mill-ewwel fil-biċċerija u l-bank tal-bejjiegħ tal-laħam taċ-ċanga bl-egħruq għaddejin mid-dgħif; ma fehemx il-kuntest kollu tas-sunett li kien ovvjament tifħira lil Malta għall-kuraġġ erojku li wriet fl-aħħar gwerra. Seta' ttenda, imma ma jidhirx li ttenda (għaliex ma nafx), illi li kieku wieħed irid ikun erotiku jew pornografiku kif issuġġerixxa hu, allura l-kelma "*ġismek*" hija l-iktar kelma lingwistikament komda u mhux "*sidrek*", ftakar fil-pinzellata ritrattista, realistika, li biha Dun Karm iddeskriva t-tfajliet bidwija fis-saffika "Xenqet ir-Raba'" "*B'sidirhom / Jiżfen mal-mixja*". Ftakar fi Freud; qal "*qed tara l-poeta tagħna kellu t-tentazzjonijiet tiegħu*". Bil-moħħ maħmuġ tiegħu lit-tentazzjoni għamilha fatt u, agħar u agħar, il-fatt għamlu vizzju. Mur obsor! Qisu mhux kull bniedem normali għandu t-tentazzjonijiet tiegħu! Qisu n-normalità m'hix kwalità essenzjali għas-Saċerdozju Kattoliku! Qisu ma ntqalx madwar elfejn sena ilu: "*Min hu bla dnub, jixħet l-ewwel ġebla!*"

Imma Dun Karm jieqaf koloss fuq il-pedestall żonqri tal-poeżija reliġjuża u filosofika tiegħu, li turina l-emozzjoni, l-immaġinazzjoni, il-konċentrazzjoni tiegħu fejn kienu tul għomru kollu, ibda mill-Innijiet Ewkaristiċi li għadhom iżejnu l-ħin tat-tqarbin fil-knejjes tagħna, u li ħafna minna kellom ix-xorti x-xahar li għadda jisimgħuhom fil-Kattidral jitkantaw minn dak il-meravilja ta' kor Għawdxi u li nstemgħu dak in-nhar kif la Dun Karm u anqas Maestro Caruana żgur li qatt ma ħolmu, għalkemm setgħu jimmaġinaw li kellhom jinstemgħu, u kompli bil-poeżji reliġjużi mastizzi bħal "Vista lil Ġesù Sagramentat"; "Il-Monument", "Alla Mhux Hekk", li joqogħdu spalla ma' spalla ma' l-aqwa poeżiji fl-aqwa antoloġiji ta' poeżiji Ingliżi, Taljani jew Latini li studjajna, u spiċċa fil-ħsibijiet mastiċċi ta' "Il-Jien u lilhinn Minnu" li ma nistħix nammetti li għadni nsibhom ta' konsolazzjoni meta d-dinja bil-materjaliżmu tagħna qisha tqum għalija, partikolarment dik ir-ragħda qawwija ta' "*Emmen, emmen!*" li tfaqqa' qisha sajjetta fuq kollox u kulħadd minn kull rokna ta' l-univers. Barra minn dan fatt li x'aktarx li bdejna ninsew: Monsinjur Psaila kien wieħed mill-fundaturi tal-*Legion of Mary* u l-ewwel Direttur Spiritwali Nazzjonali ta' dik l-Għaqda Kattolika.

Daqshekk kienet tkun difiża biżżejjed! Iżda jien nista' nixhidhielu u sejjer nixhidhielu issa iktar minn erbgħin sena wara: li f'Raħal fejn is-seksik ma naqas qatt, fejn kelma fuq dak, fuq l-ieħor u fuq kulħadd smajtha, f'ħames snin sħaħ tal-gwerra, qatt ma smajt l-inqas nofs kelma li b'xi mod kienet tnaqqas mill-ġieh, mill-fama, mill-integrità, mill-onestà, mill-qdusija, tal-"Qassis – poeta tagħna", tant li nista' ngħid li nħossni konvint li l-inqas għadma ta' l-iskeletru tiegħu midfun fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' Ħaż-Żebbuġ ilha li wieġbet lil dan bil-vers immortali li bih darba għal dejjem Dun Karm kien fisser l-"*orgoglio*" tiegħu kollu li kien qassis Kattoliku, meta lil P.D. li kien kasbarlu ismu wieġbu:

*Għalkemm int ismi rfistu*
*Jiena naħfirlek,*
*Kif għandu jaħfer Saċerdot ta' Kristu.*

Monsinjur, Dun Karm Psaila, kemm kont ispirat u kemm kont bravu! "*L-għanja tibqa*"', imma donnu l-poeta baqa' wkoll, mhux hekk?

**Ġużè Chetcuti**



# L-Impresjonijiet tiegħi dwar Dun Karm u l-Poeżiji tiegħu

L-ewwel impressjoni li ħadt ta' Dun Karm: l-umiltà. L-umiltà hi l-akbar prova kemm bniedem hu tabilħaqq kbir. Rajt l-umiltà ta' Dun Karm ma' l-ewwel darba li ltqajt miegħu. Kont għadni żagħżugħ, Dun Karm kien ġà mdaħħal sewwa fis-snin. Fl-età bejni u bejnu kien hemm qabża ġmielha. Mort sibtu l-Bibljoteka u wrejtu l-ewwel poeżiji li kont ħażżiżt. Qrahom bil-paċenzja karatteristika tiegħu, u qagħad jurini fejn kont għotort u jispjegali xi regoli tal-prosodija. Dik l-ewwel laqgħa ma' Dun Karm ma ninsieha qatt.

Qalbu Dun Karm kienet għal kollox wara l-Ilsien Malti. Għalih kien ta' sodisfazzjon kbir jara ż-żgħażagħ telgħin, imħeġġa għall-poeżija. Dan jikkonfermah fil-poeżija "Lill-Musa":

*warajja tielgħa kotra qalbenija*
*ta' żgħażagħ ferreħin, u fit-triq tagħhom*
*ifuħ . . . ifuħ il-ward tal-poeżija.*

Dun Karm kien psikologu kbir. Din l-impressjoni stajt nifformaha mill-poeżiji tiegħu: fehem il-qalb tal-bniedem u kiteb fuq kull aspett

tal-ħajja, mill-għira għall-imħabba, mill-ferħ għat-tbatija, mill-gratitudni għall-ingratitudni, mill-ottimiżmu għall-pessimiżmu u għall-ateiżmu. Dun Karm għex il-ħajja solitarja, ħajja kwieta, ħabib ma' kulħadd. Qatt ma xammar biex jiġġieled fil-miftuħ ma' l-egħdewwa ta' l-Ilsien Malti. Ma kellux il-karattru ta' ġelliedi imma fih kien hemm ħidma kontinwa b'riżq l-Ilsien Malti u l-letteratura Maltija.

Fl-umiltà tiegħu, meta fil-gazzetta bit-Taljan *Malta* tad-29 ta' Settembru 1934 kien deher artiklu ta' P.D. msemmi "La zecca che non l'azzecca" bi kritika lil Dun Karm, Dun Karm li ma kienx iħobb jippolemizza minflok ma wieġeb b'risposta iebsa kif kien jixraq, wieġeb b'sunett ta' ħbiberija u maħfra.

Għal Dun Karm il-baħar hu simbolu tal-ħajja. Ilkoll hemm aħna ninsabu f'baħar wieħed: ilkoll għandna t-taħbit, l-inkwiet, imma fil-fehma ta' Dun Karm, poeta mija fil-mija ottimista, dan it-taħbit jintrebaħ minn min jagħraf ilaqqa' saħħa, determinazzjoni u volontà.

Impressjoni oħra li wieħed jieħu hi li Dun Karm kien iħobb il-ħajja familjari. Lil ommu jsemmiha f'diversi poeżiji, fothom "Il-Jien u lilhinn Minnu". F' "Otia Aestiva" jagħti importanza mhux żgħira lil Ġannina Pisani, in-neputija tiegħu, li kienet teħodlu ħsieb l-indafa tad-dar u tlestilu l-ikel. B'tifkira tal-mewt tagħha kiteb eleġija fil-forma ta' żewġ sunetti. "Għax kienet tajba", kiteb Dun Karm, "Alla riedha miegħu u ħajjitha ntemmet kmieni. Għalija t-tama li għad naraha fil-hena ta' dejjem."

Ma jistax jonqos li wieħed ma jinnotax il-ġibda li Dun Karm kellu għall-ambjent lokali. F'diversi poeżiji tana deskrizzjonijiet dettaljati b'sens qawwi ta' osservazzjoni tal-post u tal-karattri. Hu fittex li jirrendi sens ta' trankwillità u kalma fix-xeni rurali, oġġetti u personaġġi li ddeskriva. Ma' dawn ix-xeni u persunaġġi nassoċjaw ideat ta' paċi, ta' konfort u ta' innoċenza, armonija u sliem fil-wesgħat tal-kampanja.

L-impressjoni tiegħi hi li Dun Karm fil-poeżiji tiegħu ma ħoloqx dinja fantastika imma baqa' fir-realtà tal-ħajja: uriena kemm hu iebes ix-xogħol tar-raba' imma kemm fih sodisfazzjon il-frott li jagħtina.

Dun Karm waqt li baqa' jsegwi l-istil tal-poeżija tradizzjonali tal-Foscolo, Monti u Zanella bil-preċiżjoni ta' l-istrofi u l-kadenza ta' l-aċċenti kif hu nnifsu ħadem il-poeżija bit-Taljan f'*Foglie d'Alloro*, b'dankollu meta nipparagunawh mal-poeti Maltin ta' qablu nsibu li hemm baħar jaqsam bejniethom, għax Dun Karm ta libsa ġdida lill-Ilsien Malti (i) bl-użu ta' l-idjolett, kliem partikulari bħal *ħġieġ għadsi*, *jmekku*, *immejxi*, *mikla*, kliem li qatt qabel ma kien għadu ġie

użat; (ii) riflessjonijiet metaforiċi; (iii) devjazzjonijiet.

Jimpressjonak il-lessiku li nqeda bih Dun Karm. Il-kelma Maltija konvenzjonali tal-poeti ta' qabel kienet nieqsa mill-vitalità u l-kulur, Dun Karm taha ġmiel letterarju u qawwa espressiva. Ħafna huma l-impressjonijiet li joħorġu mill-poeżija ta' Dun Karm, iżda impressjoni li tibqa' mnaqqxa fil-moħħ hi, li minkejja l-kobor spiritwali u kreattiv tiegħu u minkejja l-fama ta' l-ogħla poeta Malti, għex ħajja ta' bniedem umli, bla vanaglorja, u ħabb il-klassi l-iżjed umli tal-ħajja Maltija, il-bidwi, il-ħaddied, in-nissieġa, it-tfajla tar-raba'.



TIFKIRA

TA' META

**MONS. K. PSAILA**

GĦALAQ

ĦAMSIN SENA

IQADDES.

19-v-1894 19-v-1944.

## SUNETT ĊKEJKEN

Kif niżżik ħajr, Mulejja,
Ta' kemm kontli ħanin?!
Tinżel kulljum f'idejja,
Twettaqni bit-tqarbin,

U nara s-snin għaddejja
Bi mħabbtek imżejnin
Sa tasal taħt għajnejja
It-temma tal-ħamsin!

Oh! f'dan il-jum imbierek
Noffrilek l-Iben tiegħek,
Biex irodd ħajr għalija;

U ta' ħajti fil-bqija
Nixtieq li nibqa' miegħek
Fl-opra tal-Fidwa mxierek.

*Quddiem u wara ta' santa żgħira (70mm × 104mm) tifkira ta' egħluq il-ħamsin sena jqaddes – Dun Karm ħadem is-"Sunett Ċkejken" fuq il-forma tas-sunett petrarkjan imma b'versi settenarji.*

*Is-"Santa tal-Mejtin" li tqassmet wara l-mewt ta' Dun Karm.*



O Ġesù ħanin, agħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

*(Ind. 300 jum).*

Ġesù, Marija, Ġużeppi.

*(Ind. 7 snin).*

TIFKIRA GĦAŻIŻA
TA'

**MONS. DUN KARM PSAILA,**
**C.B.E., D.Lit.,**

LI F'ĦAJTU ŻEJJEN ISEM U LSIEN
ART TWELIDU
BIL-MOĦĦ U QALB TA' POETA
LI TA LIL MALTA L-INNU NAZZJONALI TAGĦHA
MUDELL TA' QASSIS LI GĦAX GĦAL ALLA
U GĦAL GĦAJRU
MIET ĦAMEST IJIEM QABEL GĦELUQ
ID-90 SENA TA' ĦAJTU
FIT-13 TA' OTTUBRU, 1961.
IMSEJJAĦ MIS-SEMA GĦALL-PREMJU
TA' ĠIEĦ U HENA
WISQ IŻJED XIERAQ MINN DAK
LI RIEDET TAGĦTIH ID-DINJA
GĦALL-ĠID LI GĦAMEL F'GĦOMRU.

R. I. P.

**Dun Frans Camilleri**



# Ħassejtni Miblugħ u Mriegħed ħdejn Dun Karm

Kont għadni nistudja għal qassis fis-Seminarju tal-Furjana, meta, ta' 16-il sena, kont naqra ħafna bil-Malti, l-iktar ir-rumanzi u l-poeżiji ta' Dun Karm. Fi ftit snin bdejt inħoss ġibda kbira għall-kitba ta' poeżiji bil-Malti u kienet xorti kbira għalija li f'dak iż-żmien sirt naf lill-Prof. Ġużè Aquilina. Fis-sajf ta' l-1935 kont immur għandu l-Birgu għal-lezzjonijiet ta' l-Ingliż u kull darba kien iżommni xi ftit għandu u jkellimni dwar l-Ilsien Malti u r-rumanz tiegħu *Taħt Tliet Saltniet* li kien qiegħed jikteb u li bih, imbagħad, rebaħ l-ewwel premju f'konkors letterarju. Sirt midħla ta' Ġużè, u wara li wrejtu l-ewwel poeżiji li kont ħarbixt, għamilli l-qalb u ħeġġiġni kemm felaħ biex nibqa' nikteb bil-Malti.

U jien smajt minnu. Xi poeżiji tiegħi bdew jidhru f'*Leħen il-Malti*, *Il-Malti*, *Il-Pronostku* ta' Muscat, *The Teacher*, u f'bosta ġurnali. Kien f'dak iż-żmien bikri meta ġejt wiċċ imb'wiċċ ma' Dun Karm li stedinni d-dar tiegħu f'Tas-Sliema biex jarali l-ewwel versi li ħarġu mill-pinna żagħżugħa tiegħi. U jiena mort. Kif dħalt għandu, b'wiċċi abjad-safrani bħall-karti li kelli f'idejja, quddiem bniedem hekk kbir, jiena ħassejtni miblugħ u mriegħed. Imma wara li qara



*Dun Karm fid-dar tiegħu f'Tas-Sliema. (ritratt: Dun Frans Camilleri)*

dawk il-poeżiji tiegħi, kliemu kien ħelu u mieles, hekk li jien ħassejt fawra ta' mistħija tielgħa ma' wiċċi li f'ħin wieħed imlietni b'hena kbir. Qatt ma ninsa l-ferħ li ħassejt f'qalbi dak inhar fid-dar ta' Dun Karm! Dak il-jum għalija kien il-bidu ta' triq twila u sabiħa, it-triq imdawla tal-Poeżija li sirt inħobb u ngħożż b'qalbi kollha.

Imbagħad, kif kont imħeġġeġ u mwennes mill-Poeta Nazzjonali, ktibt u ktibt, kemm poeżija kif ukoll proża. U Dun Karm baqa' jistedinni għandu ta' sikwit. Meta wasal il-Ġublew tad-Deheb ta' l-ewwel quddiesa tiegħu, fid-29 ta' Mejju 1944, jien fettilli niktiblu dan is-sunett:

LIL MONS. K. PSAILA

*Hekk nafħa x-xemx sabiħa mit-tfulija:*
*w ismek ukoll, Dun Karm, fil-ġieh żammejtu*
*minn dak iż-żmien. U issa fiż-żogħożija*
*nifraħlek b'dan l-Ilsien għax int għożżejtu,*

*Sehmek fuq din l-art ilek li qdejtu!*
*Ħdimt wisq f'żewġ oqsma sbieħ: il-Poeżija*
*ma fixklitekx fit-triq, għax int ħabbejtu*
*fil-għana lill-Mulej u fil-qdusija.*

*Il-lum b'dan l-għomor twil nifirħu miegħek.*
*Ħares fil-bogħ'd . . . Ma kienx il-ġieh ta' Lsienek*
*merfugħ bħal-lum: w int tħoss il-ferħ ġo qalbek*

*xħin tara l-frott sabiħ f'dal-qasam tiegħek.*
*'Mma tibki wkoll il-lum għax bħal ta' żmienek*
*m'għadhiex il-ħajja . . . Iftakru dan waqt talbek!*

Għal dan is-sunett Dun Karm kien weġibni b'ittra li minnha jidher tajjeb kemm il-Poeta Nazzjonali kien igħożż il-missjoni tiegħu ta' qassis.

"Dar is-Sliem',<br>Tas-Sliema.<br>2 ta' Ġunju, 1944

Għażiż Dun Frans,

Wasalli kollox: l-ittra u s-sunett. Nifraħlek mhux għax is-suġġett huwa jien, iżda għax is-sunett hu maħdum tajjeb, u bħas-sebħ ta' fil-għodu hu aħbar ta' jum sabiħ.

Iżda fuq kollox niżżik ħajr talli inti hekk minn qalbek ingħaqadt miegħi fil-ferħ ta' egħluq il-Ħamsin sena ta' Saċerdozju li hu waħda



*Dun Frans Camilleri u Mons. P. Calleja flimkien ma' xi emigranti (fosthom J. Magri-Overend minn Londra u Manwel Bugeja minn Melbourne fl-Awstralja) jqiegħdu kuruna ward quddiem il-monument ta' Dun Karm, fil-Belt. (ritratt: The Times of Malta)*

mill-isbaħ grazzji li Alla jista' jagħti lil saċerdot. Irrid nitma illi t-talent (wieħed) li tani ma ħbejtux, u li meta mmur quddiemu ma jkeċċinix 'il barra. Inti itlob għalija biex isseħħ din it-tama; jiena ma nonqosx li nitlob għalik.

Nixtieqlek kull ġid, l-aktar il-Barka tas-sema u l-paċi ta' qalbek.

Tiegħek,
Dun Karm

Meta fl-1945 ħriġt fi ktieb l-ewwel ġabra ta' poeżiji tiegħi, bl-isem *Moħba tal-Qalb*, ma nqastx li nibgħat wieħed lil Dun Karm. Hu, min-naħa tiegħu, ma naqasx li jibgħatli ittra biex jiżżini ħajr u jixtieqli sedqa sħiħa fl-imħabba ta' l-Ilsien Malti u tal-poeżija Maltija.

Inħoss li kienet xorti kbira għalija mhux biss għaliex kont ħabib ta' Dun karm, jew għaliex għenni fis-sengħa tal-kitba tal-poeżija, jonkella għax faħħar il-poeżiji tiegħi, imma l-iżjed għaliex fih sibt missier għaqli u mgħallem kbir kemm fl-arti tal-poeżija kif ukoll fit-tiġrib u t-tweghir tal-ħajja. U t-tagħlim li tani għadni ngħożżu u nħaddmu sal-lum. Kien għalhekk ta' niket kbir għalija meta nies bla qalb u bla ġieħ għamlu li setgħu biex itebbgħu l-isem sabiħ ta' bniedem kbir bħal Dun Karm, kemm f'ħajtu kif ukoll wara mewtu. Isem dawk li tħabtu biex tqaċċat Dun Karm mis-Seminarju, fejn kien igħallem, illum hu midfun fit-trab tat-tkasbir kif għad jiċċappas biż-żeblih u l-mistħija isem dawk li għajruh fi żmienna wara mewtu, filwaqt li isem Dun karm jibqa' jiddi bħax-xemx u jdawwal għal dejjem.

Kif kien igħidli Dun Karm, huwa kellu ħafna egħdewwa għax kien imxaqleb lejn l-Ingliżi bħala poplu u għaliex kiteb poeżiji b'tifħir lill-Bandiera Ingliża u lir-Reġina ta' l-Ingilterra. Jiena wkoll nara ħafna xi ngħożż u xi nħobb fl-Ingliżi bħala poplu. Dan ma jfissirx li Dun Karm u jien, jew ħaddieħor, aħna kontra t-Taljani jew kontra xi nies oħrajn. Dun Karm kien mgħallem ta' l-Ilsien Taljan u bih kiteb għal bosta snin poeżiji mill-aqwa. Jien għal tliet snin kont nitgħallem fl-iskola tat-Taljani, fi Triq l-Ifran, magħrufa bl-isem "Umberto Primo" u niftaħar li mort hemm qabel dħalt is-Seminarju bħalma niftaħar li minn kmieni tgħallimt tajjeb l-ilsien Taljan u l-letteratura kbira tiegħu. Min hu bniedem kbir fil-letteratura, fl-arti, fil-mużika, fix-xjenza jew f'xi ħila oħra, iħossu għal kollox ogħla u aqwa, u għal kollox superjuri għal kull għamla ta' pika bla sens, fanatiżmu u ħmerijiet bħal dawn li jaħkmu lin-nies tal-gżejjer tagħna. Min ħabb minn qalbu u bis-sinċerità lill-Ilsien Malti ma setax jifraħ jekk għal xi żmien twarrab it-tagħlim ta' l-Ilsien Taljan mill-iskejjel tagħna.



*Ritratt ftit sfukat, fih jidhru Dun Karm u Dun Frans Camilleri ħerġin mill-knisja ta' San Girgor, f'Tas-Sliema. Din ix-xena dehret fil-Film li sar tal-Poeta Nazzjonali.*

Imma ħadd ma kellu l-jedd li jlum jew imaqdar lil Dun Karm jekk fi żmienu, bħalma qablu kien għamel Mikiel Anton Vassalli u oħrajn, tħabat u ħadem kemm felaħ biex jara lill-Ilsien Malti ħakkiem f'daru u mhux imżeblaħ u mkasbar minn dawk li kienu mogħmijin wara lsien barrani. Bosta minn dawk l-istess nies li ma ħamlux il-Malti ħaduha bi kbira wisq meta Dun Karm – li kien l-idolu tagħhom meta kien jikteb bit-Taljan – beda jikteb bil-Malti; u saħansitra waslu biex igħajruh u jobogħduh. Lil wieħed li għajru fil-ġurnali, Dun Karm kitiblu sunett li tiegħu din hi l-aħħar terzina:

*Iżda xejn tibża'; jekk int ismi rfistu,*
*jiena naħfirlek hawn quddiem kulħadd*
*kif għandu jagħmel saċerdot ta' Kristu.*

B'dak il-ħsieb minqux f'moħħi li f'Malta kien għad hawn ħafna li jobogħdu l-Ilsien Malti u jistħu minnu, qtajtha li noħroġ ktejjeb bil-poeżiji ħfief bil-Malti għat-tfal bl-isem *Fil-Ġnejna tat-Tfulija* għaliex deherli, u hekk għadu jidhirli, li ma tistax teduka l-poplu jekk ma tibdiex mit-tfal, u li ma tistax teduka lit-tfal aħjar milli bl-ilsien tagħhom. M'hemmx għalfejn ngħid, lil Dun Karm bgħattlu wkoll dan il-ktejjeb, u s-Saħħar tal-kelma Maltija weġibni hekk:

15 ta' Ottubru, 1948

Wasalli l-ktieb tiegħek *Fil-Ġnejna tat-Tfulija*, ġnejna ħelwa tassew, tfewwaħ b'ħafna ward ċkejken, tlewwen bil-ġwienaħ tal-friefet u tidwi biż-żanżin tan-naħal.

Ħabib, nifraħlek u nixxik ħajr. Ibqa' xettel u kabbar ward bħal dan, ħalli tinġila u tissaħħaħ fil-poeżija l-letteratura tagħna.

Dun Karm

Jien għamilt li stajt, bil-pinna u bil-fomm, l-iktar fost l-eluf ta' studenti li għallimthom il-Malti mill-1944 sa l-1971 fil-kulleġġ "San Lwiġi" ta' Birkirkara u fis-Seminarju, biex flimkien mat-tagħlim ta' l-Ilsien Malti nonqox fi qlubhom dik l-imħabba xierqa għall-Ilsien tagħna, għal Malta u għal dak kollu li hu Malti. Iż-żmien inessi kollox. Iż-żgħażagħ tal-lum ma jafu xejn, ħlief mill-ġurnali ta' dak iż-żmien, dwar dik it-taqbida ħarxa u twila għall-jeddijiet ta' l-Ilsien Malti. Qalbhom u moħħhom huma mifruxin u msammrin fuq bosta ħwejjeġ, ħżiena u tajbin. Għalhekk iridu min igħallimhom u jfakkarhom fit-taqbidiet kbar ta' l-imgħoddi għall-jeddijiet ta' Malta u ta' l-Ilsien



*Dun Frans Camilleri mal-Poeta Nazzjonali, fid-dar tiegħu f'Tas-Sliema, aktarx nhar is-17 ta' Settembru, 1949.*

Malti. Il-poplu kollu jeħtieġ li jiżżi ħajr u li jibqa' jafhulhom lil dawk kollha li għenu u ħadmu sħiħ, bħal Dun Karm, Saydon u Ġużè Aquilina (biex insemmi xi wħud) għar-rebħa ta' l-Ilsien Malti li wara kienet il-bidu għar-rebħ tal-jeddijiet tagħna bħala poplu Malti.

Il-lum hawn Maltin li ma jaslux biex jemmnuk meta tgħidilhom li sa ftit snin ilu fil-Qrati tagħna kien isir kollox bit-Taljan, u hekk ukoll il-priedki u ċ-ċirkularijiet f'xi knejjes tagħna u bnadi oħra. Min, bħal Dun Karm, fehem tajjeb l-inġustizzji li kienu qegħdin isiru mal-poplu tagħna, ma qagħadx b'idejh marbuta u, għaliex tkellem u kiteb, qam l-infern kollu kontrieh, minn kull naħa. Kemm bata Dun karm u kemm ħaqruh u weġġgħuh għaliex qabeż għall-jeddijiet tal-poplu Malti! B'dan kollu quddiem għajnejja, meta smajt l-aħbar tal-mewt ta' Dun Karm, jiena ktibtlu dan is-sunett:

*Għad jibqgħu fl-isbaħ sema jiddu f'Artna*
*kwiekeb mill-kbar u jsebbħu 'l dan l-Ilsien,*
*u minnek jieħdu l-ġmiel li bih saħħartna,*
*Xemx ħelwa li ġibt fostna dal-qawmien.*

*Qawmien ta' dawl fl-Istorja li fakkartna,*
*fl-imħabba, fit-Twemmin li wrejt f'kull żmien,*
*qawmien għal ġrajjiet kbar li int ħabbartna,*
*ta' rebħ għal Malta tagħna u ta' ħelsien.*

*Int rajt, imxejt u rbaħt b'kelmtek setgħana*
*jedd l-Ilsien Malti. Il-lum rebbieħ jinstema'*
*fil-qrati u f'kull dar, fil-knejjes tagħna.*

*Bħax-xemx infidt is-sħab li ried jgħattik,*
*u tlajt biex ma tinżilx, qalbien, fis-sema*
*fejn tibqa' biex kulħadd jitgħaxxaq bik.*

Lil Dun Karm ma nista' ninsieh qatt. Meta kont immur għandu, ma kienx ikellimni biss dwar l-Ilsien Malti u l-poeżija, imma wkoll dwar l-Istorja tal-Knisja, l-Arkeoloġija, l-Arti, il-Mużika, ix-Xjenza u mitt ħaġa oħra. Dwar ħajtu kien qalli li hu ma kienx werċ mit-twelid imma meta kellu xi erba' snin. Qalli li billi hu kien imqareb, kien qiegħed jinbex kelb kbir u dan għamel għalih, qabeż fuqu, werwru u, bil-qatgħa li tah, inqatagħlu nerv minn għajn waħda. Bdana kollu, Dun Karm kien igħidli li kellu ġibda kbira għall-klieb għaliex l-ebda annimal ma' hu daqshekk fidil lejn sidu.

Xi ħbieb u studenti tiegħi, billi kienu jafu li jien kont ħabib kbir ta' Dun Karm, kienu jitolbuni neħodhom għandu biex jiltaqgħu miegħu. Jien ma kontx ridt indejqu, imma xi drabi kont neħodlu xi erbgħa jew



*Dun Karm ma' xi studenti li marru jżuruh fid-dar tiegħu f'Tas-Sliema.*

ħamsa f'daqqa waħda. Kien jifraħ bil-mistoqsijiet li kienu jagħmlulu dwar il-poeżiji tiegħu u l-letteratura Maltija; huma kienu jistagħġbu bil-kobor ta' l-għerf tiegħu. M'hemmx għalfejn ngħid, kull darba li kont immur għandu, kemm waħdi kif ukoll mal-ħbieb jew studenti, ma kont ninsa qatt nieħu miegħi l-magna tar-ritratti. Kien bis-saħħa ta' hekk li llum jien għandi ftit ritratti tajbin tal-Poeta Nazzjonali tagħna. Qiegħed ngħid "tajbin" mhux għaliex tal-ġurnali ma ħadulux ritratti tajbin f'dak l-għomor twil tal-Poeta, imma għaliex jien ma kontx naħmel nara ritratt ta' Dun Karm, iħares ċass lejn il-lenti b'għajn waħda difettuża. Kemm stajt, kont ngħidlu jħares fil-ġenb jew inqiegħdu milwi lejn il-ġenb bħalma ġbidtlu r-ritratt mal-kanarin li għalih Dun Karm kiteb waħda mill-isbaħ poeżiji awtobijografiċi. Għalhekk dan ir-ritratt intgħoġob u talbuhuli ħafna.

Biex nerġa' għall-kitba tal-poeżija. Dun Karm, wara li kien qara xi sitta mis-sunetti tiegħi, qabel ma miet kien isus warajja biex il-kitba tas-sunetti ma nitlaqhiex għaliex kien igħid li s-sunetti tiegħi kienu jogħġbuh ħafna, l-iktar "Xi Darba" u "Tarbija" li kont iddedikajt lill-ħabib u poeta kbir Karmenu Vassallo, li kien issaħħar warajhom. Dawn it-tnejn kienu dehru fl-ewwel ġabra ta' poeżiji tiegħi *Moħba tal-Qalb*. Dun Karm kien jisħaqli: "Ibqa' ikteb is-sunetti minkejja li din hija l-iżjed għamla tqila u iebsa fil-kitba tal-poeżija, u minkejja wkoll li s-sunett qiegħed jinqata' mill-moda u li m'għadux imfittex u mħaddem mill-poeti tal-lum sewwasew għaliex tabilħaqq huwa għadma iebsa."

U jien erġajt smajt minnu, qisu missieri, bħalma dejjem imxejt wara t-twissijiet għaqlin tiegħu. Fl-1964, tliet snin wara mewtu, jien ħriġt il-ġabra ta' poeżiji *L-Għanja ta' Ħajti*. Fl-ewwel taqsima ġbart erbgħin sunett, bħalma kien għamel il-Prof. Ġ. Aquilina fl-Antoloġija tiegħu bil-poeżiji ta' Dun Karm. B'hekk jien ma ridtx inqis ruħi bħal xi Dun Karm li, għall-ħsieb tiegħu biss, imqar jekk ikolli f'idejja *Il-Poeżiji Miġbura* tiegħu minn Oliver Friggieri, għadni nħossni sal-lum miblugħ u mriegħed. Imma b'hekk bħal xtaqt nuri lil Dun Karm li jien smajt minnu u bqajt nikteb is-sunetti li, għal xi wħud minnhom, għandu mnejn "jifraħ il-lum ġo qabru l-għadam tiegħu."

Qasam ieħor tal-Letteratura Maltija li fih jien imxejt wara l-imgħallem tiegħi kien dak ta' l-Innijiet. F'dan il-qasam Dun Karm u jien kellna rabta kbira bejnietna. Sa l-aħħar gwerra dinjija l-biċċa l-kbira ta' l-innijiet tagħna kienu jinkitbu bit-Taljan. Wara l-gwerra bdew jinkitbu bil-Malti. Dun Karm kiteb ħafna. Jien li kont tħabbibt miegħu fil-gwerra, kelli nitgħabba minfloku bil-kitba ta' l-innijiet

għall-parroċċi, għall-każini tal-baned, soċjali u sportivi, u għall-iskejjel; għaliex Dun Karm, meta beda jegħja, lil kull min kien jitolbu innu, kien jibagħtu għandi u jgħidlu li jien naqdih tajjeb u b'xejn, kif kien jagħmel huwa nnifsu. B'hekk li jien sal-lum ktibt fuq l-400 innu.

Lil Dun Karm kont bgħattlu l-ewwel ġabra ta' *Innijiet* li kont ħriġt fl-1949. U, bħalma kien għamel fid-drabi l-oħra li jien bgħattlu xi ktieb tiegħi, huwa kitibli mhux biss biex jiżżini ħajr tal-ktieb imma wkoll biex iniżżel xi kummenti dwar il-kitba tiegħi li ma kienx jistħoqqilha dak il-tifħir minn poeta hekk kbir.

1 ta' Frar, 1949.

Niżżik ħajr mill-ħsieb li ħadt tiegħi, u mbagħad mill-ktieb (*Innijiet*) li inti bgħattli bħala turija ta' ġieħ u ta' ħbubija.

Il-ktieb staħjjiltu bħala larinġa Maltija, minn dawk li niżlu l-anġli jħawluha fl-art tagħna; il-qoxra sabiħa fil-lewn u fit-tifsila tagħhom; imma l-flieli ta' ġewwa huma isbaħ, bosta isbaħ. Ngħidlek is-sewwa, malli doqt l-ewwel felli, xtaqt li niblagħha sħiħa din il-larinġa, imma billi daqsxejn kbira, kelli nikolha felli felli: togħmithom tajba wisq.

Issa niżżik ħajr tassew mhux biss mill-ktieb li bgħatt lili, iżda mill-poeżija li inti qiegħed tagħti lil Art Twelidna, poeżija artistika, mexxejja, li mal-ġmiel tal-versi tgħaqqad il-ġmiel tal-ħsieb u tat-tqanqil reliġjuż.

Dun Karm

Dawn l-ittri li l-Poeta Nazzjonali bagħatli b'tiżżija ta' ħajr flimkien mal-kummenti tiegħu wara kull ktieb li kont bgħattlu, lili ferrħuni ħafna. Il-lum jiena ngħożżhom bħala l-ikbar teżor li għandi. U huma ta' sodisfazzjon mhux ċkejken għalija mhux biss għaliex wasluli min-għand ħabib kbir u l-akbar poeta Malti, imma wkoll għaliex il-kliem ta' dawk l-ittri ma kienx formalità iżda, kif rajt u ntbaht wara, kien kliem ħiereġ minn qalbu. Fil-ktieb ta' Ġużè Cardona dwar Dun Karm, (paġ. 253) iltqajt ma' dan il-kliem li Cardona silet minn waħda mill-ittri ta' Dun Karm lil Karmen Mikallef Buħaġar: "Il-Letteratura Maltija miexja 'l quddiem. Dawk il-versi ta' Vassallo, Chetcuti u Dun Frans Camilleri jagħmlu ġieħ lil Malta u jġibu warajhom ħafna oħrajn jekk mhux aħjar minnhom, tajbin bħalhom."

Irnexxieli nikteb dan l-għadd hekk kbir ta' innijiet imħabba żewġ raġunijiet: l-ewwel, minħabba l-ħbiberija tiegħi ma' Dun Karm li kien jibgħatli n-nies jitolbuhomli; u t-tieni, għaliex f'dawk l-ewwel snin li

bdejt nikteb il-poeżiji l-Italja kienet fi gwerra kontra Malta u l-ħafna innijiet bit-Taljan inqatgħu għal kollox. Biex jibqgħu jitkantaw dawk l-innijiet kellu jsir kliem bil-Malti għalihom filwaqt li bdew isiru oħrajn bil-Malti b'mużika ġdida. Dan kien frott tajjeb li ġie wara l-gwerra u m'għandniex xi ngħidu, xogħol kbir għalija li ssokta jikber imbagħad bil-Konċilju.

Waqt li qiegħed niftakar f'Dun Karm u nsemmi l-innijiet, ma rridx ninsa li wieħed mill-isbaħ innijiet bit-Taljan ta' Dun Karm "T'Adoriam" (li wara qalbu għall-Malti, bl-isem "Nadurawk") xtered mad-dinja kollha wara l-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali f'Malta fl-1913 mill-eluf ta' pellegrini u turisti li kienu ġew għall-okkażjoni.

Inħossni ferħan, għalkemm qatt ma nista' nasal biex inħallas id-dejn tiegħi lil Dun Karm, li tajt sehem ċkejken biex inkabbar u nxerred il-qima u l-imħabba lejh mill-poplu tagħna. Meta kont membru fl-Għaqda "Christus Rex" għent kemm stajt biex sar il-monument lill-Poeta Nazzjonali u li tqiegħed fid-daħla tal-Bibljoteka, kif ukoll biex inħadem film dokumentarju dwar il-ħajja u l-kitba ta' Dun Karm, b'Dun Karm innifsu qabel ma miet, fuq skript tiegħi. U biex sar il-bust ta' Dun Karm kelli niġbed bosta ritratti tiegħu minn naħiet differenti għall-iskultur Ġorġ Borg li ħadmu, billi Dun Karm kien kbir ħafna u ma setax joqgħod għas-"*sittings*" għal ħinijiet twal.

Jekk il-lum l-Ilsien Malti u l-Letteratura Maltija kibru u stagħnew hekk li aħna, għalkemm poplu ċkejken, għandna tassew biex niftaħru, dan kien bis-saħħa ta' Dun Karm, il-Poeta Nazzjonali tagħna. Bil-kitba tal-poeżiji u bil-ħidma kbira tiegħu għall-ġid ta' Artna, huwa kien jistħoqqlu l-ġieħ u l-monumenti li waqqfulu l-kleru u l-poplu tal-Gżejjer tagħna. F'għomor sabiħ huwa rawwem għadd ġmielu ta' żgħażagħ fil-kitba bil-Malti u fl-imħabba lejn Artna, u ta xejra letterarja għolja lill-Poeżija Maltija li kienet għadha fil-benniena. Il-kitba ta' Dun Karm, li hi mnebbha mill-imħabba lejn Alla u lejn Art Twelidna, tibqa' ssawwar l-imħuħ u l-qlub tal-kbar u taż-żgħar għal mijiet ta' snin.

# Lil Dun Karm

*Wara 25 sena minn mewtu*

Għaddew is-snin u kelmtek għadha ħajja,
ismek rebbieħ isaltan f'Malta tagħna
u jixgħel ġmielek, donnok għadek magħna
biex tmexxi 'l ġensna f'dat-taqlib tal-ġrajja.

Jiena ma ninsiek qatt, u ta' warajja
jibqgħu jqimuk f'kull żmien għax bik tistagħna
din l-Art li int ħabbejt b'qalbek setgħana
u xtaqtha tqum fil-ġieħ, bla għelt, bla tbajja'.

Mill-milja tal-ħlewwiet ta' qalbek kbira
insiġt, Dun Karm, il-ġmilijiet ta' Lsienna
b'sengħa tal-għaġeb. Leħen din il-Gżira

Xorob minn fommok l-għerf, is-saħħa u l-ħlewwa,
u bih jitqabad fil-ġlidiet ta' żmienna
kull Malti kburi bik, ħabib tas-sewwa.

**Dun Frans Camilleri**

**Alfred Massa**



# Dun Karm Għalija

Hu importanti ħafna li meta wieħed jitkellem dwar il-Poeta Nazzjonali tagħna, DUN KARM PSAILA (1871 – 1961), għandu qabel xejn jifhem li għandu jħares lejh fil-kwadru taż-żmien li għex fih. Dan japplika għal kull artist. Għax kull fergħa ta' l-arti hi mera mhux biss ta' min joħloq, iżda wkoll taż-żmien li fih joħloq.

Għedt li l-arti hi mera ta' min joħloqha. Għalhekk qabel ma wieħed jifli biċċa arti jagħmel sew li jsir jaf lill-ħallieq tagħha, għax bejniethom teżisti relazzjoni qawwija, u dan igħodd ukoll għal Dun Karm.

## Min kien Dun Karm

Dun Karm twieled Ħaż-Żebbuġ minn familja tipikament Maltija, kemm fl-edukazzjoni, kemm fl-ambjent u l-qagħda soċjali. Aktar tard iż-żagħżugħ ħass il-vokazzjoni saċerdotali, u ġie ordnat saċerdot fl-1894. Għalhekk il-ħarsa tagħna lejh għandha tkun waħda li tpoġġih f'dawl ċar bħala bniedem, bħala qassis u fl-aħħarnett bħala poeta.

Bħala bniedem Dun Karm kien raġel ġentili ħafna ma' kull tip u

klassi ta' nies.[1] Meta kont tersaq lejh aktarx kont tieħu l-impressjoni li kien żorr u supperv, iżda meta mbagħad kien ikellmek minnufih kont tinduna bl-umiltà, bil-mogħdrija u bil-ħniena li kien imżejjen bihom.[2] Kien bniedem kalm, ta' reqqa, metodiku, eżatt. Fuq kollox ta' spirtu ferrieħi u jħobb jagħmel ħbiberija malajr; aktarx biex jaħrab xi ftit mill-qagħda kontinwa ta' solitudni li kellu jgħix fiha, u fl-istess ħin ukoll biex jisfa ta' għajnuna għal ħaddieħor.[3]

Bħala qassis, Dun Karm kien jaqdi l-missjoni saċerdotali tiegħu bi skruplu liema bħalu. Fi kliem ieħor, kien meqjus bħala qassis kattoliku mill-aħjar, għaref, sieket, u ubbidjenti lejn l-awtorità.[4]

Dun Karm innifsu stqarr li ħass fih l-ewwel ġibdiet lejn il-poeżija meta kien jisma' 'l ommu traqqdu bil-versi tal-għanja: "Ninni, ninni, ruħi ninni". Iżda hu beda l-vera karriera tiegħu meta kellu 18-il sena. L-ewwel poeżija li kiteb kienet bit-Taljan u kien jisimha: "La Dignità Episcopale".[5] Imbagħad fl-1912 beda jikteb bil-Malti u l-ewwel xogħol tiegħu b'ilsienna kien poeżija dedikata lill-Madonna: "Quddiem Xbiha tal-Madonna". Minn dak in-nhar Dun Karm kompla jħaddem ilsien art twelidu bla waqfien u rnexxielu jiftaħlu t-triq li wasal fiha llum.

**Il-Poeżija Dunkarmjana**

Ta' min ifakkar li Dun Karm kien magħġun b'kultura kollha kemm hi Taljana. Hu nnifsu stqarr li bħala poeta żagħżugħ beda jikteb bit-Taljan għaliex dak l-Ilsien kien l-ewwel wieħed li kien tgħallem u kien għoġbu.[6]

Iżda Dun Karm kien poeta romantiku. Ir-Romantiċiżmu kien moviment li żviluppa ruħu mill-klassiċiżmu tant popolari fis-seklu XVIII Fir-Romantiċiżmu nsibu l-importanza ta' l-emozzjoni. Tajjeb niftakru wkoll li l-Leteratura Romantika bdiet tikkritika inqas u tħaddem l-immaġinazzjoni aktar biex tkun kapaċi tesprimi sentimenti

1. G. Delia, "Dun Karm Jibqa' Dejjem f'Qalbi".
2. P. P. Saydon, "Dun Karm – Apprezzament".
3. O. Friggieri, *Dun Karm – il-Bniedem fil-Poeta.*
4. *Ibid.*
5. O. Friggieri, *Il-Kultura Taljana f'Dun Karm.*
6. *Ibid.*

xierqa.[7]

Dun Karm mexa fuq l-istil klassiku tradizzjonali li fi żmienu kien għadu fl-aqwa tiegħu; ix-xempju tiegħu kien il-lirika tradizzjonali Taljana.

Mhux biss, imma r-Romanticiżmu Dunkarmjan hu msejjes fuq dak Taljan, fejn l-imħabba lejn il-patrija tiddomina fuq l-imħabba lejn in-natura. Ir-romantiċi Ingliżi bħal Keats, Shelley, Wordsworth, Byron u oħrajn, ikkonċentraw l-aktar fuq l-ambjent, fuq il-ħolqien. Dawk Taljani bħal Monti, Manzoni, Zanella u Mazzini, għal raġunijiet storiċi, ma setgħux jagħmlu dan.

Fis-seklu XVIII l-Italja kienet għaddejja minn kriżi politika u soċjali. Għalhekk ix-xewqa ta' unifikazzjoni, ta' ġustizzja soċjali, ta' ugwaljanza u ta' libertà sabet post prominenti fix-xogħlijiet ta' bosta kittieba li kif stqarr darba Giovanni Berchet: *"La poesia deve tendere al perfezionamente morale dei cittadini; deve cantare sentimenti vivi nell'anima popolare".*[8]

Dun Karm, li kien konxju tal-qasam politiko-lingwistiku li kienet teżisti f'Malta fis-snin għoxrin u tletin, bħala patrijott ma setax jibqa' biered. Ried jagħti sehmu. Ried li l-Poplu Malti jsir konxju ta' l-identità tiegħu, u riedu jkun kburi li hu Malti: Malti f'kollox. Iżda biex dan il-għan seta' jintlaħaq kien hemm bżonn li l-poplu jifhem il-ħtieġa tal-għaqda li setgħet tinbena biss fuq żewġ ħwejjeġ: il-lingwa u r-reliġjon.

Il-poeżiji patrijottiċi tiegħu huma bosta. Fihom il-poeta żera' mħabba lejn l-Ilsien, il-Bandiera u lejn Malta nnifisha li hu dejjem qiesha bħala t-tieni ommu. Forsi l-patrijottiżmu tiegħu jilħaq il-"qawwa" fis-Sunett "Lil Malta" meta jistqarr:

*Iżda daqsek lil ħadd, O Malta tiegħi*
*għax int biss ommi, int tajtni l-isem*
*u għadmek għadmi u demmek jiġri miegħi.*

Imbagħad Dun Karm kiteb dwar l-Istorja u l-ambjent sabiħ Malti bħalma nsibu f'poeżiji bħal: "Wied Qirda", "Il-Musbieħ tal-Mużew", "Nhar San Ġwann", "Lil Malta (11.XI.42)", "Il-Għodwa", "Ġunju", u "Xenqet ir-Raba'". Kiteb u faħħar lill-eroj Maltin bħal

7. Ch. Briffa, *Sagħtar* (Għadd 102).
8. C. Bria, *Gqbbiola* (Frar 1984).

Dun Mikiel Xerri u Mikiel Anton Vassalli kif ukoll lil dawk li b'ħidmiethom għamlu ġieh lil art twelidna bħal E.B. Vella, Ġużè Chetcuti, Ġużè Galea, Carlo Diacono u oħrajn.

Iżda hu fehem li l-imħabba għall-patrija ma tistax tinfired mill-imħabba għad-Din Nisrani tagħna, għax it-tnejn flimkien jagħmlu parti integrali ta' l-identità tal-Poplu Malti. L-Istorja weħidha tagħtih raġun ta' dan. Din l-għaqda ta' mħabba lejn ir-Reliġjon u l-Patrija ma kinitx xi ħaġa li ħoloqha hu, iżda kienet wirt għażiż ta' missirijietu. B'danakollu Dun Karm emmen fiha u xtaqha ttul għal dejjem. Dan l-aktar li jinħass fis-sensiela ta' poeżiji li kiteb – kważi waħda kull sena mill-1915 sal-1945 – dwar il-miġja ta' San Pawl f'Malta.

Fatturi oħra li juri 'l Dun Karm Romantiku huma l-ġibda u l-ammirazzjoni li kellu għal dak kollu li hu sempliċi fil-ħajja. Ara l-poeżiji "In-Nissieġa", "Il-Kennies", u "It-Tifla tar-Raba' " u r-rabta kbira ma' l-ambjent rurali: "Nofs Inhar f'Lulju", "Tliet Għanjiet" u "Xenqet ir-Raba' ", fejn f'din ta' l-aħħar igħid:

*U hemm nixtieq immut: minn hemm tittajjar*
*aktar ħafifa qalbi lejn is-sema;*
*aktar ħieles hemmhekk jinġabar ħsiebi*
*fil-ħniena t'Alla.*

Fl-aħħarnett il-fidi tiegħu fl-immortalità ta' l-arti – il-poeżija fergħa tagħha.

*Il-poeta jintemm u l-għanja tibqa'.*
*("Non Omnis Moriar")*

Il-poeżija Dunkarmjana hi poeżija ta' mħabba f'sens wiesa'. Imħabba bla limiti, imħabba universali, imħabba platonika li ġejja minn Alla li hu l-istess imħabba. Dun Karm wera din l-imħabba f'sens metaforiku meta xebbahha mal-familja. L-"Omm" qiesha bħala l-omm naturali tiegħu, Malta u l-mara fertili li tfisser kontinwazzjoni. Il-"missier" jirrappreżenta l-eroj Maltin; l-"ulied" il-poplu kollu kemm hu.

Kif kiteb darba l-Prof. Ġużè Galea: "Il-kitba ta' Dun Karm hi simbolu tar-ruħ, tal-qalb, ta' l-aspirazzjonijiet, tal-ħidmiet u tal-ġrajjiet tan-nazzjon tagħna'"[9] għalhekk kien floku u jixraqlu tassew it-

9. G. Galea, "Dun Karm f'San Pawl il-Baħar".



*Dun Karm fil-ġnien tad-dar tal-familja f'Ħaż-Żebbuġ, waqt is-snin tal-gwerra, fejn kien mar refuġjat. (ritratt: Familja Balzan)*

titlu li taħ minn Franza Laurent Ropa ta' "Poeta Nazzjonali".

Wieħed irid jifhem li Dun Karm kellu x-xorti li jasal fil-ħin sewwa meta l-Poplu Malti kellu bżonn simbolu li jfisser egħmilu u xewqatu. Wara mijiet ta' snin li l-poplu tagħna kien baqa' lura taħt ħakma barranija, il-poplu beda jħoss xewqa għal-libertà, u meta spiċċat l-Ewwel Gwerra l-Kbira, li kif ftaħru r-rebbieħa kienu ġġilduha biex jiksbu l-ħelsien ta' kulħadd, il-Poplu Malti ħass bħal tqanqila biex jieħu s-sehem li jixraqlu u jistħoqqlu f'pajjiżu.

Għalhekk beda ċ-ċaqliq soċjali, instemgħu aspirazzjonijiet politiċi, tqanqlet ir-rieda biex titjieb il-qagħda tal-Malti. Din ix-xejra ġdida b'riżq art twelidna bdiet tinħass tajjeb wara l-1912 u l-poeta għaraf iħaddanha fil-versi ħarkiena u mħeġġa tiegħu.

**Egħluq**

Dan hu fil-qosor xi jfisser Dun Karm għalija. Il-Malti li ma beżax jeħodha kontra l-qilla ta' dawk li ppruvaw iżebilħu 'l-Ilsien art twelidna; il-patrijott li kien miġnun wara Malta u wara niesha; il-poeta li poġġa sisien sodi għall-poeżija Maltija, li fuqhom aktar tard issuktat tinbena u sa waslet kif nafuha llum; is-saċerdot imżejjen f'fidi ta' l-azzar li fehem tajjeb u saħaq fil-kitba tiegħu, it-teorija ta': Nisrani tajjeb tfisser Malti tajjeb.

Għalhekk lil Dun Karm joqogħdulu tabilħaqq it-titli li tawh – barra dak ta' Poeta Nazzjonali – ta' "Poeta tal-Protesta"[10] għax ma beżax jeħodha kontra l-kurrenti ta' żmienu li kienu egħdewwa tal-Malti, kif ukoll dak ta' "Poeta tal-Fiduċja"[11] għax hu dejjem ħares 'il quddiem b'fiduċja sħiħa f'Alla u fid-dehen tal-Poplu Malti u emmen li bl-għajnuna tas-Sema, il-Maltin jistgħu jibnu lil Malta – għalkemm gżira ċkejkna – f'nazzjon ħieles, sħiħ u komplet, daqs l-aqwa pajjiż tad-dinja; ċertament mhux materjalment iżda spirtiwalment u moralment.

10. G. Aquilina, *Mis-Sillabu* (Vol. 2, Nru. 7).
11. O. Friggieri, "Taħdita fil-Każin S. Ġużepp u Banda De Rohan", Ħaż-Żebbug (20.7.86).

**Pawlu Mifsud**



# Quis ut Deus?

## Innu lil San Mikiel Arkanġlu ta' Dun Karm

DAN L-INNU miktub minn Mons. K. Psaila fl-1940 għandu marbuta miegħu ġrajja ftit u xejn kurjuża.

Nibdew mill-aħħar minflok mill-bidu ta' l-istorja tagħna. Niftakar li kien il-Ħadd meta kont tlajt sa Ħaż-Żebbuġ, raħal twelidi, u fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali ltqajt ma' ħabib tal-qalb li kont ili żmien twil ma nara. Fraħna b'xulxin u bdejna nitkellmu. F'ħin minnhom qalli: "Dejjem ridt intarraflek xi ħaġa fuq biċċa xogħol li għandi merfugħa d-dar. Billi naf li int poeta (!) u tħobb ħafna 'l Dun Karm . . ."

U biex naqta' fil-qasir din il-biċċa xogħol ta' ħabibi Pawlu Galea kienet innu miktub minn Dun Karm li lilu kien tahulu wieħed minn sħabu, soċju tal-M.U.E.S.U.M. ta' Ħaż-Żebbuġ jismu Filippu Cachia, Alla jaħfirlu, li kien devot bis-sħiħ ta' l-Arkanġlu San Mikiel. Dan l-innu jaf it-twelid tiegħu fi żmien l-aħħar gwerra dinjija meta l-qassis poeta kien telaq id-dar ta' Tas-Sliema u sab kenn mill-bombi ta' l-għadu f'Ħaż-Żebbuġ, ir-raħal fejn kien twieled u trabba. F'kelma waħda ħabibi Galea rrakkuntali l-istorja kollha u bqajna li kellu jagħmilli kopja ta' dak l-innu ta' ġieh lil San Mikiel u jibgħathuli. L-iskop tiegħu kien li jien nikteb xi ħaġa dwaru f'xi rivista jew ġurnal

bil-Malti. L-innu ma damx ma wasal u miegħu kien hemm mehmuża wkoll din l-ittra.

*31 Triq Sant'Antnin,*
*Ħaż-Żebbuġ.*
*6 ta' Jannar, 1971.*

*Għażiż ħabib,*

*Infakkrek ftit l-istorja ta' l-innu li tkellimna fuqu l-aħħar li ltqajna.*

*Darba, f'Diċembru 1940 (żmien il-gwerra) sabni Filippu Cachia li bħali kien soċju tal-M.U.S.E.U.M. f'Ħaż-Żbbuġ u qalli li kellu innu lil San Mikiel li kien kitibhulu Mons. C. Psaila, magħruf bħala Dun Karm. Dan Cachia kien devot kbir ta' San Mikiel bħalma huma s-soċji kollha tal-M.U.S.E.U.M.*

*Issa billi hu lil Dun Karm, fiż-żmien li dam evakwat f'Ħaż-Żebbuġ, kien igħinu l-quddiesa kuljum, darba waħda fis-Sagristija wara l-Quddiesa, dan Cachia qallu: "Favur nixtieq mingħandek, Mons. Nixtieqek tiktibli innu lil San Mikiel jekk jogħġbok." U Dun Karm wieġbu: "Mela le; bil-qalb kollha. Jumejn oħra jkun għandek." U hekk kien għax wara jumejn kif Dun Karm daħal fis-Sagristija biex iqaddes, ippreżenta lil Cachia l-innu ta' ġieh lil San Mikiel li kien wiegħdu.*

*Ħabibi Filippu kien għamilli kopja tiegħu għax tassew konna ħbieb. Jien kont tfajt din il-kopja fi ktieb u nsejtha għal kollox. Ftit ilu ġie mill-ġdid f'idejja dan il-ktieb u kif ftaħtu nilmaħ dan l-imbierek innu. Tista' taħseb kif il-karta sfaret imma fraħt wisq li sibtha għax sikwit kont noħlom b'dan l-innu. Mill-ewwel ġejt int f'moħħi u l-Bambin ried li niltaqgħu u nitkellmu. Issa qiegħed nibgħatlek kopja tiegħu biex tara tistax tikteb xi kelmtejn fuqu biex tibqa' tifkira tiegħu xi mkien. Innu sabiħ bħal dan jixraqlu u jistħoqqlu li jkun ippubblikat bħalma ġew ippubblikati bosta xogħlijiet ta' Dun Karm li, iżjed minn kull ħaġa oħra, hu kompajżan tagħna t-tnejn, Żebbuġi bħalek u bħali.*

*Waqt li niżżikħajr għall-interess tiegħek inselli għalik mill-qalb.*

*Ħabibek,*
*Pawlu Galea*

S'hawn l-ittra tas-Sur Galea.

Jien bdejt nistaqsi lil xi ħbieb tiegħi, kittieba tal-Malti u midħla

sewwa tal-Letteratura Maltija, biex insir naf jekk dak l-innu "Quis ut Deus?" kinux rawh xi darba stampat xi mkien. Kien hemm min qalli li qatt ma kien sama' bih. Sa fl-aħħar ġieni f'moħħi s-Sur Ġużè Cardona, kittieb u studjuż magħruf, awtorità kbira fejn jidħol Dun Karm u l-kitba tiegħu, u ċempiltlu d-dar. Għedtlu xi xtaqt insir naf mingħandu. Saħansitra ltqajt miegħu u wrejtu l-innu li meta qrah qalli li jidhirlu li kien rah mitbugħ xi mkien żgur imma l-aħjar ħaġa kienet dik li jagħmilli tiftix u mbagħad jagħtini tweġiba. U wara xi żmien ċempilli u qalli li dak l-innu lil San Mikiel kien deher stampat fil-ħarġa ta' *Il-Malti,* ir-rivista letterarja ta' l-Akkademja tal-Malti, ta' Marzu 1941, taħt it-titlu: "Michael, Quis ut Deus?"

Nistaħħjel li ftit issib Maltin fostna li jafu jew għandhom ħjiel ta' dan l-innu kbir u sabiħ. Poeżija ta' tifħir lill-Arkanġlu San Mikiel li l-Knisja tagħmel il-festa tiegħu kull sena fid-29 ta' Settembru. Ħaġa xierqa għalhekk li nippubblikawh għat-tieni darba f'*Il-Malti,* wara medda ta' 45 sena, biex nitgħaxxqu bil-ġmiel u bil-benna li tana Dun Karm fil-poeżija tiegħu matul bosta snin ta' ħidma letterarja. U għaliex ukoll, f'Ottubru ta' din is-sena, qegħdin infakkru il-15 sena mill-mewt tiegħu li ġrat fl-1961.

Dan hu l-innu:

## *INNU LIL SAN MIKIEL ARKANĠLU*

### QUIS UT DEUS?

Min bħala Alla!? nstama' jidwi
Fl-iżjed għoli tas-Smewwiet;
Kien bħal leħen ta' tempesta.
Leħen dawk it-tliet kelmiet.

Min bħal Alla!? u qtajja' qtajja'
Rwieħ mixgħula b'dawl is-sliem,
Daru sfiq u għalenija
Ma' min lissen dak il-kliem.

(RIT). Bla ma tqanqal mis-skiet Tiegħu
Ħarsa xeħet il-Mulej,
U ra kollox f'leħħa waħda,
Dak li għadda u dak li ġej.

Leħen ieħor stama' jidwi
Bħal ta' ragħda fil-widien:
"Sal-Kbir Alla jien nixxabbat,
Inkun bħalu: Alla u Jien."

U madwar Luċifru mkabbar
B'nar il-qilla mixgħulin,
Qtajja' rwieħ inġabru u għajtu:
"Aħna miegħek imxirkin."

(RIT.) Bla ma tqanqal eċċ. eċċ.

Bdiet taqbida; qishom vleġeġ
Bdew jissallbu l-ħsibijiet,
U bħal xrar ħarriebi jleħħu
Ta' kull rieda t-tqanqiliet.

Ta' Luċifru l-ġenb fuqani
Beda jerħi, xxejjer, miel . . .
Wiċċu xemx, ħafif bħal berqa,
D'her fuq l-Għadu San Mikiel.

(RIT.) Bla ma tqanqal eċċ. eċċ.

19–20/XII/40 DUN KARM

**Patri Alfred M. Previ**



# Meta Dun Karm ta l-Pinna Tiegħu b'Rigal

Sa minn meta kont għadni tifel ċkejken, kont diġà nħobb bi mħabba kbira t-tagħlim tal-Malti. Niftakar sewwa meta kont l-iskola Primarja kont inqabbel il-versi, niġbor madwari 'l sħabi tal-klassi u noqgħod naqrahomlhom bilqiegħda fl-art. Kien żmien il-gwerra, konna neqsin minn kollox, bilkemm kien ikollna x'nieklu. Min jaf kemm-il darba kienet iddoqq is-sirena, u mill-klassi dritt għal ġox-xelter il-klassi kollha taħt il-ħarsien tal-għalliema. U anke fix-xelter kont naqra lil sħabi t-taqbil tiegħi! U dan qiegħed ingħidu biex nuri kemm ili nħobb il-poeżija bil-Malti.

Dik il-ħabta, il-ħabrieki Bro Amedy Charles kien waqqaf ix-"Xirka tal-Malti għat-tfal" u jien, ta' tmien snin dħalt membru fiha ma' tfal oħrajn. Il-fergħa tax-Xirka fin-Naxxar, fejn konna evakwati fi żmien il-gwerra, kien jieħu ħsiebha Dun Anton Sciberras.

Dak iż-żmien li qiegħed insemmi, ix-xandir f'Malta kien għadu ma daħalx fid-djar tal-Maltin, u għalhekk kienet drawwa ta' kuljum li ħafna kienu jinġabru fil-pjazza tar-raħal biex jisimgħu l-aħbarijiet u xi programmi oħrajn tar-Rediffusion minn loudspeaker kbir imwaħħal



*Il-pinna ta' Dun Karm u l-ktejjeb bil-poeżija tiegħu "Int Alla Ħanin" Stampat għand is-Salesjani.*

mal-ħajt. U fl-aħħar il-jum wasal, li fih ix-Xirka tan-Naxxar għamlet l-ewwel programm mużiko-letterarju tagħha minn sensiela ċkejkna. Niftakar jien kont qrajt il-poeżija ta' Ġorġ Pisani "Lil Palma Xiħa" u daqqejt fuq il-pjanu "Amor ti vieta" mill-opra Fedora ta' Giordano, fost il-ferħ ta' ommi u missieri. Fil-programm ta' wara qrajt il-poeżija ta' Dun Karm "Int Alla Ħanin". Dan kien fl-1944.

Sena wara, Dun Anton ġabarna u qalilna li konna se mmorru għand Dun Karm fid-dar tiegħu Tas-Sliema, u preċiżament nhar Lapsi 1945 jumejn biss wara li spiċċat il-gwerra, morna għand Dun Karm – Dun Anton, jien u xi tlieta oħra. Bqajt impressjonat bid-dehra tiegħu twila twila (u forsi għax kont għadni ċkejken rajtu itwal milli kien), dritt, serju, devot b'idejh f'xulxin. Feraħ bina ħafna u jien għidtlu "Inħobbha ħafna l-poeżija", u bit-tbissima weġibni "Bravu, bravu . . . ħobb il-Malti", imma stħajt ingħidlu li nħobb inqabbel! Niftakar ftit 'il ġewwa tal-kamra fejn laqagħna, max-xellug kien hemm kwadru kbir

tpinġija taż-żejt bil-figura ta' Dun Karm. Ma domniex ħafna, imma qabel ma tlaqna ried jagħtina rigali ċkejken kull wieħed. Fetaħ kexxun u minnu ħareġ pakkett żgħir tas-santi. Fuq din is-santa kien hemm poeżija tiegħu f'egħluq il-50 sena tas-Saċerdozju, li kien fakkar sena qabel. Wara li tana s-santa, tana wkoll ktejjeb kull wieħed, ċkejken ċkejken, erba' ċm bi tlieta, blù bi tmien folji biss li fuqhom hemm stampata l-poeżija tiegħu "Int Alla Ħanin" u f'dak il-ħin ftakart fil-programm tar-Rediffusion. Fuq il-qoxra hemm stampat il-kliem:

**"Int Alla Ħanin"**
**warda Maltija**
**maqtugħa mill-ġnien**
**ta'**
**Mons Karm Psaila**

Fl-ewwel faċċata hemm daħla tal-Poeta li fiha jgħid hekk:

**Għażilt dawn il-versi qosra ta' tliet sillabi,**
**bir-rima mqabbża, li fil-Malti għadhom ma dehrux,**
**biex nuri li l-ilsien tagħna jista' jidħol f'kull**
**tifsila ta' poeżija, u li r-rimi ma jonqsux,**
**anqas meta trid waħda kull ħames sillabi, kemm-il**
**darba jkun hemm ftit tal-qalb u tar-rieda tajba.**

Imbagħad Dun Karm qabad f'idu kaxxa dejqa tawwalija, minn fuq l-iskrivanija, u fetaħha quddiemna. Kien fiha pinna antika lewn kannella skur bit-tarf ta' fuq isfar, dik li dari konna nsejħulha "tokka". Il-pinna li tintbell fil-linka għandha fuqha l-kliem:

**Geo W. Hughes**
**Electrogold**
**Birmingham**

Fuq l-għatu tal-kaxxa hemm tikketta stampata bl-abjad fuq il-blù bil-kliem Francis Meli, l-indirizz li jibda bin-numru 5 imma l-bqija tqatta', Valletta, Malta. U qabel ma tlaqna, Dun Karm dar fuq Dun Anton u qallu li din il-pinna, ried jagħtiha lilna b'tifkira tiegħu. Qiegħed inġib ritratt tal-pinna bil-ktejjeb ħdejha biex il-qarrej jifhem aktar id-daqs tal-ktejjeb.

# Defunctus Adhuc Loquitur

Hekk kif bħal lejħa ġriet l-aħbar li tmiemek
fis-sliem ilħaqt, biex tibda tgħix għal dejjem,
kull min ġo fih iħoss demm Malti jbaqbaq
ħass qalbu tieqaf mit-taħbit ġo sidru,
ħass qrib in-nifs tal-mewt għaddejja jkessħu
u jinġazzah bil-waħx ta' firda kiefra.

Għax int kont l-akbar ġieh tal-Kleru Malti,
għaliex ħadd ħliefek, Kbir Għannej ta' Lsienna
ma kien iżommna magħqudin fl-għan tagħna,
u l-ebda bronż u rħam ma jfakkrek daqsu
il-baħħ li wrajk ħallejt għal dejjem magħna.

Fis-snin mgħoddija, meta wlied il-ħjiena
bir-ragħwa f'ħalqhom tal-mibegħda, ħalfu
li Lsienhom qatt ma jgħanni l-għanja ħelwa
tar-rebħa fuq egħmilhom kiefer, faħxi,
raw lilek tiela' 'l fuq mal-għolja wieqfa
tal-ġieh, bħal ġgant setgħani xxejjer f'idek
il-għelm ta' l-Emmna ma' l-ilwien ta' Artna.
Għalkemm għajruk, maqdruk, u bik iddieħku
x'ħin bdejt fi Lsienna tikteb ħeġġet qalbek,
urejthom ħiltek, kliemek tonġor, tonqox,
biex fuq xulxin il-versi tibni, msejsa
fuq sies taż-żonqor f'qawwet ħsibijietek.
U Lsienna rebaħ, għax fil-għanja tiegħek
il-benna daqu ta' ħlewwiet għaslija.

Għannejt lill-ħlejjaq, lill-Mulej, lil Sidtna
bi kliem ta' l-anġli jħoll il-qlub tal-ġebel,
iżd' ismek jibqa' mnaqqax hemm f'qalb ġensek

Din il-poeżija kienet inkitbet sewwasew mal-aħbar tal-mewt ta' Dun Karm. Ftit sigħat qabel ma kiteb din il-poeżija, il-poeta kiteb ukoll sunett bl-isem "Lil Dun Karm fl-Aħbar ta' Mewtu" li kienet l-ewwel poeżija li dehret stampata fil-ġurnal *Il-Berqa* fl-okkażjoni tal-funeral tal-poeta nazzjonali.

x'ħin "Frott l-Imħabba ħiżjed bnin" jitolbu
sabiex "iħares bħalma dejjem ħares
lil din l-Art ħelwa, l-Omm, li tatna isimha."

Int ħajtek għextha, b'hekk inxift fi żmienek,
f'għanjietek iżda, bqajt għal dejjem tħaddar –
ma tinxef qatt. Taż-żmien ix-xmux u r-rwiefen
ma jħassru qatt l-egħliem ta' ħajtek kbira,
imqar jekk 'il quddiem, żmien wara mewtek,
għad jinbet min, biex jonfoħ l-Ego tiegħu,
u jxerred ma' l-irjieħ tagħlimu mbewwaq,
it-tajn jixħitlek, u jagħtik bil-ħarta.
Iżd' aħna, x'ħin intiegħmu ġmiel għanjietek,
inħossu demmek jiġri magħna u surtek
fil-versi titbissmilna, bl-akbar ħeġġa
tqawwilna qalbna nissuktaw ħidmietek.

**Patri ALFRED M. PREVI**
13 ta' Ottubru, 1961

**K. Vassallo**



# Monsinjur Dun Karm Psaila

B *ibliotheca:* moħħu, qalbu u ruħu
maħżen ta' kotba – għerf iż-żmien u l-ġrajja!
Ġnien ħaj ta' ward, ta' fjuri sbieħ u jfuħu
mill-anġli msoqqijin bl-ilma tal-ħajja!

Beda mill-qiegħ u ssokta tiela' tlugħu
sa laħaq il-quċċata bla ma tlajja.
Firex ta' ħajtu fuq il-baħar qlugħu,
u laħaq xatt l-*Imħabba Mingħajr Tbajja'*.

Żaruh fid-dlam u s-skiet ta' daru fqira
l-allât tal-Għana u kus l-imrar lejn fommu
ħelu ressqulu. Ma ċaħdux. U thenna.

U l-għada għanna l-għanja tiegħu kbira
bl-isbaħ u bl-oħla lsien li tatu ommu –
għanja li taf egħġubijiet il-Ġenna.

12 ta' Marzu, 1944

**Tagħrifa ta' l-Editur** – Ta' min ikun jaf li, barra minn dan is-sunett miktub aktar minn 40 sena ilu, K. Vassallo ppubblika għadd ta' artikli fuq Dun Karm jew li fihom D.K. għandu sehem ewlieni. Din id-darba ma kitibx għax marid.

J.J. Camilleri



# Meta Dun Karm Tilifha għal Vot

Meta Dun Karm Psaila kien inħatar Assistent Librar, il-Kanonku Francesco Zarb kien ħa għalih bl-ikrah għax kien deherlu li dak il-post kien jixraq lilu u li, għalhekk, kellu jieħdu hu. Kiteb ittra twila ta' protesta lill-Kap tal-Ministeru Joseph Howard u lill-Ministru ta' l-Istruzzjoni Pubblika u, f'saħna, akkuża lill-Kumitat tal-Librerija li kien ħa deċiżjoni żbaljata. Ried li l-ħatra ta' Dun Karm tiġi rtirata biex jidħol hu minn floku. Baqa' jħaqqaqha bl-ikrah għax tajjeb jew ħażin ried xi għamla ta' sodisfazzjon. Il-kanonku heddidhom ukoll li jieħu passi legali u jidħol il-qorti jekk ma jingħatax dik il-ħatra. Bħala kompromess ippropona li jsir Librar tal-Librerija Parlamentari, li ftit taż-żmien qabel Sir Ugo P. Mifsud kien ippropona li titwaqqaf. Il-Kanonku Zarb, fost akkużi oħra, qal li hu kien ġie ppreferut għall-kandidat bla lawrja, defiċjenti fl-Ingliż u injorant fil-Franċiż. Biex isostni l-argumenti tiegħu, semma l-kwalifiki kollha tiegħu, fost dawn, il-mertu li kiteb poeżija.

It-ton ta' dik l-ittra xejn ma kien sabiħ u l-Ministri ħadu għalihom, sa riedu jieħdu passi legali kontrieh, iżda billi kien hemm il-ħsieb li l-post ta' Assistent Librar jiġi abolit, ma sar xejn. Dik il-ħabta wkoll, il-librar il-Professur E. Magro rtira. Dun Karm, bħala l-assistent tiegħu

applika għall-post u l-Professur Magro għamillu l-isbaħ rakkomandazzjoni. Dan kien fit-23 ta' Diċembru, 1922, iżda ma' Dun Karm kien applika wkoll Hannibal Scicluna. Scicluna kellu wisq aktar rakkomandazzjonijiet minn Dun Karm, fosthom dik tal-Ministru tal-Ġustizzja F. Buhagiar, u tal-Prim Imħallef C. Refalo. Barra dawn li saru lill-Ministru ta' l-Istruzzjoni Pubblika, kien hemm oħrajn, fosthom ta' l-Avukat tal-Kuruna Mercieca lil-Logotenenmt Gvernatur u lis-Segretarju Ewlieni tal-Gvern.

L-Għażla saret fil-25 ta' Ġunju, 1922, mill-Kumitat tal-Librerija b'vot sigriet. Dun Karm ġab erba' voti u Hannibal Scicluna ħamsa. Tilifha għal vot!

Ġużè Cardona



# Diwi ta' l-Innu Malti . . .

L-Innu Malti sar bil-maqlub ta' kif isiru ħafna innijiet oħra, ikunu għal liema okkażjoni jkunu, għax normalment l-ewwel isiru l-versi u wara ssir il-mużika. Fl-Innu Malti sar bil-maqlub.

Dr. Robert Sammut M.D. (1870–1934) – mill-Furjana u miet Tas-Sliema – kien professur tal-patoloġija u dilettant tal-mużika. Skond R. Mifsud Bonnici, kien sar konkors għall-għażla ta' Innu għall-1921, (għall-okkażjoni ta' l-għoti tal-Kostituzzjoni) fost l-aqwa kompożituri Maltin imma baqa' bla riżultat. Iżda Mifsud Bonnici ma jgħidilniex dan l-insuċċess kienx imħabba l-versi jew imħabba l-mużika. Biss, xi żmien wara, il-Prof. R. Sammut kiteb biċċa mużika għall-orkestra li kellu. Għoġbitu ħafna u taha lil Dr. A.V. Laferla biex jara jinqediex biha bħala innu għall-iskejjel. Laferla ried igħaddi din il-biċċa mużika lil xi poeta magħruf. F'moħħu mill-ewwel ġieh Dun Karm li, mid-dehra, kien daħal għall-konkors li kien sar għal Jum l-Għoti tas-*Self Government* (jew Gvern Responsabbli).

In-nota li Dun Karm għamel taħt l-innu "1921 – Lil Ħuti Maltin nhar l-Għoti tal-Kostituzzjoni", *kellu jiġi mqiegħed fil-mużika, ma saritx u l-innu ma deherx* – tħassibna li Dun Karm ukoll kien ikkonkorra għall-konkors li jsemmi Robert Mifsud Bonnici u bir-raġun li l-

poeta kiteb "*u l-innu ma deherx*".

Tajjeb wieħed jistudja sewwa dan l-innu u naraw il-merti u d-difetti tiegħu: Wieħed mid-difetti ta' l-INNU ta' l-1921 kien it-tul: sitt strofi u wara kull tnejn ritornell. Dan it-tul iġib l-isfukar u l-irrilevanzi; barra minn hekk ir-riferenzi spissi għall-qlubija tal-Malti kontra l-Mislem, kien paragun li ftit kien igħodd għall-1921. Biss nindunaw li xi vers bħal "*Qum mill-ħedla li 'l qalbek mewtitlek*" fih l-istedina biex il-bniedem jibda jaħseb b'rasu, issa li Malta se jkollha indipendenza parzjali u fil-vers l-ieħor "*Aqbad triqtek lejn xefaq sabiħ*", Dun Karm iħajjar lill-poplu jiddependi mill-ħila tiegħu u mhux wisq mill-barranin!

Il-firda tal-partiti dejjem kienet l-akbar ħsara tal-poplu Malti, punt li jħobb isemmih il-Prof. Ġużè Galea fir-rumanzi tiegħu. Il-kelma *patt* jista' jkollha tifsira doppja:*patt* bejn il-partiti biex isir partit wieħed qawwi kif fil-każ, sar, jew ftehim mal-Gvern Ingliż li ma jorbotniex b'ħafna materji riservati. Dwar il-piki jkompli jirribatti fil-versi "*Kisser l-għodda ta' l-għira ġellieda*" u biex jikkuntrasta din il-marda li teqred ġens, jissuġġerixxi li m'hemmx aħjar milli nkunu "*Għalenija, m'hemmx ifrem mir-rieda*" u għalhekk jerġa' jikkuntrastaha ma' "*Iżda mqassma tintilef fil-kliem*". Jidher hawnhekk li għall-konvenjenza ritmika l-poeta daħħal *mqassma* flok *maqsuma* li hi aħjar.

Jagħmel enfasi aktar 'l isfel Dun Karm dwar l-identità tal-bandiera "*Ward u Ġilju l-Bandiera s-sabiħa*" jew aħjar issa li se jkollna Gvern Responsabbli nżommu ruħna bgħid mill-partiġjaniżmu Ingliż jew Taljan, għax karatteristika ta' Dun Karm kienet, dejjem l-imparzjalità u l-moderazzjoni ma' l-ekwilibriju politiku tiegħu.

L-idea li l-poplu Malti jifforma triq għalih joħroġha ċara fl-aħħar strofa ta' qabel ir-ritornell: "*Irfes, kisser kull wegħda qarrieqa; / Dak il-ward, dak il-Ġilju tibdlux.*" Jagħfas dwar il-qawwa u l-ġmiel spiritwali ta' Malta meta jsejħilha "*Inti ġawhra fuq l-isbaħ ħannieqa*"; u fl-aħħar nett jikkonkludi li Malta għandha dmir sagrosant li żżomm il-jedd tagħha, donnu mbeżża' li xi pajjiż barrani, aktarx l-Ingilterra jew l-Italja jistgħu jinfluwenzaw l-identità jew il-mixja Kostituzzjonali tagħha lejn ħelsienha.

Meta jien ċempilt lil ħabibi s-sur Ġużè Cassar Pullicino u dan ir-riferieli li xi ħames snin ilu kien sema' mingħand bint kittieb ta' versi, li kien sar (jew sa jsir) konkors għall-versi ta' l-Innu ta' l-1921, iżda meta l-konkorrenti semgħu li kien dieħel għalih Dun Karm, qatgħu qalbhom u daħlu ftit jew xejn.

**Charles Briffa**



# "Il-Ġerrejja u Jien" ta' Dun Karm: Nota Stilistika

L-analisi stilistika ta' kompożizzjoni letterarja trid tispjega kif il-forom tal-lingwa jitħaddmu, jintfehmu, jistgħu jiġu nterpretati u marbutin ma' stati, proċessi u għanijiet tal-kitba. Din hi ħidma ġenerali li tista' titfisser fil-qosor permezz tal-mistoqsija: x'ifisser dan l-element lingwistiku f'dan it-test? U din il-mistoqsija ma nistgħux inwiġbuha mill-ewwel għax trid tinqasam f'sett ta' mistoqsijiet aktar bażiċi. Studju bħal dan joħroġ l-impressjonijiet ġenerali. Il-fatt li nagħarfu, pereżempju, li f'Dun Karm hemm sens qawwi ta' tradizzjoni lingwistiko-kulturali jenfasiżża l-fatt li huma l-konsiderazzjonijiet strutturali li jsawru l-bażi ta' dik l-impressjoni.

L-istħarriġ stilistiku juri kif stil ta' kittieb jista' jkun konness mal-preferenza ta' xi binjiet grammatikali jew elementi lingwistiċi oħra. Jekk nieħdu l-poeżiji ta' Dun Karm insibuhom mimlijin b'riferenzi kuntestwali – li minnhom joħroġ dak is-sens lingwistiko-kulturali li semmejna – jiġifieri jużaw biċċiet minn lingwa li toqgħod biss

f'sitwazzjonijiet speiċifiċi. Dan hu l-kuntest sitwazzjonali tal-lingwa għaliex il-lingwa tiegħu l-ħajja biss meta tiffunzjona f'ambjent. Qatt m'hi iżolata, dejjem hemm sfond ta' persuni, azzjonijiet u ġrajjiet li minnhom toħroġ it-tifsira sħiħa tal-lingwa.

Poeżija li nistgħu neżaminaw minn dan l-aspett hija "Il-Ġerrejja u Jien", mgħobbija bil-lingwaġġ ta' l-ibburdjar u b'termini komplimentarji li jsawru l-isfond tal-baħar u r-riħ. Mill-aspett stilistiku l-aktar fattur interessanti ta' din il-poeżija huwa l-lingwaġġ marittmu li l-poeta juża fil-metafora tiegħu tal-ħajja bħala dgħajsa. Naraw l-elementi kif jitqassmu fil-poeżija:

i. SFOND TAL-BAĦAR u R-RIĦ – "tvenvin tal-fewġa"; "ħammret fuq il-baħar . . . taż-żerniq id-dija"; "mewġa"; "bejn ikħal u ikħal"; "ħalel . . . irwiefen"; "t-taqliba/tal-baħar abjad siktet".

ii. LINGWAĠĠ TA' L-IBBURDJAR – "tifrex il-qlugħ għal-majjistral"; "ir-ražan tat-tmun"; "għal xejret ir-riħ"; "tmil fuq ġenbek, u ċċafċaf"; "fil-qala/bla qlugħ titbandal fuq il-mewġ lubien"; "frixt il-qlugħ"; "Qbadt it-tmun"; "fuq il-mewġ"; "qtajt 'il barra"; "timla l-qlugħ".

Permezz tal-kuntest sitwazzjonali Dun Karm jagħraf il-bniedem soċjali, u f'din il-poeżija partikulari nsibu l-bniedem soċjali fit-taqbida mal-ħajja. Il-lingwa sitwazzjonali li juża hawnhekk turi kif l-individwu u l-ambjent uman jirreaġixxu għal xuxlin, għaliex ma jistax ikun hemm il-bniedem soċjali mingħajr il-lingwa, u anqas il-lingwa mingħajr il-bniedem soċjali. Din il-lingwa sitwazzjonali hija mbagħad imdaħħla f'paralleliżmu figurattiv ħalli titnissel il-metafora.[1]

It-tieni fattur interessanti għall-istilistika huwa l-grad ta' devjazzjoni li fiha l-poeżija. L-għarfien tal-forom devjanti jifforma element essenzjali fir-reazzjoni tagħna għall-poeżija. Però, għalkemm nagħarfu l-forom bħala devjanti, kultant jista' jagħti l-każ li ma jinħassux devjanti fil-kuntest tal-poeżija. Fit-tielet strofa nsibu "u ssieħeb leħnek mat-tvenvin tal-fewġa", fejn parti mil-binja tal-qiegħ tista' tkun ekwivalenti għal dik tas-sentenza *id-dgħajsa għandha leħen*. Fis-sitt strofa Dun Karm jikteb "jisirqek il-lejl" li fil-binja tal-qiegħ tiġi ekwivalenti f'dan il-kuntest għal *il-lejl jisraq id-dgħajsa*. Dawn huma semi-sentenzi għaliex jiksru r-regola selezzjonali li tispeċifika li l-verbi

1. Din il-metafora hija mfissra f'*Mekkaniżmi Metaforiċi f'Dun Karm* ta' O. Friggieri (Università ta' Malta, 1978) pp. 29 – 31.

"għandha" (fil-kuntest ta' "għandha leħen") u "jisraq" jitolbu suġġett animat – il-ksur hawnhekk, u f'partijiet oħra tal-poeżija, huwa li dawn il-verbi qegħdin jieħdu suġġett inanimat. Fi kliem ieħor, il-poeżija għandha sentenzi li fihom nomi inanimati fejn normalment tistenna li ssib nomi animati. Dawn l-irregolaritajiet huma regolari fil-kuntest sħiħ tal-poeżija. Huma fatti lingwistiċi li jikxfu l-inkwiet tal-ħajja li l-bniedem soċjali jrid iġarrab fil-"għlieda mal-ħalel u mar-rwiefen", u juru l-qerda ta' ordni naturali jew il-paċi ta' moħħu – dehra mqanqla mid-dgħajsa f'baħar kalm. Dan it-tfixkil joħroġ mid-dehra tad-dgħajsa f'baħar imqalleb.

Biex nippreżentaw dawn il-fatti jeħtieġ li nsemmu l-istrutturi fil-poeżija li huma devjanti, u f'kull każ nuru liema regoli nkisru. Mod ieħor huwa li nsawru grammatika apposta għall-poeżija li biha infiehmu regoli li jistgħu jiġġeneraw dawn l-istrutturi. Pereżempju, infiehmu li nomi inanimati jistgħu jieħdu karatterstiċi ta' nomi animati – din ir-regola hija kontribut sinjifikanti fit-tiswir tal-metafora. Dan it-tieni mod jissuġġerixxi ipotesi interessanti dwar dak li x'uħud mill-poeti jippruvaw jagħmlu – u forsi wkoll permezz ta' dan il-mod nagħarfu kemxejn xi differenzi bejn poeżija u proża. L-idea li poeta bħal Dun Karm iġegħelna nibnu grammatika għall-poeżija turi li l-poeta ħalaq (u hawn tidher il-kreattività lingwistika tiegħu) djalett ġdid u x-xogħol tal-qarrej huwa li jitgħallem dak id-djalett il-ġdid.

Permezz ta' din il-grammtika l-ġdida l-forom devjanti ma jibqgħux bla sens. Jistgħu jintfehmu aħjar. U meta niffurmaw ir-regoli li jiġġeneraw dawn l-istrutturi nkunu qegħdin noffru interpretazzjoni għalihom. Din il-grammatika l-ġdida trid tissodisfa l-kondizzjonijiet ta' kontro-grammatika. Għalkemm tiġbor fiha regoli li m'humiex tal-Malti standardizzat, dawn ir-regoli jridu jkunu konnessi mar-regoli stabbiliti. Meta Dun Karm jagħmel kostruzzjonijiet bħal:

iii. FOROM DEVJANTI – " u ż-żiffa ta' filgħodu/qajmet is-siġar"; id-dgħajsa "tifrex il-qlugħ" u "xejn ma taħseb"; "u t-tmun iwieġeb"; "iż-żiffa raqdet".

insibuhom devjanti jew irregolari. Ir-regola l-ġdida li testendi l-karatteristiċi tan-nomi inanimati tapplika hawnhekk ukoll u wieħed jista' jgħid li "żiffa", "dgħajsa" u "tmun" jikkostitwixxu sotto-kategorija speċjali ta' nomi fid-djalett tal-poeżija. F'moħħna, però, jkun hemm li dik ir-regola li turi d-distribuzzjoni tagħhom hija relatata ma' dik ir-regola li turi d-distribuzzjoni ta' nomi bħal "raġel" u "mara" fil-Malti Standardizzat. Huwa l-paralleliżmu li jurina kif

nifhmu dawn is-sentenzi, u għalhekk meta nagħżlu l-grammatika nkunu qegħdin noqorbu lejn l-interpretazzjoni tal-poeżija.[2]

Fid-diskussjoni ta' din il-grammatika l-aktar li jinteressawna huma l-binjiet tal-qiegħ. Dan huwa importanti għal dak li qiegħed jipprova jagħmel il-poeta, għaliex l-istruttura tal-qiegħ tiddetermina t-tifsira tas-sentenza tal-wiċċ. Bil-ħolqien ta' grammatika ġdida Dun Karm qiegħed igħid mhux biss dak li jista' jingħad fil-Malti Standardizzat, imma wkoll dak li ma jistax jingħad fil-Malti Standardizzat – għalkemm jista' jintfehem sew minn kull min jifhem il-Malti Standardizzat.

It-tielet fattur interessanti fil-poeżija huwa l-element irrazzjonali li jidher fihom xi frażijiet u sentenzi bħal:

iv. ELEMENT IRRAZZJONALI – "fuq il-mewġ ta' żmieni"; "qbadt it-tmun tar-rieda"; "ħaddru t-tamiet fil-ġonna ta' żgħużiti"; "ix-xemx tal-Ħajja ħammret fuq tfuliti"; "jisirqek il-lejl minn ħbub għajnejja"; "u jkun sultan is-skiet'.

Dawn huma effetti lingwistiċi li jinvolvu xi ħaġa stramba fit-tifsira tal-għarfien ta' xi element. Din ix-xorta ta' kitba li litteralment tidher bla sens tagħtina ħafna mil-lingwa figurattiva tagħna. Il-verità metaforika tiddependi mill-qabża li l-immaġinazzjoni trid tagħmel biex tagħti sens lil dak li jidher assurd.[3] F'dawn l-eżempji tidher ħafna l-perifrasi li Dun Karm iħaddem mhux biss għall-konvenjenza metrika u l-varjetà eleganti biex jaħrab mill-monotonija, imma għaliex irid jelabora fuq kunċett li tematikament huwa importanti. "It-tmun tar-rieda", pereżempju, tixħet l-enfasi fuq l-awtokontroll tal-bniedem soċjali u b'hekk titfa' aktar fil-fond it-tifsira emottiva u simbolika tal-kunċett. Ix-xejriet tal-perifrasi kif imħaddma hawn jagħtu dinjità lill-espressjoni tal-ħsieb, u billi n-natura tal-perifrasi poetika hija deskrizzjoni figurattiva tagħti apprezzament immaġinattiv ogħla ta' l-oġġett deskritt. Ma nistgħux nonqsu li naraw kemm titlef il-poeżija kieku kellna nibdlu "fuq il-mewġ ta' żmieni" bil-kliem "fl-inkwiet ta' ħajti."

Din il-frażi tiġbor it-tliet elementi fiha:

a. lingwaġġ sitwazzjonali – "fuq il-mewġ" li hu element ta' l-ibburdjar;
b. grammatika devjanti – "il-mewġ ta' żmieni" minflok "tal-

2. "Generative Grammar and Stylistic Analysis" ta' J. P. Thorne fi *New Horizons in Linguistics* ed. J. Lyons (Penguin, 1970) p. 195.
3. *Literature and the Irrational* ta' W. Shumaker (Englewood Cliffs, N.J., 1960).

baħar", element astratt minflok konkret;

ċ. element irrazzjonali – iż-żmien m'huwiex baħar.

Il-poeta jrid joħloq stat fejn ir-relazzjoni bejn realtà u immaġinazzjoni tinqaleb: jiġifieri, il-mistħajjel isir aktar reali mir-reali. Din hija l-attwalità misterjuża ta' l-esperjenza metaforika ta' Dun Karm. It-twaħħid ta' dawn l-elementi jixhed kemm il-kitba poetika hija funzjoni kumplessa ta' diversi kompetenzi: kompetenza loġika, kompetenza organizzattiva/artistika u kompetenza lingwistika. Ir-riżultat juri sekwenza loġika u tifsil ta' ħsieb b'tali mod li jħalli l-qawwa meħtieġa fuq il-qarrej. It-kitba tikkomunika effettivament il-ħsieb ġo forma adegwata, u tuża strateġiji lingwistiċi u organizzattivi neċessarji biex tilħaq l-għan predeterminat.[4] Dan il-proċess huwa l-ideal li Dun Karm laħaq.

4. "The Structure of a Technical Text and its Pedagogical Implications" ta' S. J. Singh u T. Chacko f'*Forum: A Journal for the Teacher of English outside the United States* (Vol. XXIV No. 3, July 1986) p. 25.



*(ritratt: The Royal Studio — J. Ciancio, Valletta)*

*Dehra maestuża tal-Poeta Nazzjonali, Dun Karm,*

**Oliver Friggieri**



# 'Pro Memoria – Ħsibijiet Żgħar' – Manuskritt ta' Dun Karm

Meta nxtħett għax-xogħol tal-ġbir tal-poeżiji bil-Malti ta' Dun Karm, xogħol twil u iebes ta' snin sħaħ, kont naf li minnatura tiegħu nnifsu dan il-qasam ta' ħidma kritika hu meqjus bħala inkomplet, jew aħjar bħala qasam li jibqa' dejjem, bħala possibbiltà, miftuħ għat-tkomplija. It-tradizzjoni għanja ta' l-edizzjonijiet kritiċi f'bosta pajjiżi oħrajn hi interessanti wkoll, fost l-oħrajn, sewwasew imħabba fl-iżviluppi, iż-żidiet u l-adattament li jsiru aktar tard. Il-bibljografija tikber u tistagħna dejjem kull meta n-nies kompetenti f'din l-għalqa ta' studju jlaqqgħu flimkien is-sejbiet tagħhom ta' kull xorta.

Fid-daħla tiegħi għall-volum *Dun Karm – Il-Poeżiji Miġbura* (Karmen Mikallef Buħaġar – Klabb Kotba Maltin, 1980) stqarrejt li minkejja din il-ħidma kollha, ma stajtx inħalli barra l-possibbiltà li nsib jew jinstabu versi oħrajn tal-poeta mxerrdin 'l hawn u 'l hinn. Ftit wara, meta ħriġt il-bijografija *Dun Karm – Il-Bniedem fil-Poeta* (Klabb Kotba Maltin, 1980), xandart għoxrin poeżija oħra li ma kontx inkludejt fil-volum. Dawn l-għoxrin poeżija huma l-kontribut ġdid li

joħroġ minn manuskritt interessanti tal-poeta, *Pro Memoria – Ħsibijiet Żgħar*, miżmum għand Dun Ġużepp Mangion, Sależjan, li kien ingħatalu mill-awtur innifsu. Fir-riflessjonijiet li ġejjin, se nagħti deskrizzjoni tal-manuskritt kollu, u nindika xejriet u konklużjonijiet li joħorġu minn stħarriġ sħiħ tiegħu.

## Il-Werrej Sħiħ

Fit-73 paġna tal-manuskritt hemm miġburin, bil-kalligrafija tal-poeta, versi bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan, kif ukoll xi kitba oħra (*varia* fil-lista li ġejja). Dan li ġej hu l-werrej sħiħ:

| | | |
|---|---|---|
| Paġna | 1 | *Lill-Knisja Kattolika* |
| | | *Minn Shakespeare* (15/9/28) |
| | 2 | *Kelma Kienet* |
| | 3 | *Fil-Bogħod minn Goethe*; Varia |
| | 4–5 | Varia |
| | 6–7 | *Malta* |
| | 8 | *Ċiviltà Ġdida* (6/3/32) |
| | 9–11 | *Mewt* (1930) |
| | 12–13 | *Immortalis* (5/3/32) |
| | 14 | *Evolution!* (13/3/32) |
| | 15 | *Nar tat-Tiben?* |
| | | *Ars Amandi u . . .* (20/3/32) |
| | 16–17 | *Rmied* (1932) |
| | 18–19 | *Mela Inti Alla* (1/4/32) |
| | 20–21 | *Dehra ta' April* (30/4/32) |
| | 22 | *Bla Temma* |
| | 23 | *Ruħ l-Imħabba* |
| | 24 | *Il-Mara* |
| | 25 | *Lil Malta* |
| | 26–27 | *L-Għolja tal-Qdusija* (15/6/32) |
| | 28–29 | *God* |
| | 30 | *Lil Antonio Buttigieg* (21/7/32) |
| | 32–33 | *Wied Qirda* |
| | 34–35 | *Lil Marija* (28/8/32) |
| | 36 | *Dehra!* (17/11/32) |
| | 37 | *Lil Malta* (3/12/32) |
| | 38 | *Gusti!* (4/12/32) |
| | 39 | *Dun Mikiel Xerri* (11/12/32) |
| | 40 | *Milied u Missjoni* |
| | 41 | *Ħerba* (17/12/32) |
| | 42 | *Tweġiba lil Biljett ta' Miss Mary Mejlek* (25/12/32) |
| | 43–44 | *Ora Santa* (25/12/32) |
| | 45 | *Nhar in-Nawfraġju* (19/1/33) |

| | |
|---|---|
| 46 | *Lil M.A. Vassalli* (25/3/33) |
| 47 | *Frak biex ma Jintilefx* (12/4/33) |
| | *Naf . . . u Nemmen* |
| 48 | *Kewkbit l-Imħabba* (6/5/33) |
| 49–50 | *Il-Werqa* (6/5/33) |
| 51–52 | *Bla Magħruf* (7/5/33) |
| 53 | *Ir-Rażna* (15/5/33) |
| 54 | *F'Kollox l-Id t'Alla* (16/5/33) |
| 55 | *Għall-Album ta' Ġużè Galea* (17/5/33) |
| 56 | *Fl-Album ta' Pawlu Caruana Ħabib ta' Gerada* (7/6/33) |
| 57 | *Lil Mr. D.J. Arkell of St. Edward's College – Tweġiba għal Xmas Card Tiegħu* (22/12/33) |
| 58 | *Tweġiba lil Marija Mejlak li fix-Xewqat tal-Milied Sejħitli "Lill-Kbir Poeta Tagħna"* (24/12/33) |
| 59 | *Nhar in-Nawfraġju* (1934) |
| 60 | *Ħsieb* (varia) |
| 61 | *Dehra tat-VIII ta' Settembru 1565* (19/8/34) |
| 62 | *Qassis Ġdid* (26/8/34) |
| 63 | *Lill-Prof . . . Pidi* (5/10/34) |
| 64 | *Milied u Presepju* (24/12/34) |
| 65 | Varia (23/9/44) |
| 66 | *F'Biljett lir-Rev. du Patri Glavina S.J.* (2/4/45) |
| 67 | *Innu għat-Tfal ta' l-Iskejjel Primarji* |
| 68 | *Lill-Madonna* (?/5/50) |
| 69 | *Lill-P. G. Cremona f'Lixandra* (3/6/54) |
| 70–71 | *Innu ta' l-Emigranti Maltin lil Malta* (22/2/50) |
| 72 | *Ingenuità* (8/9/40) |
| 73 | *Ċiviltà Ġdida* (6/3/32) |

Jekk minn din il-ġabra kollha tħalli barra t-testi magħrufa mxandrin fi żmien il-poeta, kif ukoll it-testi mxandrin minni f'*Dun Karm – Il-Bniedem fil-Poeta*, jibqa', bejn wieħed u ieħor, dawn il-ħwejjeġ ta' interess għall-istudjuż: (a) xi varjazzjonijiet u tibdil fil-verżjoni ta' xogħlijiet importanti magħrufa; (b) xi versi bl-Ingliż u bit-Taljan; (ċ) xi riflessjonijiet ħfief jew qlib ta' versi minn ilsien ieħor għall-Malti. Se nittratta fil-qosor kull taqsima msemmija.

## Varjazzjonijiet ta' xogħlijiet magħrufa

Wieħed mill-aspetti importanti fl-istħarriġ tal-proċess kreattiv, mibni tabilfors fuq ix-xhieda li toħroġ mill-irqaqat kollha tal-manuskritt, hu l-għarfien tad-differenzi, żgħar jew kbar, li bis-saħħa tagħhom il-poeta jasal għall-verżjoni aħħarija tiegħu. Ma' tul din il-"mogħdija" mentali ssib ħjiel ta' l-għażliet, ix-xejriet u l-konklużjonijiet ta' l-

awtur hu u jasal għall-aħħar espressjoni tiegħu.

Il-każ l-aktar importanti ta' din ix-xeħta hu dak li jolqot lill-aħħar terżina tas-sunett "Lil Malta". Fil-verżjoni magħrufa mxandra mill-poeta f'*Il-Malti*, III, vol. XV, Sett. 1939, p. 67, u f'*Il-Għana ta' Dun Karm* (ed. Ġ Bonnici), I, A.C. Aquilina & Co., 1939, p. 168, it-terżina hi din:

*Daqsek lil ħadd; għaliex jekk inti żgħira,*
*setgħetek huma kbar fir-ruħ u l-ġisem,*
*u ġmielek sa fil-kbar nissel il-għira.*

L-iskema tar-rima tas-sunett torbot lill-aħħar kelma ta' l-ewwel vers tat-terzina (*żgħira*) ma' seħbitha fi tmiem it-tielet vers (*għira*). Għall-ewwel Dun Karm kiteb il-kelma *ċkejkna* biex taqbel mal-vers finali:

u jien ma smajt lil ħadd jgħidlek: imsejkna!

It-tibdil tal-kelma (*żgħira* minflok *ċkejkna*) hu msieħeb mat-tibdil tal-vers finali. Dawn huma l-erba' verżjonijiet miktubin, fil-fehma tiegħi, fl-ordni tal-għażla li twassal għall-għażla definittiva:

(a) u ġie li sa fil-kbar nissilt il-għira.
(b) u jien smajt fuqek kliem li jfisser għira.
(ċ) u ġmielek nissel sa fil-kbar il-għira.
(d) u ġmielek sa fil-kbar nissel il-għira.

Nagħżel li nqiegħed f'din l-ordni dawn l-erba' versi differenti fil-forma, kważi identiċi fil-qofol tematiku, mhux biss għaliex aktarx dan hu l-aħjar qari tal-proċess tal-kitba fil-manuskritt, iżda wkoll u aktar għaliex mill-ewwel verżjoni sa l-aħħar waħda hemm mixja lejn definitezza fl-espressjoni. Il-poeta jrid jikkuntrasta ċ-ċokon ġjografiku tal-pajjiż mal-kobor (ġjografiku u kulturali) tal-kbar, u għalhekk jisħaq fuq "l-għira" (kulturali). L-akbar differenza hi bejn l-ewwel żewġ versi u l-aħħar tnejn; it-tnejn ta' l-aħħar ivarjaw biss fil-qagħda tal-kelma *nissel*. Iċ-ċaqliqa tal-kelma toħloq bidla sostanzjali fil-mewġa mużikali ta' l-endekasillabu. Jekk jitħalla barra, għaliex hu fiss u regolari, l-aċċent fuq l-għaxar waħda, u jekk wieħed jiftakar li l-endekasillabu jitlob żewġ aċċenti jew tlieta oħra fuq l-ewwel tmienja, wieħed jista' jikkonkludi li Dun Karm qiegħed jagħżel bejn żewġ mewġiet ritmiċi: 4 – 8 – 10 jew 2 – 6 – 10. Fil-każ ta' l-aħħar interpret-azzjoni tibqa', fil-fehma tiegħi, il-possibbiltà li wieħed jissuspetta li Dun Karm ried jirrikorri għal għażla aktarx rari fit-tradizzjoni ta' l-endekasillabu, għad li hi preżenti wkoll fil-poeti ewlenin, bħal Dante:

l-għażla ta' l-aċċent fuq is-seba' sillaba. Skond din l-interpretazzjoni (li qiegħed nagħtiha biex inqis il-possibbiltajiet kollha, aktar milli għaliex naħseb li hi l-għażla ta' Dun Karm), il-kelma magħżula, u mbagħad imċaqalqa minn postha, (*nissel*) tieħu l-aċċent ritmiku, u l-endekasillabu jispiċċa biex isegwi din il-mewġa mużikali: 2 – 7 – 10. Hu x'inhu, tibqa' dejjem it-tensjoni (l-aqwa xejra tas-sunett, u xejra li Dun Karm iħaddimha b'ħila kbira fl-aqwa sunetti tiegħu) bejn żewġ sillabi mqegħdin ħdejn xulxin li t-tnejn qegħdin jiġġieldu għas-supremazija ta' aċċent wieħed bejniethom (*kbar nissel*).

Dettal ieħor f'din it-terżina jolqot lit-tieni vers. Dun Karm għażel mill-ewwel il-kliem kollu li hemm fil-verżjoni finali, iżda għall-ewwel qiegħed il-kliem f'din l-ordni:

*huma setgħetek kbar fir-ruħ u l-ġisem*

Fil-manuskritt huwa biddel din l-ordni billi qiegħed in-numri 1, 2, 3 fuq il-kelmiet *setgħetek, huma* u *kbar* rispettivament, biex wasal għall-vers magħruf.

Għandhom tifsira wkoll il-varjanti taż-żewġ versi li ġejjin; it-tibdil jintfehem aħjar jekk jitqabbel mal-verżjoni finali:

*lill-ġara Italja, l-omm tal-poeżija,*
*lill-ġara tagħna, l-omm tal-poeżija,*

*Inħobb ukoll lill-oħra, llum ta' ġewwa,*
*Inħobb iżjed lill-oħra, llum ta' ġewwa.*

Fil-test mogħti f'*Il-Għana ta' Dun Karm* (iżda mhux fit-test imxandar f'*Il-Malti*), wara l-virgola li taqsam il-vers fi tnejn hemm il-vokali *i* miżjuda (*illum* minflok *llum*).

Varjazzjonijiet importanti oħrajn jinstabu fl-aħħar żewġ versi ta' "Lil Mikiel Anton Vassalli". Qabel ma wasal għat-test magħruf

*u kont ewlieni fost in-nisel tagħna*
*li ħsibt il-jedd li nkunu ġens għalina*

Dun Karm kiteb:

*u fhimt li biss il-kelma li hi tagħna*
*troddilna l-jedd li nkunu ġens għalina.*

Il-bidla hi xhieda ta' tfettiħ u tkabbir tar-rilevanza nazzjonali ta' Vassalli, kif ukoll xhieda ta' reviżjoni ħafifa ta' x'inhi l-bażi tal-jedd ta' l-indipendenza. Fl-ewwel verżjoni Vassalli jidher biss bħala lingwista li ra fil-lingwa l-kwalifika waħdanija għall-awtonomija politika; fil-verżjoni magħrufa Vassalli jidher ukoll bħala politiku, u

mhux biss bħala difensur jew studjuż ta' l-ilsien. Hu mifhum skond il-komponent prattiku tal-persunalità tiegħu, u mhux biss jew l-aktar skond il-kontribut li ta fil-qasam tal-lingwa. Hemm dejjem implikat, madankollu, il-fatt li Dun Karm, bħala romantiku, jemmen li l-lingwa distinta u n-nazzjonalità jimxu flimkien. Il-verżjoni bikrija sseddaq il-fehma ta' De Amicis, u ta' oħrajn, li fejn m'hemmx lingwa m'hemmx nazzjon. L-identifikazzjoni ta' Vassalli mal-mixja Maltija lejn l-Indipendenza, madankollu, hi komuni għaż-żewġ verżjonijiet: *fhimt* u *kont ewlieni li ħsibt il-jedd*, fuq naħa, u fuq in-naħa l-oħra l-frażi *li nkunu ġens għalina.*

## Xi versi bl-Ingliż u bit-Taljan

Il-manuskritt jinkludi wkoll żewġ poeżiji bl-Ingliż u tnejn oħra bit-Taljan. L-ewwel waħda bl-Ingliż hi "Malta" li Dun Karm igħid li nkitbet minn M. Freda Chisnell mill-Iskozja fis-7 ta' Novembru 1930: "The authoress for six years lived in Malta. Her haunting memories of this sunny island have found in this small poem happy expressions". Poeżija oħra hi "God – From my juvenile book of songs". Huma versi li l-poeta kkopja minn ktieb ieħor, jew versi miktuba minnu stess? L-istrofi huma sempliċi u mużikali, u jfissru sentimenti ħfief dwar Alla u l-ħolqien:

*High are the snowy mountains*
*Swept by the eagle's wing;*
*Aloft the azure deserts*
*Where shines the sun of spring;*
*Remote the stars whose splendours*
*The furthest heavens fill;*
*Sublime the milky circle . . .*
*But God is higher still.*

*Mighty the roaring ocean*
*That rolls big foaming waves,*
*Mighty the fiery torrents*
*That burst from granite caves;*
*And the long hidden power*
*Ruling the stars above*
*Is potent . . . yet far mightier*
*Is God's eternal love.*

*How sweet the hues of flowers*
*Kissed by the dawn of day!*
*And quiv'ring in the darkness*
*How sweet the harper's lay!*



Lil-Malta
Sunett.

Iżda dagsek lil ħadd. Inħobb fis-sewwa
lil ġara ~~Italja~~ Taljana, l-omm tal-poeżija,
lil-Isien tagħha li jdoqq mimli bil-ħlewwa,
u 'l-ġensha ħili, bieżel, alenija:
Inħobb ~~[illegible]~~ żżjed lill-oħra, l-lum ta' ġewwa,
li għandha jehma dags l-azzar qawwija,
li taf tibni u tehfer lill-egħdewwa,
sultana ta' qalb kbira w omm għaqlija;
Iżda dagsek lil ħadd, o Malta tiegħi,
għax int biss ommi, int tajtni l-isem,
u għadmek għadmi w demmek jiġri miegħi:
dagsek lil ħadd; għaliex jekk int ~~[illegible]~~ żgħira,
huma setgħetek ktar, sa ruħ u l-ġisem...
u ġie li ~~[illegible]~~ fil- ~~[illegible]~~ nissieħ fil-għira.
~~[illegible]~~
Il-ġsei [illegible] ... kliem li jiġsen għira
u gmielek 3/12/32; sa fil kbar, il-għira

"Lil Malta", p. 37 tal-manuskritt Pro Memoria – Ħsibijiet Żgħar.



*"Lil M.A. Vassalli"*, p. 46 tal-manuskritt **Pro Memoria – Hsibijiet Żgħar.**

*More so the links of friendship,*
*More so maternal style . . .*
*But far, oh far surprassing*
*Is God's benignant smile.*

Il-versi "Ora Santa" jesprimu sentimenti komuni oħrajn li wieħed jistenna mill-bniedem medju li jemmen. Hemm diwi mill-qrib ta' l-innu "Nirien ta' Mħabba", imxandar f'*Il-Malti*, II, vol. XIV, 1938, p. 36. Id-dekasillabu, il-metafori ewlenija, u għadd ta' frażijiet huma x-xhieda ewlenija ta' din ir-rabta, li xi drabi twassal anki għat-traduzzjoni stess, kif jidher minn dan il-konfront:

a) Oh c'io t'ami, ch'io t'ami, ch'io t'ami
Nel mistero del Pane e del Vin.

b) Ħalli nħobbok, inħobbok, inħobbok
Fil-misterju ta' l-għeneb u s-sbul.

Il-mużikalità tad-dekasillabi u ta' l-iskema tar-rima, l-għażla ta' kliem imsieħeb l-aktar mal-virtujiet ewlenin tal-fidi, is-sens tal-qima u t-tama huma xejriet li f'waqtiet oħrajn sabu espressjoni wisq aktar valida, u tbiegħdu ħafna minn din il-burdata mużikali ħafifa.

*Com'è bello il tuo tempio! che trono*
*Circonfuso di luce l'altar!*
*No, l'ebbrezza delle aule sontuose*
*Non la voglio più innanzi gustar.*
*Chè il tuo bacio eucaristico Dio*
*Ha del ciel la fragranza e il sapor:*
*De l'amplesso di madre delira*
*È più forte il tuo amplesso d'amor.*

*E quest'ora che lenta trascorre*
*In soavi colloqui con Te*
*Non ha pari fra cento, fra mille*
*Luminose nei fasti dei re;*
*Chè il tuo bacio ecc.*

*Oh! ch'io viva di Te, Gesù grande,*
*Mi sia sangue il tuo sangue divin;*
*Oh ch'io t'ami, ch'io t'ami, ch'io t'ami*
*Nel mistero del Pane e del Vin.*
*Chè il tuo bacio ecc.*

*Ingenuità* hu sunett diskursiv miktub b'burdata satirika, imnebbaħ mill-qagħda politika dinjija tas-snin tletin-erbgħin. Aktar mill-ħarsa li jagħti lejn il-gwerra hu interessanti l-mod kif il-poeta jdeffes fil-qafas marsus tas-sunett ġabra ta' ġrajjiet veri, jorbothom bil-ħajta tal-

kundanna tiegħu maħlula f'motiv ironiku qares, u joffrihom bħala argument kontra ż-żewġ ditttaturi, diġà mwassla fil-mument storiku li l-ħażen tagħhom jidher ukoll imsejken (interpretazzjoni etika maħlula fi mġiba psikoloġika). Bħalma għamel darba oħra fi spunti ta' versi satiriċi kontra Mussolini, hawn ukoll Dun Karm jinterpreta l-qagħda ta' żmienu u jsieħeb il-gravità ma' l-ironija:

*Or fa qualche mesetto il Buon Tedesco*
*A la Radio lodò l'Ala Fascista,*
*Che già i furbi guardavano in cagnesco*
*Il Duce Mussolin, servo nazista.*
*E disse: A Malta il Bretone sta fresco*
*Chè i Fiat e i Caproni in notte trista*
*Gli distrussero i treni e il gigantesco*
*Arsenal di torpedini, e fu vista*
*La gran miniera di carbon sommersa*
*Sotto un diluvio d'acqua e sarà forse*
*Quivi la tomba d'Albion perversa.*
*Rise il mondo a l'ingenua storiellina;*
*Ma l'ingenuo Benito non s'accorse*
*Che l'astuto Berlin mettealo in berlina.*

## Kitbiet oħrajn

Mill-bqija, il-manuskritt iħaddan xi riflessjonijiet ħfief jew kummenti li l-poeta għamel u ħass li kellu jiktibhom; fih ukoll qlib ta' versi għalihom weħidhom. Ngħidu aħna, hemm it-traduzzjoni ta' "A thing of beauty is a joy for ever" ta' Keats:

*Ħaġa sabiħa għajn ta' ferħ għal dejjem.*

Il-vers anonimu "the idle singer of an empty day" hu maqlub:

*l-għannej għażżien li jgħanni f'jum il-btala.*

Il-versi ta' Shakespeare "The evil that men do lives after them. The good is oft interred with their bones" huma maqlubin hekk:

*Id-deni li n-nies tagħmel jgħix warajhom,*
*Il-ġid aktarx jindifen ma' għadamhom.*

Minn Dante l-poeta silet il-vers "E se non piangi di che pianger suoli?" u qalbu:

*U 'kk ma tibkix biex int imdorri tibki?*

Paġna oħra hi meħuda minn ġabra ta' kliem Ingliż imqabbel fil-ħoss u fit-tifsira ma' kliem Malti, e.g., *cable – ħabel*; *coffin – kefen*; *kettle – kitla*; *cake – kagħka*; *mar – marrar*; *garble – għarbel*; *pot – bott*; *he – hu*; *wade – wied*; *roof – raff*; *door – dur(dar)*; *dad, dada, daddy – ta, tata.*

## Egħluq

Minbarra l-fatt li l-manuskritt jiġbor versi li ma kinux magħrufa, u versi oħrajn fost l-aktar apprezzati mill-opra tiegħu kollha, hemm fih ukoll xhieda tal-kura li biha l-poeta kien iqis ix-xogħlijiet tiegħu, imqar dawk li minn ċertu żmien 'il quddiem f'ħajtu ma baqgħux isibu l-ħeġġa ta' qabel biex jixxandru ftit wara li jkunu nkitbu. Hemm irqaqat oħrajn li jistgħu jingħarfu bi stħarriġ ieħor tal-manuskritt, iżda l-konklużjoni ewlenija hi li fih il-poeta ħares ħarsa lejn uħud mill-aqwa xogħlijiet tiegħu, inkluda oħrajn li m'humiex ta' importanza ewlenija, u ta xhieda ta' kemm kienet bħallikieku naturali x-xejra tiegħu li jittraduċi l-versi li jolqtuh, ħidma li setgħet fil-fatt sabet xorti akbar fil-programm ta' ħajtu.


# BIBLJOGRAFIJA

Xi xogħlijiet oħra ta' Oliver Friggieri dwar Dun Karm

**KOTBA**

*Il-Kultura Taljana f'Dun Karm*, Malta, 1976.
*La cultura italiana a Malta – Storia e influenza letteraria e stilistica attraverso l'opera di Dun Karm*, Italia, 1978.
*Mekkaniżmi Metaforiċi f'Dun Karm*, Malta, 1978.
*Dun Karm – Il-Bniedem fil-Poeta*, Malta, 1980, 1985.
*Dun Karm – Il-Poeżiji Miġbura*, ed. kritika, Malta, 1980.
*Storia della letteratura maltese*, Italja, 1986, pp. 181 – 273.

**STUDJI**

"Il poeta nazionale di Malta – osservazioni linguistiche", *Le lingue del mondo* (Italja), XLIII, 5, 1977, pp. 421 – 422.
"Malta cristiana e il suo poeta", *Litterae Communionis* (Italja), I, 10, 1984, pp. 42 – 49.
"Il poeta nazionale di Malta, Dun Karm: aspetti dell'identità culturale", *Prometeo* (Italja), V, 19, 1985, pp. 25 – 36.



*Dehra ta' siltiet mill-artikli dwar Dun Karm li Dr. Oliver Friggieri ppubblika f'diversi pajjiżi b'lingwi differenti – fosthom il-Grieg, in-Norveġiż, l-Ispanjol, is-Serbo-Kroat, iċ-Ċekoslovakk eċċ.*

"L'esperienza foscoliana di Dun Karm, il poeta nazionale di Malta", *Il delfino* (Italja), XIII, 71, 1983, pp. 9 – 20.
"Dun Karm, the national Poet of Malta", *Revue* (Franza), 28, 1986, pp. 21 – 29.
"Influssi manzoniani sul poeta nazionale di Malta, Dun Karm", *Arcadia* (Ġermanja), 3, 1986, pp. 45 – 51.
"In Search of a National Identity: A Survey of Maltese Literature", *Durham Journal* (Ingilterra), LXXVIII, 1, 1985, pp. 121 – 136.
"L-Ewwel Poeżija ta' Dun Karm", *Il-Polz* (Malta), 26, 1974, pp. 4 – 7.
"Dun Karm, Poeta tal-Poplu, Qassis li Interpreta Nazzjon", *Problemi ta' Llum* (Malta), XXI, 2, 1981, pp. 38 – 43.
"Dun Karm: xi Aspetti tal-Persunalità", *Ir-Ruħ fil-Kelma*, Malta, 1973, pp. 23 – 35.
"Dun Karm tra neoclassicismo e romanticismo", *Journal of Maltese Studies* (Malta), 12, 1978, pp. 10 – 44.
"Problematica foscoliana e superamento cristiano in Dun Karm", *Journal of Maltese Studies* (Malta), 15, 1983, pp. 14 – 30.
"Dun Karm u l-Kultura Maltija", *Pastor* (Malta), XIV, 133, 1980, pp. 27 – 29.
"Dun Karm jirrakkonta dwar Ħajtu", *Sagħtar* (Malta), XI, 76, 1981, pp. 5, 20, 27; XI, 77, pp. 5, 11, 25.
"Il-Poeta tal-Kristjanità Maltija", *Problemi ta' Llum* (Malta), XXV, 6, 1985, pp. 128 – 133.
"Poesiens utvikling pa Malta", *Vinduet* (Norveġja), 38, 1984, pp. 66 – 70.
"Maltesko pjesnistvo", *Istra* (Jugoslavja), 1 – 2, 1986, pp. 101 – 108.
"La evolucion de la poesia en Malta", *Equivalencias* (Spanja), 10, 1986, pp. 128 – 141.
"A History of Maltese Literature: its Nature and Extension", *Revue* (Franza), 20, 1981, pp. 28 – 30.
"Cenni sulla fortuna di Dante nella letteratura maltese", *Studi danteschi* (Italja), LIV, 1982, pp. 175 – 190.
"Erba' Poeżiji Mhux Magħrufa ta' Dun Karm", *Il-Malti* (Malta), III – IV, vol. LXI, 1985, pp. 65 – 67.
"Il poeta nazionale di Malta Dun Karm: la fede tradotta in lirica", *La vallisa* (Italja), V, 14, 1986, pp. 5 – 24.

L-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 1986 SPEĊJALI IN-... TAGHNA — 9

**Fil-25 Anniversarju mill-mewt ta' Dun Karm, il-Poeta Nazzjonali**

# Għanja bi kliem u b'mużika ta' Dun Karm

**F'wieħed mir-ritratti li jeżistu ta' Dun Karm, hu jidher ma'għadd ta' qraba u ħbieb waqt 'xalata' fil-Buskett. Uħud kienu ħadu magħhom xi strumenti mużikali biex jgħaddu ż-żmien.**

Fil-kamra dedikata lilu ġol-Mużew tal-Katidral hemm esebiti kemm il-mandolina tiegħu kif ukoll il-pjanu tiegħu.

Meta kien ġie avviċinat mid-Direttur ta' l-Edukazzjoni biex jikteb il-kliem għall-Innu Malti, Dun Karm kien ġie mogħti l-mużika lesta bil-quddiem.

Wara, kien daqq dik il-melodija fuq il-pjanu tiegħu u ħażż il-kliem li l-lum jinsab imnaqqax f'qalb kull Malti u li kien ukoll ħa l-uffiċjalita' tiegħu mat-tlugħ tal-bandiera Maltija f'dak il-lejl memorabbli f'Settembru ta' l-1964 fit-twelid ta' Malta Nazzjon.



Bħal kull saċerdot ieħor, Dun Karm kellu l-mużika bħala parti mill-edukazzjoni tiegħu. Iżda nistgħu ngħidu li minbarra din l-edukazzjoni mużikali Dun Karm kellu wkoll edukazzjoni mużikali oħra: dik ta' dilettant.

Dun Karm kien dilettant ħafna tal-mużika u min jaf kemm qatta' ħin idoqq melodiji popolari għal żmienu meta kien għadu żagħżugħ.

Dan jidher mill-eżistenza ta' żewġ kollezzjonijiet ta' melodiji magħrufin, ikkopjati mill-istess id tiegħu.

Fl-aħħar faċċata ta' wieħed minnhom hemm għanja jisimha 'DESOLAZIONE' li magħha għandha l-kliem:

Dolce amor mio mi las.. sola
Chi mi conforta? Chi mi consola?
Da te divisa per monti e mari
Priva dei teneri tuoi baci cari.

Madre infelice, a me non resta
Che piato inutile, che aspro martir.

Il-melodiji kollha tal-ktieb għandhom l-isem ta' awtur jew kompożitur tagħhom. Din, l-aħħar waħda, kif jidher mir-ritratt, hi ffirmata S.C. Psaila, u din il-firma tidher TAHT il-mużika, mhux bħall-ismijiet tal-kompożituri l-oħrajn li hu mniżżel biswit it-titlu.

Din l-użanza hi iktar pertinenti fost il-poeti milli fost il-kompożituri, għaliex kompożitur, normalment iħażżeż ismu maġenb it-titlu tax-xogħol għalkemm hemm min ukoll jawtografa x-xogħol b'firma fit-tmiem tax-xogħol.



Fuq il-faċċata tat-titlu Dun Karm kiteb 'Sudd. C. Psaila'. Minn dan kollu wieħed għandu joħroġ bl-ipotesi li minbarra li Dun Karm ikkopja dawn il-melodiji tal-kollezzjoni meta kien sud-djaknu, kien fadallu ftit linji fl-aħħar faċċata vojta u fihom 'ħarbex' 'żewġ noti' għal 'kelmtejn' li ħażżeż hu.

Mill-kliem innifsu wieħed jista' jikkonkludi li kien qiegħed jidentifika ruħu ma' ommu li kienet qiegħda tħoss il-firda tiegħu u waqt li kien magħluq fis-Seminarju.

L-istess kliem għandu paralleliżmi kbar mas-sentiment romantiku li jinsab fil-kliem tal-libretti operistiċi tas-seklu l-ieħor (li minnhom hemm għadd ta' siltiet fil-kollezzjoni) kif ukoll mal-kliem ta' kanzunetti antiki magħrufin bħala 'drawing room songs' jew 'canzone di salotto' li tagħhom, Denza, Tosti, Arditi eċċ, huma popolari ħafna fl-Italja.

Il-melodija ta' "Desolazione" tidher li nkitbet għal-leħen femminili għoli (Sopran) u tista' tippreżenta ċertu diffikulta' lil min ikantaha għaliex il-bidu tagħha hu ftit akut u forsi mhux fil-qabda ta' kulħadd.

Dan hu wieħed mill-fatturi li jġegħluni naħseb li min kiteb din il-mużika hu dilettant. Hemm ukoll fatturi oħrajn, e.ġ. in-nuqqas ta' postijiet fejn kantant jista' 'jistrieħ', in-nuqqas ta' introduzzjoni mużikali, nuqqas ta' battuti fejn l-akkumpanjament idoqq waqt li l-kantant jieqaf (symphony).

Għalkemm il-melodija hi ħafna tal-widna u tipprovdi lok għall-armonija rikka u kromatika, l-istess melodija, mad-daqqa ta' għajn, tissuġġerixxi influenza tal-mużika Gregorjana. Fil-fatt, f'ħafna postijiet, il-linja melodika fiha inuendi ta' meliżmi u newmi għalkemm fil-Gregorjan, sillaba mill-kliem tiġi mogħtija iktar minn nota waħda.

L-istess karatteristika li l-melodija u l-kliem jibdew u jibqgħu għaddejjin bla waqfien sat-tmiem, mit-trejqa mexxejja ħafna, issaħħaħ iċ-ċertezza ta' din l-influenza.

Kif diġa' ntqal, il-kromatiċiżmi eżistenti, huma għal kollox stranjieri għall-Gregorjan, u huma kompatibbli ħafna maż-żmien li fih inkitbet il-mużika.

**Dawn ir-ritratti, meħudin minn Frank Galea, qed ikunu pubblikati għall-ewwel darba, wara li kienu esebiti għall-ewwel darba fil-wirja li saret f'ġieħ Dun Karm fil-każin ta' San Ġużepp ta' Ħaż-Żebbuġ f'Lulju li għadda.**



**Żewġ dehriet tal-funeral fi triqtu lejn iċ-ċimiterju ta' Ħaż-Żebbuġ.**





It-tebut ta' Dun Karm jiddaħħal fil-knisja



It-tebut ta' Dun Karm jitniżżel mill-karru

*Paġna minn wieħed mill-ġurnali ta' kuljum li matul il-ġimgħa 13 – 18 ta' Ottubru, fakkru lil Dun Karm.*

# Kif Fakkru 'l Dun Karm

Jixraq li dan in-Numru Speċjali jagħti tagħrif fil-qosor tat-tifkiriet ewlenin li saru f'ġieh il-Poeta Nazzjonali f'egħluq il-25 sena minn mewtu. Jiġik li taħseb li l-Maltin qegħdin jifhmu aktar xi jfisser għalihom Dun Karm.

• Fl-aħħar ġranet ta' Settembru, l-Akkademja tal-Malti ħabbret *Konkors* ta' kitba fuq "L-Influwenza ta' Dun Karm fil-Letteratura Maltija". Id-ditta *Simonds-Farsons-Cisk* ġentilment offriet l-ispejjeż tal-premjijiet.

• Fit-13 ta' Ottubru, Ħaż-Żebbuġ fakkar lil Dun Karm billi saret *Quddiesa* għal ruħu li kienet ikkonċelebrata minn għadd ta' qassisin. Ġurnata wara, fil-Knisja marbuta hekk mill-qrib mal-ħajja ta' Dun Karm, saret *Akkademja Mużiko-Letterarja* f'ġiehu: tkantaw u ndaqqu xi innijiet tiegħu, inqraw xi poeżiji u saru żewġ diskorsi – Joe Zammit Ciantar M.A. qalilna "min hu Dun Karm", waqt li Mons. L.



Cachia tana t-tifkiriet tiegħu tal-Qassis-Poeta. Fl-istess knisja nkixfet *lapida* f'ġieħ Dun Karm li tbierket minn Mons. Arċisqof li ppresieda s-serata organizzata hekk tajjeb minn Mons. L. Cachia.

• Matul il-ġimgħa 13 – 18 ta' Ottubru, wara talba mill-Akkademja tal-Malti, l-awtoritajiet tal-Posta mmarkaw l-ittri bit-*timbru*: 1961 – 1986 XXV ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA' DUN KARM IL-POETA NAZZJONALI.




*It-timbru kif deher stampat fuq ittri li għaddew mill-Uffiċċju Ċentrali tal-Posta fil-Belt, matul il-ġimgħa 13 – 18 ta' Ottubru, 1986.*

*Dehra ta' waħda mill-attivitajiet li saru fi Skola Sekondarja, hawnhekk dik tas-Subien fi Triq Ġużè Damato, Raħal Ġdid – kwizz dwar Dun Karm immexxi minn A. Ellul Galea B.A. u T. Ellul B.A.*



• Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni wara talba mill-Akkademja wkoll, bagħat ċirkulari lill-iskejjel tal-Gvern u privati biex matul l-istess ġimgħa jfakkru 'l Dun Karm. Għalhekk saru *diversi attivitajiet* xierqa f'ġieh il-Poeta Nazzjonali.

• Fit-18 ta' Ottubru, l-Akkademja tal-Malti, fil-Kattidral ta' l-Imdina, organizzat *Quddiesa Konċelebrata* għal Dun Karm, immexxija minn Mons. Prof. Dun Karm Sant, Viċi-president, li għamel ukoll l-omelija bit-tifkira ta' Dun Karm; fil-konċelebrazzjoni ħa sehem, fost qassisin oħra, il-President, Patri J. M. Ghigo S.J.

• Aktar tard, fl-istess post, Dr. Danjel Micallef, Ministru ta' l-Edukazzjoni u l-Ambjent, bil-kooperazzjoni tal-Kapitlu Metropolitan, ippresieda *Lejla ta' Tifkira* f'ġieh Dun Karm, organiz-

*Fuq quddiem: L-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr. D. Micallef, is-Sinjorina K. Mikallef Buħaġar, Ġużè Cardona u Mons. Prof. Karm Sant. Fost il-mistdnin jidhru wkoll is-sur Joe Zammit Mangion u l-Imħallef Wallace J. Gulia. (ritratt: The Times)*





*Dun Karm qiegħed jirċievi l-Midalja Ġużè Muscat Azzopardi mingħand il-Gvernatur ta' dak iż-żmien, Sir Francis Dauglas. (ritratt: The Allied Malta Newspapers Ltd.).*

zata mill-Ministru. Kien hemm qari ta' poeżiji, kant ta' innijiet akkumpanjat bl-orkestra, diskors minn Ġużè Cardona M.A., fuq "Diwi ta' l-Innu Malti fil-poeżija ta' Dun Karm" u diskors mill-istess Ministru. F'din il-lejla Chev. J. P. Vassallo, li kien wiret il-medalja


Questa fotografia rappresenta Sua Eccellenza il Governatore Sir Douglas, che mi appende al petto la Medaglia d'oro "Giuseppe Muscat Azzopardi" data la prima volta a me, per

(COPYRIGHT)
"THE ALLIED MALTA NEWSPAPERS LTD."
"Times of Malta"
"Il Berka"
"The Sunday Times of Malta"

decisione del Comitato, come al Poeta Nazionale di Malta.

*Il-kitba minn id Dun Karm li tinsab fuq in-naħa ta' wara tar-ritratt ta' l-okkażjoni ta' l-għoti tal-midalja Ġużè Muscat Azzopardi (ara faċċata – p. 120).*

Ġużè Muscat Azzopardi li kien rebaħ Dun Karm stess, għoġbu jirregalaha lill-Mużew tal-Kattidral għall-Kamra Dun Karm fejn il-lejla għalqet b'bibita.

• Fl-1 ta' Novembru fir-Rabat, Għawdex, il-Ministru Dr. Daniel Micallef fakkar mill-ġdid lil Dun Karm b'*Lejla Mużiko-Letterarja* bħal dik li saret fl-Imdina.



*(ritratt: Joe M. Attard)*

• Fit-28 ta' Novembru fil-Belt Valletta saret *Akkademja Mużiko-Letterarja*, organizzata mill-Għaqda Poeti, l-Akkademja tal-Malti u tliet għaqdiet letterarji oħra. F'isem l'Akkademja, Joe Zammit Mangion M.A., ħejja diskors fuq "Dun Karm u l-Ilsien Malti".

• Fil-5 ta' Diċembru fil-Hotel Phoenicia (Green Lounge) l-Akkademja tal-Malti ħasbet biex torganizza l-aħħar tifkira ta' dan l-istaġun. Dak in-nhar, l-Imħallef Dr. Wallace Gulia, President Onorarju, għamel *diskors ta' l-okkażjoni* minsuġ b'tifkiriet personali, Patri J. M. Ghigo S.J., President ta' l-Akkademja, ħabbar *ir-riżultat tal-konkors* f'isem il-ġurija magħmula minn Mons. Prof. Dun Karm Sant, Ġużè Cardona M.A., Dr. Oliver Friggieri u minnu, imbagħad ippresieda *Forum Kulturali* fuq Dun Karm. B'dan il-mod saret valutazzjoni tal-Poeta



*Dr. Oliver Friggieri (ir-raba' mix-xellug) qiegħed jitkellem waqt il-forum. Il-membri l-oħra mix-xellug kienu: L-Imħallef Dr. Wallace Ph. Gulia, Ġużè Cardona B.A., M.A., Patri J. M. Ghigo u, Ġużè Chetcuti (l-aħħar wieħed, fuq il-lemin).*



*Ġużè Chetcuti, Dun Ġwann Azzopardi, Ġużè Cassar Pullicino, Oliver Friggieri, Mons. Law. Cachia u l-President ta' l-Akkademja Patri J. M. Ghigo, S.J. waqt ir-riċeviment li sar wara l-laqgħa tal-Hotel Phoenicia.*

Nazzjonali bis-sehem ta' Ġużè Cardona, Ġużè Chetcuti u Oliver Friggieri. Ir-riżultat tal-konkors huwa dan:- 1. Alfred Massa (Ħal-Tarxien), 2. Charles Bezzina (Ir-Rabat – Għawdex) u 3. Josette Attard (Il-Ħamrun).

- Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u l-Ambjent ħaseb ukoll biex Dun Karm jitfakkar bil-ħruġ ta' *ktejjeb ferm interessanti* li juri ħafna ritratti tal-Poeta Nazzjonali matul ħajtu u tal-postijiet fejn għex u ħadem bil-għan li jgħin lill-istudenti jżuru dawn il-postijiet. Dan il-ktejjeb kien imhejji minn Ġużè Cardona.
- Fuq il-mezzi tax-xandir bis-smigħ, kull ġimgħa minn Lulju sa Diċembru, Tonio Bonello mexxa *sensiela twila ta' intervisti* lil diversi nies biex wera aħjar min kien Dun Karm.
- Il-Moviment ta' l-Għalliema Magħquda (MUT) fakkar dan l-

anniversarju b'diversi modi.

*Saghtar* ta' Ottubru fakkar lil Dun Karm.



*Il-qoxra ta' wara ta' Saghtar li fakkar lil Dun Karm.*

*Is-sur A. Buhagiar (President ta' l-M.U.T.) u s-sur J. Zammit Ciantar (wiehed mill-edituri ta' Saghtar) waqt il-konferenza stampa dwar it-tqassim tal-bustijiet ta' Dun Karm li l-istess M.U.T. ordnat ghall-okkażjoni.*



L-MUT ordnat bustijiet ta' Dun Karm li nhadmu mill-iskultur Toni Ellul u qassmet wiehed lill-membri ta' l-istampa u iehor lil kull kap ta' skola privata u statali biex jitqieghed fl-uffiċċju ewlieni ta' kull skola. Stampat ukoll kartolina b'dan il-bust. Din inbieghet lit-tfal fl-iskejjel kollha ta' Malta u Ghawdex. Ordnat ukoll medalja kommemorattiva (f'numru limitat).

• Fil-ġurnali kollha, matul il-ġimgha 13 – 18 ta' Ottubru, l-aktar fil-paġni letterarji, dehru artikli u studji dwar Dun Karm bil-hsieb ta' l-istess tifkira.

**J.M.G. u J.Z.C.**






## REĊENSJONI

# TAGĦRIF ĠDID

**Ġużè Cassar Pullicino, *DUN KARM: tagħrif ġdid u noti kritiċi,* Ħamrun: PEG Ltd., 1985. 187p.**

Dan il-ktieb ġie f'idejja mingħand l-awtur innifsu meta ltqajna s-sena l-oħra f'JUM DUN KARM. Dak in-nhar is-sur Ġużè fakkarni li Dun Karm kien it-tieni President ta' l-Għaqda tal-Kittieb tal-Malti, magħrufa llum bħala l-Akkademja tal-Malti. Imħabba f'hekk, dan il-ktieb qrajtu aktar malajr mis-soltu, għalkemm għaddew ix-xhur biex ktibt din ir-reċensjoni.

L-ewwelnett tajjeb li l-qarrej ikun jaf li dan il-ktieb jagħmel sehem minn edizzjoni kritika b'diversi kotba fis-sensiela li hi maħsuba biex tgħin lill-istudenti għall-Matrikola Ordinarja u Avvanzata tal-Malti. Bi ktieb bħal dan l-istudenti jitgħallmu jinżlu aktar fil-

fond fl-istħarriġ tagħhom tal-kotba magħżula għall-eżami. Għalhekk hi ħaġa siewja tassew li studjużi bħal Ġużè Cassar Pullicino, bil-għajnuna ta' pubblikaturi bħal PEG, iwasslu l-klassiċi Maltin lill-ġenerazzjoni li tielgħa. Xogħlijiet bħal dan jinqraw l-aktar għall-imberkin eżamijiet, imma għandna għax nittamaw li f'moħħ l-istudenti jibqgħu ħafna ħwejjeġ għax l-ilsien u l-letteratura nazzjonali ħaqqhom wisq aktar stima milli jkunu biss marka fil-kompetizzjoni ta' l-eżamijiet.

Kien ħsieb verament għaqli li t-tagħrif li ġabar l-awtur bl-akbar reqqa fun Dun Karm ma jitgawdiex minn ftit semmiegħa ta' konferenza, imma għaraf igħaddihulna b'żidiet oħra biex jitgawda minn ċirku usa'. It-taqsim tal-materjal u l-preżentazzjoni tiegħu tgħin u tħaffef il-qari. Minn pubblikazzjoni żgħira bħal din tara kemm jista' jagħmel aktar progress kulma għandu x'jaqsam mal-Malti bis-saħħa ta' nies dedikati għat-tiftix, bħalma huwa l-awtur ta' dan il-ktieb.

F'din in-nota ħaqqha li tissemma wkoll dik il-mara għarfa li hija xempju għall-Maltin kollha: Karmen Mikallef-Buħaġar inqdiet b'ġidha b'diversi modi imma l-aktar biex il-poeta nazzjonali Dun Karm jibqa' jitfakkar kif jistħoqqlu ta' kull sena. Ix-xogħol ta' tiftix miġbur għal dan il-ktieb nistgħu ngħidu li kien inbeda tliet snin ilu, meta Ġużè Cassar Pullicino kien ta l-konferenza organizzata mill-Fondazzjoni Karmen Mikallef-Buħaġar.

J.M.C.

**Nota Editorjali:**

L-artikli ta' Mons. Law. Cachia (p. 17), ta' Dr. Daniel Micallef (p. 21), ta' Dr. Anton Buttigieg (p. 25) u ta' Ġużè Cardona (p. 95) huma biss siltiet mid-diskorsi oriġinali li tħejjew għal okkażjonijiet diversi (ara pp. 117 – 124). L-artiklu ta' J. Zammit Ciantar (p. 5), li wkoll kien tħejja għal okkażjoni fil-Knisja Parrokkjali f'Ħaż-Żebbuġ, huwa l-unika wieħed li qiegħed jidher kollu għax huwa l-unika artiklu li jagħti *fil-qosor* ħjiel tal-karriera ta' Dun Karm u qiegħed jidher f'din il-ħarġa ta' *Il-Malti*.

Fil-preżentazzjoni tal-materjal, l-ismijiet tal-poeżiji jidhru bejn il-virgoletti (*quotation marks*), filwat li t-titli ta' kotba u perjodiċi/ġurnali jidhru b'tipi fil-korsiv.



*Dun Karm (it-tieni mix-xellug fuq quddiem) ma' membri ta' l-ewwel kumitat ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti maħtur nhar is-7 ta' Mejju, 1922. Il-membri l-oħra huma: mix-xellug fuq wara – Ġużè Micallef, Rogantin Cachia, A. M. Borg, F. S. Caruana u Ġużè Micallef Goggi. Mix-xellug fuq quddiem: Ġużè Darmanin Demaio P.L., Dun Karm, Ġużè Muscat Azzopardi B.M., P.E.P., P.L., Ġanni Vassallo u Ninu Cremona*